


# SUSSIDJU GĦAR-RANDAN 2026

**Ippubblikat mid-Djoċesi ta’ Għawdex**
**fi Frar 2026**

Editur: Mons. Joseph Sultana, Segretarju Pastorali Djoċesan
Mitbugħ: Gozo Press Ltd, Għajnsielem, Għawdex

## WERREJ

| | | |
|---|---|---|
| I | Ċelebrazzjoni Penitenzjali għal Żmien ir-Randan | 1 |
| II | Skema ġenerali għall-Eżami tal-Kuxjenza | 11 |
| III | Proposti għal Omeliji ta’ Żmien ir-Randan (Sena A) | 15 |
| IV | Ħsibijiet għal kull ġurnata tar-Randan | 35 |
| V | Lectio Divina għall-Ħdud tar-Randan (Sena A) | 69 |
| VI | Proposta kateketika għall-Eżerċizzi tar-Randan | 101 |

I

# ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI GĦAL ŻMIEN IR-RANDAN

## *"Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek" (Salm 51:3)*

*Fit-taraġ tal-presbiterju jitqiegħdu xi ktajjen u xikel li jirrappreżentaw l-iskjavitù li jġib id-dnub, u f'nofs dawn il-ktajjen titqiegħed xemgħa bħala sinjal ta' Kristu Rxoxt, li kif jgħid San Pawl, "bil-mewt tiegħu qered il-mewt tagħna u bil-qawmien tiegħu tana ħajja ġdida".*

## L-EWWEL PARTI

### Innu tal-bidu

### Tislima taċ-ċelebrant

℣. Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu.
℟. *Amen.*

℣. Grazzja lilkom u sliem mingħand Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu, li ta ħajtu għalina u għal dnubietna.
℟. *U miegħek ukoll.*

### Talba

℣. B'qalb niedma u sogħbiena nsejħu lill-Mulej. Ħa jgħinna bl-Ispirtu tiegħu, sabiex fil-Knisja, il-komunità ta' dawk mifdija bid-demm ta' Ibnu u bil-ħniena tiegħu, isiru ħaġa waħda fil-glorja tal-Mulej irxoxtat.

Nitolbu għal mument fis-skiet.

Mulej, Alla tagħna u Missierna, li bil-passjoni ta' Ibnek tajtna l-ħajja mill-ġdid, agħtina li, magħqudin permezz tal-penitenza u ndiema fil-mewt tiegħu, nistgħu, mal-bnedmin kollha mifdija bis-salib u l-mewt

tiegħu, nieħdu sehem fil-qawmien tiegħu mill-imwiet. Bi Kristu Sidna.
℟. *Amen.*

*Wara l-kant u t-tislima, tingħata tifsira u skop taċ-ċelebrazzjoni miċ-Ċelebrant.*

## IT-TIENI PARTI
## Il-Liturġija tal-Kelma

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija** (2:1-13)

Mur u għajjat f'widnejn Ġerusalemm, u għidilha: "Dan jgħid il-Mulej: 'Ftakart fil-ħlewwa ta' żgħożitek, fl-imħabba tal-għerusija tiegħek, meta kont tiġri warajja fid-deżert, f'art mhux miżrugħa'.

Dan jgħid il-Mulej: 'X'nuqqas sabu fija missirijietkom biex tbiegħdu minni, u mxew wara l-frugħa, u saru huma stess frugħa? Ma qalux: "Fejn hu l-Mulej li tellagħna mill-art tal-Eġittu, li mexxiena fid-deżert, minn art niexfa u maħruqa, minn art għatxana u mudlama, minn art li minnha ħadd ma jgħaddi, u fiha ma jgħammar ħadd?". Jien ġibtkom f'art qisha ġnien, biex tieklu l-frott tagħha u dduqu l-benna tagħha. Imma ġejtu u tebbajtuli arti, waqqajtuli l-wirt tiegħi f'għajb.

Il-qassisin ma staqsewx: "Fejn hu l-Mulej?". L-għorrief tal-liġi ma għarfunix; ir-ragħajja dinbu kontrija; il-profeti ħabbru f'isem Bagħal, u marru wara ħwejjeġ fiergħa. Hemm xi ġens li qatt biddel l-allat tiegħu? Iżda poplu tiegħi bidel il-glorja tiegħu max-xejn! Għax tnejn huma d-dnubiet tal-poplu tiegħi: telqu lili, l-għajn tal-ilma ġieri, biex ħaffru bjar għalihom, bjar miksura li ma jżommux ilma'".

℣. Il-Kelma tal-Mulej.
℟. *Irroddu ħajr lil Alla.*

**Salm Responsorjali** (Salm 89)

℟. *It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.*

It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni;
f'kull żmien ixandar fommi l-fedeltà tiegħek.
Għax jien għedt: "Tjubitek tibqa' sħiħa għal dejjem;
bħas-smewwiet int wettaqt il-fedeltà tiegħek". ℟.

"Għamilt patt mal-magħżul tiegħi,
ħlift lil David, il-qaddej tiegħi:
'Jien nagħmel li nislek jibqa' għal dejjem,
li f'kull żmien jibqa' sħiħ it-tron tiegħek'. ℟.

Ifaħħru s-smewwiet għeġubijietek, Mulej,
u l-fedeltà tiegħek fil-ġemgħa tal-qaddisin.
Għax min hemm fis-sema daqs il-Mulej?
Min jixbah lill-Mulej fost dawk li hemm fis-sema?
Tal-biża' Alla fil-laqgħa tal-qaddisin,
kbir u tal-biża' fuq dawk kollha ta' madwaru. ℟.

**Akklamazzjoni tal-Vanġelu**

Glorja u tifħir lilek, Kristu.
Jekk illum tisimgħu leħnu la twebbsux qalbkom.
Glorja u tifħir lilek, Kristu.

**Il-Vanġelu** (Lq 18:9-14)

℣. Il-Mulej magħkom.
℟. *U miegħek ukoll.*

℣. ✠ Qari mill-Evanġelju Mqaddes skont San Luqa.
℟. *Glorja lilek, Mulej.*

Kien hemm uħud li kienu jafdaw fihom infushom li huma ġusti u kienu jmaqdru lill-oħrajn. Ġesù qalilhom din il-parabbola: "Żewġt irġiel, wieħed Fariżew u l-ieħor pubblikan, telgħu fit-Tempju biex jitolbu. Il-Fariżew, wieqaf, talab hekk f'qalbu: 'O Alla, niżżik ħajr li m'iniex bħall-bqija tal-bnedmin, ħalliela, inġusti, żienja, jew ukoll bħal dan il-pubblikan. Jiena nsum darbtejn fil-ġimgħa u nħallas l-għexur ta' kulma ndaħħal'.

Iżda l-pubblikan, bilwieqfa fil-bogħod, anqas biss ried jerfa' għajnejh lejn is-sema, imma beda jħabbat fuq sidru u jgħid: 'O Alla, ħenn għalija, għax jien midneb!'.

Ngħidilkom jien li dan, u mhux l-ieħor, niżel id-dar iġġustifikat. Għax kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar".

℣. Il-Kelma tal-Mulej.
℟. *Tifħir lilek, Kristu.*

**Omelija**

**Eżami tal-Kuxjenza**

- Fil-qrara jew qrariet ta' qabel, insejt xi dnubiet gravi jew ħallejthom barra? Wettaqt it-tewba li tani l-konfessur? Pattejt għan-nuqqasijiet tiegħi? Ippruvajt iqiegħed fil-prattika dak li pproponejt li nagħmel biex intejjeb ħajti skond il-Vanġelu?
- Qalbi hi tassew miftuħa għal Alla; nista' ngħid li nħobbu fuq kull ħaġa oħra u bi mħabba ta' iben jew bint, billi nosserva fedelment il-kmandamenti tiegħu? Inħalli wisq il-ħwejjeġ tad-dinja jiġbduni lejhom? F'għemili nimxi dejjem b'intenzjoni retta?
- Hi qawwija biżżejjed il-fidi tiegħi f'Alla, li f'Ibnu wriena l-Kelma tiegħu? Inħaddan b'qalbi kollha t-tagħlim tal-Knisja? Għandi għal qalbi l-formazzjoni Nisranija, billi nisma' l-Kelma ta' Alla, nieħu sehem fil-katekeżi, u naħrab dak kollu li jista' jipperikola l-fidi? Stqarrejt dejjem

b'kuraġġ u bla biża' l-fidi tiegħi f'Alla u fil-Knisja? Fittixt li nuri li jien Nisrani/ja fil-ħajja privata u pubblika tiegħi?

- Għandi qima u mħabba lejn l-isem qaddis ta' Alla, jew offendejtu bid-dagħa, bil-ġurament falz, billi semmejtu fil-batal? Xi darba bi kliemi ma wrejtx rispett lejn il-Madonna u l-Qaddisin? Qed inqaddes Jum il-Mulej u l-festi tal-Knisja, billi nieħu sehem ħaj, attent u devot fil-Quddies? Evitajt li nagħmel xogħol bla bżonn fil-jiem ta' festa?
- Lill-proxxmu tiegħi nħobbu tassew, jew napprofitta minn ħuti, ninqeda bihom għall-interessi tiegħi u nimxi magħhom b'mod li ma nixtieqx li ħaddieħor juża miegħi? Tajt skandlu bi kliemi jew b'għemili?
- Ferejt b'azzjoni jew bi kliem lill-proxxmu, inqastu mir-rispett u l-ġieħ, għamiltlu ħsara fil-ġid tiegħu? Żammejt sieket/siekta f'sitwazzjonijiet fejn minflok stajt inħeġġeġ għat-tajjeb? Fil-ħajja taż-żwieġ qed nirrispetta t-tagħlim tal-Knisja dwar il-ftuħ għall-ħajja u r-rispett tagħha? Kont dejjem fidil/a lejn marti/żewġi mqar bil-ħsieb? Bejjitt f'qalbi spirtu ta' mibegħda? Iġġelidt jew tlewwimt? Lissint kliem li joffendi jew insulti, jew infaħt spirtu ta' tilwim u korla? Fis-sewqan jew fl-użu ta' mezzi oħra ta' trasport poġġejt fil-periklu l-ħajja tiegħi jew dik tal-oħrajn?
- Żammejt ġismi safi u kast, skont l-istat ta' ħajti, waqt li rajt fih tempju tal-Ispirtu s-Santu, iddestinat għall-qawmien u għall-glorja? Ħadt ħsieb tas-sensi tiegħi u ħrabt milli nħammeġ ruħi u ġismi bi ħsibijiet jew xewqat ħżiena, bi kliem u b'għemil mhux xieraq? Esponejt ruħi għal qari, diskors, spettakli, divertiment li ma jaqblux mal-onestà umana u Nisranija? Bi mġibti kont ta'skandlu għall-oħrajn?

**Mument ta' skiet**

**Kant**

## IT-TIELET PARTI
## Qrar individwali

℣. Fiduċjużi fil-ħniena ta' Alla Missierna, nistqarru li aħna midinbin.

Flimkien, possibbilment għarkupptejna:

℟. *Nistqarr 'l Alla li jista' kollox, u lilkom, ħuti, li jiena dnibt ħafna bil-ħsieb, bil-kliem, bl-egħmil u billi ħallejt dmirijieti: ħtija tiegħi, ħtija tiegħi, bl-ikbar ħtija tiegħi. Għalhekk nitlob lill-imqaddsa Marija dejjem Verġni, lill-Anġli u l-Qaddisin kollha, u lilkom, ħuti, biex titolbu għalija lill-Mulej Alla tagħna.*

℣. Inqumu bilwiefqa.

Issa, ejjew nippreparaw ruħna biex nilqgħu mill-ġdid il-ħajja fi Kristu, ejjew nistqarru l-fidi tagħna fil-Mulej u nitolbu li l-lebbra tad-dnub li tebbgħetna tiġi ppurifikata. Ejjew għalhekk flimkien intennu:
℟. *Ġesù, jekk trid, tista' tfejjaqni!*

℣. Mill-ħsieb li m'għandix bżonnok kuljum:
℟. *Ġesù, jekk trid, tista' tfejjaqni!*

℣. Minn ħajja ta' żewġt uċuħ tiegħi, mingħajr ma nfittex it-triq tal-libertà fil-maħfra tiegħek:
℟. *Ġesù, jekk trid, tista' tfejjaqni!*

℣. Meta l-intenzjonijiet tajbin ma jiġux imwettqa, meta nħalli warajja t-talb u l-laqgħa tiegħi miegħek:
℟. *Ġesù, jekk trid, tista' tfejjaqni!*

℣. Meta nagħmel kompromessi mal-ħażen, bid-diżonestà, bil-gideb, meta niġġudika lil ħaddieħor, nistmerrhom, u nitkellem ħażin fuqhom, inwaħħal f'kulħadd u f'kollox:
℟. *Ġesù, jekk trid, tista' tfejjaqni!*

℣. Meta nkun kuntent li ma nagħmel l-ebda ħsara, imma nonqos milli nagħmel il-ġid billi naqdi lill-Knisja u lis-soċjetà:
℟. *Ġesù, jekk trid, tista' tfejjaqni!*

**Missierna**

℣. Issa, fl-ispirtu tal-Vanġelu ejjew nsejħu bil-fidi lil Alla Missierna biex niksbu l-maħfra tad-dnubiet.

**Kant**

Missierna illi inti fis-smewwiet,
jitqaddes l-isem tiegħek,
jitqaddes l-isem tiegħek,
tiġi saltnatek, ikun dak li trid inti,
ikun dak li trid inti
fis-sema hekkda fl-art.

Ħobżna, ħobżna ta' kuljum,
agħti, agħtina llum.
Aħfrilna d-dnubiet tagħna,
aħfrilna d-dnubiet tagħna,
bħalma aħna wkoll naħfru
lil min hu ħati għalina,
la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna minn kull deni.

**Qrar individwali**

*Waqt li jsir il-qrar individwali, jistgħu jiġu rreċitati s-Salmi penitenzjli jew issir mużika fl-isfond.*

*Wara li wieħed ikun qerr, itemm din iċ-ċelebrazzjoni b'talba ta' radd il-ħajr bil-Kantiku ta' Marija:*

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar: *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
bħalma wiegħed lil missirijietna – *
b'risq Abraham u nislu għal dejjem.

**Barka tal-għeluq**

℣. Il-Mulej magħkom.
℟. *U miegħek ukoll.*

℣. Iberikna l-Missier, li nissilna għall-ħajja ta' dejjem.
℟. *Amen.*

℣. Jgħinna Kristu, l-Iben ta' Alla, li laqagħna bħala ħutu.
℟. *Amen.*

℣. Jgħinna l-Ispirtu s-Santu, li jgħammar fit-tempju ta’ qlubna.
℟. *Amen.*

℣. Iberikkom Alla li jista’ kollox…
℟. *Amen.*

℣. Il-Mulej ħafrilkom dnubietkom. Morru fis-sliem.

**Kant tal-aħħar**

## II
# SKEMA ĠENERALI GĦALL-EŻAMI TAL-KUXJENZA

1. Nersaq lejn is-Sagrament tal-Penitenza b'xewqa sinċiera għal tisfija ta' qalbi, għal konverżjoni, għal tiġdid ta' ħajti u għal ħbiberija ikbar ma' Alla, jew iktar inqisu bħala toqol, li rarament biss jiena lest/a li nitgħabba bih?
2. Fil-qrara jew qrariet ta' qabel, insejt xi dnubiet gravi jew ħallejthom barra apposta?
3. Wettaqt it-tewba li tani l-konfessur? Pattejt għan-nuqqasijiet tiegħi? Ippruvajt inqiegħed fil-prattika dak li pproponejt li nagħmel biex intejjeb ħajti skont il-Vanġelu?

*Fid-dawl tal-Kelma ta' Alla, kulħadd jeżamina lilu nnifsu.*

I. Il-Mulej jgħid: "Ħobb lill-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha".
1. Qalbi hi tassew miftuħa għal Alla; nista' ngħid li nħobbu fuq kull ħaġa oħra u bi mħabba ta' iben jew bint, billi nosserva fedelment il-kmandamenti tiegħu? Inħalli wisq il-ħwejjeġ tad-dinja jiġbduni lejhom? F'għemili nimxi dejjem b'intenzjoni retta?
2. Hi qawwija biżżejjed il-fidi tiegħi f'Alla, li f'Ibnu wriena l-Kelma tiegħu? Inħaddan b'qalbi kollha t-tagħlim tal-Knisja? Għandi għal qalbi l-formazzjoni Nisranija, billi nisma' l-Kelma ta' Alla, nieħu sehem fil-katekeżi, u naħrab dak kollu li jista' jipperikola l-fidi? Stqarrejt dejjem b'kuraġġ u bla biża' l-fidi tiegħi f'Alla u fil-Knisja? Fittixt li nuri li jien Nisrani/ja fil-ħajja privata u pubblika tiegħi?
3. Nitlob malli nqum u qabel norqod? U t-talb tiegħi qed ikun djalogu veru qalb ma' qalb ma' Alla, jew hu biss prattika esterjuri vojta? Naf noffri lil Alla t-tħassib tiegħi, il-ferħ tiegħi u d-dwejjaq tiegħi? Immur għandu b'fiduċja anki fit-tiġrib tiegħi?
4. Għandi qima u mħabba lejn l-isem qaddis ta' Alla, jew offendejtu bid-dagħa, bil-ġurament falz, billi semmejtu fil-batal? Xi darba bi kliemi ma wrejtx rispett lejn il-Madonna u l-Qaddisin?

5. Qed inqaddes Jum il-Mulej u l-festi tal-Knisja, billi nieħu sehem ħaj, attent u devot fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, u speċjalment fil-Quddies? Evitajt li nagħmel xogħol bla bżonn fil-jiem ta' festa? Osservajt il-preċett tal-Qrar tal-inqas darba fis-sena u tat-tqarbin fl-Għid?
6. Għandi 'allat oħra', jiġifieri espressjonijiet jew oġġetti li ninteressa ruħi fihom u li nqiegħed il-fiduċja tiegħi iżjed fihom milli f'Alla, bħal ngħidu aħna: ġid materjali, superstizzjonijiet, spiritiżmu jew forom oħra ta' maġija?

II. Il-Mulej jgħid: "Ħobbu lil xulxin, kif ħabbejtkom jien".
1. Lill-proxxmu tiegħi nħobbu tassew, jew napprofitta minn ħuti, ninqeda bihom għall-interessi tiegħi u nimxi magħhom b'mod li ma nixtieqx li ħaddieħor juża miegħi? Tajt skandlu bi kliemi jew b'għemili?
2. Fil-familja, nagħti sehmi bis-sabar u bi mħabba vera b'risq il-ġid u s-serenità tal-oħrajn?
Għal kull wieħed u waħda fil-familja:
*Għall-ulied.* Obdejt lill-ġenituri tiegħi, irrispettajthom u weġġaħthom? Għinthom fil-ħtiġijiet spiritwali u materjali tagħhom? Għamilt xogħli sew fl-iskola? Irrispettajt l-awtoritajiet? Tajt eżempju tajjeb f'kull sitwazzjoni?
*Għall-ġenituri.* Ħadt ħsieb neduka lil uliedi fil-ħajja Nisranija? Tajthom eżempju tajjeb? Bl-awtorità tiegħi weżinthom u mexxejthom?
*Għall-miżżewġin.* Kont dejjem fidil/a fi mħabbti u f'għemili? Urejt li kapaċi nifhem u nagħder f'mumenti ta' nkwiet?
3. Naf nagħti minn dak li hu tiegħi, bla egoiżmu, lil min hu ifqar minni? F'dak li jiddipendi minni, ngħin lill-maħqurin u niddifendi lil dawk fil-bżonn? Jew nittratta b'arroganza u b'qalb iebsa lill-proxxmu tiegħi, lid-dgħajfa, lill-anzjani, lill-emarġinati, lill-immigranti?
4. Inħossni konxju/a tal-missjoni li ġiet fdata f'idejja? Nieħu sehem fil-ħidmiet ta' appostolat u ta' karità fil-Knisja, fl-inizjattivi u fil-ħajja tal-parroċċa? Nitlob u noffri sehmi b'riżq il-ħtiġijiet tal-Knisja

u tad-dinja, ngħidu aħna għall-għaqda tal-Knisja, għall-evanġelizzazzjoni tal-ġnus, u għat-twaqqif tal-ġustizzja u tal-paċi?
5. Għandi għal qalbi l-ġid u t-tisdiq tal-komunità umana fejn ngħix, jew naħseb biss fl-interessi personali tiegħi? Nieħu sehem, skont ma nista', fl-inizjattivi li jippromovu l-ġustizzja, il-moralità pubblika, l-għaqda, l-opri ta' karità? Inwettaq id-dmirijiet ċivili tiegħi? It-taxxi nħallashom b'mod regolari?
6. Qed inkun ġust/a, impenjat/a, onest/a fuq ix-xogħol, xewqan/a li nagħti s-servizz tiegħi b'risq il-ġid komuni? Tajt il-ħlas xieraq lill-ħaddiema jew dawk li jaqgħu taħti? Imxejt mal-kuntratti u żammejt il-wegħdiet tiegħi?
7. Imxejt bl-ubbidjenza u r-rispett dovut mal-awtoritajiet leġittimi tiegħi?
8. Jekk għandi xi inkarigu jew tmexxija f'idejja, nara biss x'jaqbel lili jew inħabrek għall-ġid ta' l-oħrajn, fi spirtu ta' servizz?
9. Ipprattikajt il-verità u l-fedeltà, jew għamilt ħsara lill-proxxmu tiegħi permezz ta' gideb, kalunnji, malafami, ġudizzji mhux xierqa, kxif ta' sigrieti?
10. Ferejt il-ħajja u l-integrità fiżika tal-proxxmu, inqastu mir-rispett u l-ġieħ, għamiltlu ħsara fil-ġid tiegħu? Għamilt l-abort jew tajt parir lil xi ħadd biex jirrikorri għalih? Żammejt sieket/siekta f'sitwazzjonijiet fejn minflok stajt inħeġġeġ għat-tajjeb? Fil-ħajja taż-żwieġ qed nirrispetta t-tagħlim tal-Knisja dwar il-ftuħ għall-ħajja u r-rispett tagħha? Mort kontra l-integrità fiżika tiegħi nnifsi (ngħidu aħna, bl-isterilizzazzjoni)? Kont dejjem fidil/a lejn marti/żewġi mqar bil-ħsieb? Bejjitt f'qalbi spirtu ta' mibegħda? Iġġelidt jew tlewwimt? Lissint kliem li joffendi jew insulti, jew infaħt spirtu ta' tilwim u korla? Inqast b'egoiżmu u ħtija li nixhed għall-innoċenza tal-proxxmu? Fis-sewqan jew fl-użu ta' mezzi oħra ta' trasport poġġejt fil-periklu l-ħajja tiegħi jew dik tal-oħrajn?
11. Sraqt? Xtaqt inġustament ħwejjeġ tal-oħrajn? Għamilt ħsara lill-proxxmu fil-ġid u l-proprjetà tiegħu? Tajt lura dak li sraqt u għamilt tajjeb għall-ħsara li stajt ikkawżajt?
12. Jekk kien hemm min naqasni, urejt li jien lest/a naħfer għall-imħabba ta' Kristu, jew rawwimt f'qalbi mibegħda u xewqa għal vendetta?

III. Kristu l-Mulej jgħid: "Kunu perfetti bħall-Missier".

1. Liema hu l-orjentament fundamentali ta' ħajti? Nittama fil-ħajja ta' dejjem? Nipprova ngħix il-ħajja spiritwali tiegħi bit-talb, il-qari u l-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla, is-sehem fis-sagramenti? Naf nitrażżan? Jien pront/a u deċiż/a biex nirbaħ il-vizzji, inrażżan il-passjonijiet u l-ġibdiet ħżiena? Ħallejt l-għira tiġri bija, kont meqjus/a fil-kilba żejda għall-ikel? Kont prużuntuż/a u supperv/a; affermajt wisq lili nnifsi hekk li spiċċajt iddisprezzajt lill-oħrajn, tkabbart fuqhom u rajtni aħjar minnhom? Imponejt ir-rieda tiegħi fuq l-oħrajn, ħnaqt il-libertà tagħhom u ma tajtx kas tad-drittijiet tagħhom?

2. Kif użajt il-ħin, is-saħħa, id-doni li Alla tani bħat-'talenti tal-Vanġelu'? Qed ninqeda b'dawn il-mezzi kollha biex ta' kuljum nikber iżjed fil-perfezzjoni tal-ħajja spiritwali u fis-servizz lejn il-proxxmu? Intlaqt u tgħażżint? Kif qed nuża l-internet u mezzi oħra ta' komunikazzjoni soċjali?

3. Ġarrabt bis-sabar, fi spirtu ta' fidi, it-tbatija u l-provi tal-ħajja? Kif fittixt li nipprattika r-rażan u s-sagrifiċċju, biex inwettaq dak li jonqos mill-Passjoni ta' Kristu? Osservajt il-preċett tas-sawm u l-astinenza?

4. Żammejt ġismi safi u kast, skont l-istat ta' ħajti, waqt li rajt fih tempju tal-Ispirtu s-Santu, iddestinat għall-qawmien u għall-glorja? Ħadt ħsieb tas-sensi tiegħi u ħrabt milli nħammeġ ruħi u ġismi bi ħsibijiet jew xewqat ħżiena, bi kliem u b'għemil mhux xieraq? Esponejt ruħi għal qari, diskors, spettakli, divertiment li ma jaqblux ma' l-onestà umana u Nisranija? Bi mġibti kont ta' skandlu għall-oħrajn?

5. Għamilt xi ħaġa kontra l-kuxjenza tiegħi, għax bżajt jew urejt wiċċ b'ieħor?

6. Dejjem u f'kollox fittixt li nġib ruħi fil-ħelsien veru ta' wlied Alla u skont il-liġi tal-Ispirtu, jew ħallejt il-passjonijiet tiegħi jmexxuni huma?

7. Inqast milli nagħmel xi ġid li kien possibbli għalija li nagħmel?

## III
## PROPOSTI GĦAL OMELIJI TA' ŻMIEN IR-RANDAN (SENA A)

(imħejjija minn Dun Charles Buttigieg)

### L-1 Ħadd tar-Randan – 22 ta' Frar 2026
### MIT-TRAB TAL-ART GĦALL-MUNTANJA TAR-REBĦA

***Qari 1 (Ġenesi 2:7-9; 3:1-7); Salm 50 (51); Qari 2 (Rumani 5:12-19); l-Evanġelju (Mattew 4:1-11)***

Bdejna l-mixja tar-Randan Imqaddes, mixja ta' erbgħin jum mit-trab tal-irmied li nxteħet fuq rasna sabiex ifakkarna fix-xejn tagħna u fil-fraġilità tagħna, li jieħu tifsira u tweġiba meta għaddejna fix-xmara tal-ilma tal-Magħmudija li hija tassew esperjenza tal-imħabba u tal-ħolqien ġdid li tana Alla tagħna li hu Imħabba. Huwa proprju mit-trab tal-art li jrid ifakkarna **l-Ewwel Qari** tal-lum meħud mit-tieni kapitlu tal-Ġenesi fejn naraw it-tieni rakkont tal-ħolqien tal-bniedem wara dak li nsibu fl-ewwel kapitlu li huwa tat-tradizzjoni Saċerdotali, tas-6 jew 5 seklu QK, u li oriġinat fil-Mesopotamja fejn hemm ix-xmajjar: "Nagħmel il-bniedem skont ix-xbieha tiegħi. Imbagħad ħalaq il-bniedem (Adam) skont ix-xbieha tiegħu; maħluq skont ix-xbieha ta' Alla; raġel (bl-Għebrajk *ish*) u mara (*ishshah*) ħalaqhom" (Ġen 1:26-27). Fit-tieni rakkont tal-ħolqien tal-bniedem, jiġifieri dak tal-lum li nsibu fit-tieni kapitlu, naraw proprju l-ħolqien tal-bniedem mit-trab tal-art u lil Alla jonfoħ fih in-nifs tal-ħajja. Din hija tat-tradizzjoni Jaħwista u hi iktar antika minn dik tal-ewwel kapitlu, għaliex hija tal-10 seklu QK u oriġinat fil-Palestina, fejn bħala rakkont huwa iktar antropomorfiku, bil-ħolqien tal-bniedem bħala ċ-ċentru. Il-bniedem huwa maħluq (bl-Għebrajk *bara*, fis-Sanskrit *kri* u għalhekk 'kreazzjoni') fuq ix-xbieha ta' Alla. B'xorti ħażina, il-kultura moderna tippreżentalna lill-bniedem bħala oġġett fejn il-ġisem tal-bniedem sar strument ta' pjaċir u edomiżmu bla kontroll. Il-Bibbja għandha tifħir għoli għall-ġisem tal-bniedem, bħala sabiħ u tajjeb, u tħares lejh fil-kuntest tal-persuna tal-bniedem maħluq minn Alla.

Għaliex il-ħolqien huwa kollu tajjeb u sabiħ, kif ukoll huwa l-ħolqien tal-bniedem, tidħol l-għira tax-xitan (il-kelma Griega għax-xitan hija *diabolos* li tfisser 'dak li jixħet (*ballo*) u jaqsam min-nofs (*dia*)', jiġifieri 'dak li jfarrak u jifred'); it-tentatur (bl-Għebrajk *satanah*) ta' din l-armonija u sbuħija tal-bniedem. Naraw għalhekk il-qerq u l-ingann tas-serp (bl-Għebrajk *nahash*, li tista' tfisser ukoll 'maġija', bl-Għarbi *hanash*) li jwassal għad-dnub ta' Adam u Eva, id-dnub tan-nisel, u jieħdu mill-frott tas-siġra f'nofs il-ġnien. L-iskop tax-xitan huwa sabiex jinganna lill-bniedem ħalli jagħmel dak li hu ħażin u li huwa kontra Alla: "Bi ħżunietu l-ħażin jinqabad f'nassa" (Prov 29:6). Għalhekk meta l-bniedem dineb minħabba s-serp, hu kien imjassar mid-dnub tiegħu. Anki x-xogħol ġie affettwat mid-dnub u għalhekk sar ta' piż għall-bniedem (ara Ġen 3:17-19). Il-ħażen tax-xitan qarraq b'Adam (l-isem ifisser 'bniedem') u b'Eva (tfisser 'ħajja') li jieklu mis-siġra tal-Ħajja u tal-Għerf tal-Ġnien tal-Għeden. Huma għalhekk jobdu lix-xitan u b'hekk ġiet il-waqgħa tad-dnub oriġinali. Alla jikkundanna l-ewwel lis-serp billi jitbaxxa u jitkaxkar mal-art u jiekol it-trab tal-art, u ħabbar ir-rebħa tal-mara (tal-Madonna) fuq is-serp.

Id-dnub oriġinali ġab telfien tal-perfezzjoni oriġinali tal-bniedem maħluq xbieha ta' Alla u għalhekk konsegwenza ta' dan kollu n-natura umana waqgħet fid-dnub u tħassret kif tgħidilna d-duttrina Kattolika dwar id-dnub oriġinali, kif naqraw fin-numru 3 tad-*Dei Verbum* tal-Konċilju Vatikan II: "Alla, wara l-waqgħa tal-proġenituri tagħna, wegħedhom il-fidwa, qawwielhom qalbhom bit-tama tas-salvazzjoni; baqa' dejjem jieħu ħsieb il-familja kollha tal-bnedmin, biex jagħti l-ħajja ta' dejjem lil dawk kollha li jfittxu s-salvazzjoni u jipperseveraw sal-aħħar fl-għemil it-tajjeb". Rigward id-dnub orġinali, il-psikoanalista Carl Gustav Jung jgħid: *"All the old primitive sins are not dead, but are crouching in the corners of our modern hearts"*. U għalhekk b'umiltà kbira għandna ngħarfu l-fraġilità u d-dnub tagħna, induru (bl-Għebrajk *xuv*) lejn Alla u nwieġbu llum permezz tas-Salm: **"Ħenn għalina, Mulej għaliex dnibna"**.

**Fit-Tieni Qari** mill-Ittra ta' San Pawl lir-Rumani naraw proprju l-konsegwenza tal-ewwel dnub, imma l-qawwa tal-grazzja li ġiet permezz ta' Sidna Ġesù Kristu: "Għax kif bid-diżubbidjenza ta' bniedem il-ħafna saru midinbin, hekk ukoll bl-ubbidjenza ta' wieħed il-ħafna jsiru ġustu" (v. 19). Għalhekk naraw il-pass li jagħmel Alla tagħna għall-waqgħa tal-ewwel bniedem li rajna fl-Ewwel Qari tal-lum. Permezz ta' Kristu, il-Messija, tintrebaħ il-mewt darba għal dejjem. Aħna għalhekk mistiedna biex nagħżlu l-ħajja fi Kristu u mhux id-dnub u l-mewt.

**Fl-Evanġelju** għandna t-tliet tentazzjonijiet li kellu Ġesù mix-xitan fid-deżert qabel ma beda l-missjoni ta' tagħlim u mirakli, kif insibu f'San Mattew. It-tentatur li waqqa' lil Adam u lil Eva fid-dnub issa jipprova jilgħab l-istess logħba tat-tentazzjoni ma' Ġesù l-Iben ta' Alla. Imma Ġesù huwa aqwa mix-xitan u x-xitan ma jista' jagħmel xejn ma' Alla. Bħalma wriena Ġesù fil-bidu ta' dan ir-Randan dwar l-importanza tat-talb, is-sawm u l-karità, hekk ukoll aħna nistgħu nirbħu l-isfida tat-tetazzjonijiet. Ġesù talab fid-deżert, għamel sawm ta' purifikazzjoni u wera l-qawwa tal-fidi.

Nafu li d-deżert hu post ta' prova u purifikazzjoni. Huwa wkoll il-post tat-tentazzjoni. Anki Ġesù qabel ma beda l-ministeru pubbliku tiegħu għamel l-esperjenza ta' 40 jum fid-deżert ta' Ġuda, bħalma l-poplu ta' Alla għamel 40 sena ta' purifikazzjoni fid-deżert tas-Sinaj, qabel ma daħal fl-Art Imwiegħda. Id-deżert niexef u sħun ta' Ġuda huwa kkaratterizzat minn diversi widien profondi (*wadis*) u sisien (*nahals*) fondi mal-1,200 pied, u għalhekk joffri sfida kbira ta' sħana matul il-jum, ġuħ u għatx. Fuq kollox id-deżert huwa post ta' kuntrasti kbar, sħana qalila matul il-jum u temperaturi baxxi matul il-lejl; fil-fatt dan jikkawża lill-ġebel li jitfarrak u jsir ramel. Skont Carlo Carretto, fid-deżert wieħed jara l-affarijiet aħjar b'viżjoni mill-iktar eterna, waqt li oħrajn jibżgħu jsibu ruħhom weħidhom fid-deżert tal-ħajja. Il-muntanja tat-Tentazzjonijiet ta' Kristu (Gebel Quarantal jew Quarantania) hija għolja 492m u tinsab fil-punent ta' Ġeriko, u hija l-ewwel dehra tal-muntanja f'San Mattew li jrid juri lil Ġesù bħala Mosè l-ġdid. Hija l-muntanja tar-rebħa ta' Kristu fuq il-ġid tal-art, tal-ikel u

tas-saltniet u fuq kollox fuq is-suppervja tax-xitan li jrid isir 'alla'. Fil-fatt fil-kapitlu ta' wara, il-ħames, naraw lil Ġesù jgħallem mill-muntanja fid-Diskors tal-Muntanja.

Dawn it-tentazzjonijiet ta' Ġesù fid-deżert huma rrakkontati fl-Evanġelji Sinottiċi: ta' San Mattew (4:1-11); ta' San Mark (1:12-13), u San Luqa (4:1-13). L-ewwel waħda minn dawn it-tentazzjonjiet li Ġesù, sajjem għal 40 jum, kellu mix-xitan hija dik tal-ġebel li jsir ħobż: "Iżda Ġesù wieġbu: 'Hemm miktub: Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla'" (Mt 4:4). San Luqa jikteb biss: "Hemm miktub li l-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix" (Lq 4:4), waqt li San Mark isemmi biss li kien imġarrab mix-xitan mingħajr ma jsemmi t-tentazzjonjiet. 'Hemm miktub' (bil-Grieg *gegraptai hoti*) huwa riferiment għat-Testment il-Qadim, eżattament kwotazzjoni mill-vers 3 tal-kapitlu 8 tal-ktieb tad-Dewteronomju: "Huwa ċekknek, ried li tbati l-ġuħ, imbagħad temgħek il-manna, li la int u lanqas missirijietek ma kontu qatt tafu biha, biex jurik li mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, imma b'dak kollu li joħroġ minn fomm il-Mulej, b'dan jgħix il-bniedem". Dan ir-riferiment mela juri li minbarra l-ħobż materjali hemm ikel ieħor li huwa importanti u li l-bniedem għandu tassew bżonn spiritwalment għaliex huwa l-veru ikel tas-salvazzjoni: dan huwa l-ikel tal-Kelma ta' Alla u tal-Ewkaristija. San Nikolaj tal-Ortodossi għandu talba sabiħa hawnhekk: "Ħalli lil ruħi tiekol lil Alla ħalli tiġi inkurunata bil-ħajja eterna; ħalli lil moħħi jiekol lil Alla ħalli jkun inkurunat bl-għerf etern; ħalli lil qalbi tiekol lil Alla ħalli tiġi inkurunata mill-ferħ etern".

**Riflessjoni**

Ir-Randan għandu jkun din l-okkażjoni biex insibu dan l-ikel veru li jixtieq jitmagħna l-Mulej. Dan nistgħu nakkwistawh bit-talb, bis-sagrifiċċju u bil-karità, imma fuq kollox permezz tal-Ewkaristija ta' kuljum u bis-smigħ tal-Għerf u tal-Kelma ta' Alla f'tant eżerċizzi u laqgħat li ser ikollna fil-parroċċi.

## It-2 Ħadd tar-Randan – 1 ta' Marzu 2026
## MINN UR TAL-KALDEJ GĦALL-MUNTANJA TAT-TRASFIGURAZZJONI

***Qari 1 (Ġenesi 12:1-4a); Salm 32 (33); Qari 2 (2 Timotju 1:8b-10); l-Evanġelju (Mattew 17:1-9)***

**Fl-Ewwel Qari** naraw is-sejħa ta' Alla lil Abraham sabiex iħalli lill-art twelidu (Ur fl-Iraq) u jmur fl-art li jurih hu ħalli jagħmel minnu ġens kbir. Alla jgħaddi wkoll lil Abraham mill-prova tal-fidi bis-sagrifiċċju tal-uniku iben tiegħu Iżakk. Il-vjaġġi li jagħmel missierna Abraham huma l-vjaġġi li jagħmel in-Nisrani, vjaġġi ta' migrazzjoni, ta' dubji u sfidi, imma fuq kollox vjaġġi ta' fidi bħalma għandu jkun dan ir-Randan imqaddes sabiex insibu u niltaqgħu mal-imħabba ta' Alla. Proprju għal din l-imħabba u s-sejħa ta' Alla llum inwieġbu bl-istess fidi ta' Abraham missierna, bis-Salm: **"Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna"**.

**Fit-Tieni Qari** San Pawl isejjaħ lil Timotju sabiex jaqsam miegħu t-tbatija imma fuq kollox il-grazzja tal-Evanġelju. Din it-Tieni Ittra lil Timotju tissejjaħ l-'aħħar testment spiritwali ta' San Pawl', għaliex aktarx hija l-aħħar kitba tiegħu u għalhekk fiha hu jiftaħ qalbu mal-iben spiritwali tiegħu l-Isqof Timotju, u għalhekk nisimgħu l-aħħar kelmiet tal-Appostlu. Inkitbet fil-ħabs f'Ruma fit-tieni fażi tal-persekuzzjoni ta' Neruni għas-sena 67 WK (ara 2 Tim 1:17) u turi li huwa kien qrib tassew tal-kundanna tiegħu, imma kien mimli tama fil-kuruna tal-glorja: "Jien inħossni diġà msawwab, u żmien it-tluq tiegħi wasal" (2 Tim 4:6). Huwa jħeġġeġ għalhekk lil Timotju biex jaħdem għal Kristu u biex jieħu ħsieb dak li Alla fdalu f'idejh: "Xandar il-kelma, insisti f'waqtu u barra minn waqtu, ċanfar, widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim" (v. 2); "Għasses fuqek innifsek u fuq it-tagħlim tiegħek: żomm sħiħ f'dawn il-ħwejjeġ" (v. 16). Huwa jħeġġeġ f'4:13 sabiex Timotju jibgħatlu l-mantell tas-suf (bil-Grieg *kilikia*) li kien ħalla ma' Karpu fi Troas u li aktarx kien ħadem hu stess, sabiex ikun jista' jtaffi mill-ksieħ tal-ħabs, għax qallu biex jagħmel dan qabel ma tidħol ix-xitwa; il-kotba (aktarx tat-Testment il-Qadim) u l-

parċmini (aktarx ittri li kien kiteb). Għalhekk l-ittra tistedinna sabiex inkomplu nissaħħu fil-fidi tagħna fil-Mulej.

**Fl-Evanġelju** għandna l-episodju tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù kif insibu fl-Evanġelju ta' San Mattew. Dan l-epsiodju li kienu preżenti għalih San Pietru, San Ġakbu u San Ġwann iħabbar il-glorja tas-salib u tal-qawmien ta' Kristu. Ġesù tbiddel quddiemhom u wiċċu sar jiddi bħax-xemx u lbiesu sar abjad bħad-dawl. Dehru wkoll Mosè, li jirrappreżenta l-Liġi, u Elija, li jirrappreżenta lill-Profeti. Minn ġos-sħaba, bħalma ġara fil-Magħmudija ta' Ġesu fix-xmara Ġordan, instema' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt il-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu".

**Riflessjoni**

Għalhekk nieħdu ħsieb sabiex inħallu l-passat tad-dnub u tal-kumditajiet tagħna, u nerqsu iktar lejn il-muntanja tal-glorja ta' Alla u nisimgħu l-leħen tal-Missier, tal-Knisja u tal-Kelma ta' Alla.

## It-3 Ħadd tar-Randan – 8 ta' Marzu 2026
## MILL-ILMA TAL-BLATA GĦALL-BIR TA' ILMA ĦAJ TA' ĠAKOBB

***Qari 1 (Eżodu 17:3-7); Salm 94 (95); Qari 2 (Rumani 5:1-2,5-8); l-Evanġelju (Ġwanni 4:5-42)***

**Fl-Ewwel Qari** mill-Ktieb tal-Eżodu, fil-kapitlu 17 naraw li l-poplu ta' Alla, li Alla kien ħelsu mill-madmad tal-Eġittu, jibda jgerger ma' Mosè f'Massa (bl-Għebrajk *massa* tfisser 'toqol') u f'Meriba (mill-verb *rib* li tfisser 'tissielet'): "Għalfejn tellajtna hawn mill-Eġittu biex toqtol lilna, lil uliedna u lill-bhejjem tagħna bil-għatx?". Kemm ħafna drabi aħna wkoll inġibu ruħna bħall-poplu ta' Alla fid-deżert, meta Alla jagħmel tant magħna u aħna ngergru u ngergru u nkomplu ngergru! Għalhekk hemm bżonn inkunu attenti li Alla huwa tassew qrib tagħna, ħalli nixorbu mill-ilma ħaj tal-blata li hu Kristu: "Xorbu tassew mill-blata spiritwali li kienet timxi magħhom, u din il-blata kienet Kristu" (1 Kor 10:4). Inwieġbu għal din il-Kelma ta' Alla u ma nwebbsux qalbna tassew, permezz tas-Salm: **"Illum, jekk tisimgħu leħen il-Mulej, la twebbsux qalbkom"**.

**Fit-Tieni Qari** mill-Ittra lir-Rumani, San Pawl jurina l-kobor tal-imħabba ta' Alla li ssawbet ġewwa fina permezz tal-Ispirtu s-Santu. L-Ittra ta' San Pawl lir-Rumani ġiet miktuba aktarx f'Korintu fit-xitwa ta' bejn is-snin 57 u 58 WK, fit-tielet vjaġġ missjunarju, qabel ma huwa rritorna lejn Ġerusalemm fejn ġie arrestat u mixħut fil-ħabs, u għalhekk żgur qabel ma mar Ruma fejn għadda wkoll minn Malta. Hija miktuba lill-komunità Nisranija ta' Ruma, il-belt kapitali tal-Imperu Ruman, *civitas æterna*, komunità waħda kbira magħmula mhux biss mil-Lhud ikkonvertiti imma wkoll minn ħafna Ġentili kkonvertiti. Huwa jurihom ix-xewqa kbira li jgħallimhom huwa wkoll dwar il-fidi ta' Kristu u l-Evanġejlu bl-inkarigu li huwa rċieva tal-*'missio ad gentes'*: "Jien inħoss ruħi obbligat lejn il-Griegi u Barbari, għorrief u mhumiex, għalhekk ninsab ħerqan li nxandar l-Evanġelju lilkom ukoll, li tgħammru f'Ruma" (1:14-15). Ħafna studjużi jsejħu lil San Pawl id-'Duttur tal-Grazzja per eċċellenza', proprju minħabba din l-ittra li hija meqjusa *opus magnum*. Kienet strumentali għall-

konverżjoni ta' Santu Wistin, u l-Konċilju ta' Trento bbaża t-tagħlim tiegħu dwar il-grazzja, is-salvazzjoni u d-dnub oriġinali fuq din l-Ittra ferm importanti.

Huwa l-iskop tal-Evanġelju ta' Kristu li qed ixandar Pawlu li juri din il-Ġustizzja ta' Alla u li jgħin lin-Nisrani jirbaħ il-jasar tad-dnub. Il-Ġustizzja ta' Alla (bil-Grieg *dikaiosune Theou*) hija ħsieb tassew importanti f'din l-Ittra, fejn l-espressjoni nsibuha xejn inqas minn tmien darbiet f'1:17, 3:5, 21, 22, 25, 26, u 10:3 (darbtejn). Fit-Testment il-Qadim naraw din il-Ġustizzja ta' Alla murija permezz tal-Patt li jagħmel Alla mal-poplu tiegħu u l-wegħdiet li huwa jagħmel miegħu: "Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu, f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu" (Salm 98:2). Mela din il-Ġustizzja ta' Alla, iktar minn xi idea ta' kundanna, trid turi l-fedeltà ta' Alla (bl-Għebrajk *sedeqa*) mal-wegħdiet li huwa għamel mal-bniedem, għaliex huwa ġust u l-ħniena tiegħu tinfirex għas-salvazzjoni ta' kulħadd. Mela hija ġustizzja li biha Alla jiġġustifika, jiġifieri jsalva lill-bniedem. Hija l-Ġustizzja ta' Alla li turi r-rieda salvifika tiegħu. Permezz ta' din il-Ġustizzja ta' Alla, jingħata s-sliem u t-tama (5:1-11), il-ħelsien mill-mewt (5:12-21), il-ħelsien mid-dnub (6:1-23), il-ħelsien tal-ħolqien permezz ta' l-Ispirtu s-Santu (8:1-39), u s-salvazzjoni għal kulħadd (10:5-21): "Ma hemmx għażla bejn Lhudi u Grieg; Alla hu s-Sid ta' kulħadd u għani ma' dawk kollha li jsejħulu. Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva" (10:12-13).

**Fl-Evanġelju** ta' San Ġwann għandna l-episodju ta' Ġesù mal-mara Samaritana ħdejn il-bir ta' Ġakobb. Din il-mara tmur timla l-ilma f'ħin li ma tiltaqax ma' nisa oħra, li ġeneralment kienu jmorru filgħodu kmieni ħalli jkunu mbagħad jistgħu jlestu t-tisjir. Hija mara li għandha tassew problemi personali. Fil-passat kellha diversi esperjenzi ta' rġiel. Ir-raġel li għandha fil-preżent huws s-sitt wieħed, imma xorta mhux qed jagħmilha kuntenta. Għalhekk hija tmur timla l-ilma f'nofsinhar, fl-eqqel tad-dawl tax-xemx, ħdejn il-bir ta' Ġakobb. Dan il-bir kien imsejjaħ mis-Samaritani 'Bir Yakub', u kien fond 75 pied u b'djametru ta' 7 piedi u nofs, u kien jinsab fuq il-muntanja Gerizim. L-Insara Griegi jsejħulu 'Beer Samariyeh'. Hija titkellem ma' Ġesù u

Ġesù joffrilha l-ilma ħaj (bil-Grieg *hudor zon*) li jwassal għall-ħajja ta' dejjem, għaliex Kristu huwa x-xmara ta' ilma ħaj (Ġw 7:38). Ġesù hawnhekk imur kontra l-kurrent, iħalli lid-dixxipli u jiltaqa' ma' din il-mara waħdu f'nofsinhar, ma' mara Samaritana, fejn skont il-Mishnah Niddah 4.1, *"the daughters of the Samaritans are regarded as menstruants from their cradle"*. Dan kien ipprojbit għal-Lhud minħabba r-rivalità storika li hemm bejn il-Lhud u s-Samaritani, meqjusa mil-Lhud bħala razza mħallta u impura. Imma Ġesù huwa issa s-seba' raġel li qed tiltaqa' miegħu din il-mara li ma għandhix isem, huwa r-raġel perfett li għandha bżonn, li ser jagħtiha identità u sens ġdid tal-ħajja (tmur ixxandar din l-Aħbar it-tajba), għax iltaqgħet ma' Alla nnifsu li jagħtiha l-għajnuna tassew fil-problemi personali tagħha, bħalma qegħdin nitolbu lil Ġesù sabiex jagħtina f'dan ir-Randan.

**Riflessjoni**

Ejjew nerqsu lejn Kristu, l-ilma tal-blata tas-salvazzjoni tagħna, u nfittxu din il-verità ta' Kristu f'ħajjitna u mhux fl-ingann tad-dnub, tal-vizzju u tal-illużjoni tal-midja soċjali.

## Ir-4 Ħadd tar-Randan – 15 ta' Marzu 2026
## MID-DILKA TAŻ-ŻEJT GĦAD-DILKA TAD-DAWL

***Qari 1 (1 Samwel 16:1b, 6-7,10-13a); Salm 22 (23); Qari 2 (Efesin 5:8-14); l-Evanġelju (Ġwanni 9:1-41)***

**Fl-Ewwel Qari** mill-Ewwel Ktieb ta' Samwel naraw id-dilka ta' David, l-iżgħar fost ħutu, bħala sultan ta' Iżrael. Qabel Samwel kien ikkonsagra lil Sawl, bin Kis mit-tribù ta' Benjamin, bħala sultan, u issa qiegħed jikkonsagra lit-tfajjel ragħaj David, bin Ġesse (Isai) mit-tribù ta' Ġuda f'Betlehem. Huwa ntgħażel minn Samwel minn fost ħutu l-oħra li kienu sebgħa u ikbar minnu, u għalhekk naraw il-privileġġ tas-sejħa tiegħu 'l fuq mill-primoġenitura: "U l-Mulej qal lil Samwel: 'Qum u idilku, għax dan hu'. Samwel ħa f'idejh il-qarn biż-żejt u dilku quddiem ħutu. Minn dakinhar 'il quddiem niżel fuq David l-Ispirtu tal-Mulej". L-isem ta' David jissemma 800 darba fit-Testment il-Qadim u 60 darba fil-Ġdid. Huwa rebaħ lill-ġgant Gulija b'ħames ċagħqiet li huma figura tal-ħames pjagi ta' Kristu li rebbaħna fuq l-għadu tagħna. Il-figura tiegħu tħabbar minn elf sena qabel il-figura tal-Messija bħala Sultan u bħala r-Ragħaj it-Tajjeb. U għalhekk proprju f'dan l-ispirtu ta' ubbidjenza nħarsu lejn Kristu bħala r-ragħaj u l-mexxej tagħna u nwieġbu għal din il-kelma bis-Salm: **"Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni"**.

**Fit-Tieni Qari** San Pawl iħeġġeġ lill-Efesin sabiex jistenbħu mill-irqad u jqumu mill-imwiet ħalli jiddi fuqhom id-dawl rebbieħ ta' Kristu u b'hekk ma jibqgħux fid-dlam: "Ħuti, intom kontu darba dlam, imma issa intom dawl fil-Mulej; imxu ta' wlied id-dawl li intom". Il-belt ċelebri ta' Efesu tinsab fuq il-kosta tal-punent tal-Asja Minuri, illum fit-Turkija. Kienet il-belt kapitali tal-Provinċja Rumana tal-Asja Minuri. Il-popolazzjoni tal-belt fi żmien San Pawl kienet ta' 250,000 ruħ. Il-belt kienet magħrufa ħafna fl-antikità bħala ċentru kbir tal-maġija, fil-fatt meta kien hemm San Pawl u n-nies bdew jaraw il-mirakli tiegħu, ħafna minn dawk li kienu jagħmlu s-sħarijiet ġabu l-kotba tal-maġija u ħarquhom (ara Atti 19:19). Hawnhekk San Pawl għamel madwar tliet snin bħala parti kbira mill-ministeru ta'

evanġelizzazzjoni matul it-tielet vjaġġ missjunarju, kif insibu tajjeb fil-kapitlu 19 tal-Atti tal-Appostli. Hawnhekk San Pawl jaħtar lil Timotju bħala ragħaj spiritwali ta' din il-belt ferm importanti. Skont it-tradizzjoni, il-belt hija marbuta ma' San Ġwann l-Evanġelista u l-Madonna. Il-Knisja ta' Efesu hija msemmija l-ewwel waħda fost is-seba' Knejjes tal-Asja kif insibu fl-Apokalissi 2:1-7. Mela San Pawl juri f'din l-Ittra l-kobor ta' Kristu u tal-familja tal-Knisja u l-qawwa quddiem it-tfixkil: "Kunu mela weqfin, ġenbejkom imħażżmin bil-ħżiem tas-sewwa u lebsin il-kurazza tal-ġustizzja, riġlejkom mixdudin bil-qorq tal-ħeġġa tal-Evanġelju tal-paċi, bit-tarka tal-fidi dejjem f'idejkom, li biha tistgħu titfu l-vleġeġ tan-nar tal-Ħażin, aqbdu l-elmu tar-rebħa u s-sejf tal-Ispirtu, li hu l-Kelma ta' Alla" (Efes 6:14-17).

**Fl-Evanġelju** meħud mill-kapitlu 9 ta' San Ġwann għandna s-sinjal ta' fejqan li jagħmel Ġesù mar-raġel agħma sa minn twelidu u jagħtih id-dawl li jara għall-ewwel darba, billi jċappas ftit tajn (rabta mal-ħolqien tal-bniedem f'Ġenesi 2) ma' għajnejh u jibagħtu jinħasel f'Silwam, fejn Ġesù jgħid ċar li l-mard ma huwiex marbut mad-dnubiet personali jew familjari tal-persuni nieqsa mis-saħħa: "Ġesù wieġeb: 'Mhux għax dineb hu jew il-ġenituri tiegħu, imma ġralu hekk biex l-għemil ta' Alla jidher fih'" (Ġw 9:3). "Kif qal dan, beżaq fl-art, għamel minnu qisu tajn, u dilek bih għajnejn ir-raġel agħma" (v. 6). Fl-Evanġelju ta' San Ġwann insibu seba' sinjali li huma dawn: l-ilma u l-inbid ta' Kana li jfakkarna fuq kollox fl-ikbar siegħa ta' Ġesù fuq is-salib li minn ġenbu ħareġ demm u ilma (Ġw 19:25-37). Bejn dawn iż-żewġ mumenti hemm is-sinjali tal-qawmien tat-tifel mejjet f'4:46-54 u ta' Lazzru f'11:1-44; is-sinjali ta' Jum is-Sibt f'Beteżda f'5:1-16 u tal-agħma 9:1-41 (l-Evanġelju tal-lum) u dak ċentrali tat-tkattir tal-ħobż f'6:1-71. Il-miraklu tal-lum, fejn Ġesù jibgħat lill-agħma sabiex jaħsel għajnejh f'Silwam li kienet taħt Ġerusalemm (9:7), huwa marbut mal-magħtub ta' Beteżda li kien jistenna l-ilma jitħarrek (5:19). Min-naħa l-oħra naraw l-ipokrezija u l-ħażen tal-Fariżej li ma jiħdux pjaċir bil-ġid li għamel Ġesù.

**Riflessjoni**

Jalla aħna lkoll nistgħu ngħidu wara l-esperjenza tal-Magħmudija u tas-sagramenti, l-istess stqarrija tar-raġel imfejjaq: "Mort, inħsilt u ġejt nara". Dan ir-Randan għandu jservini sabiex dejjem nitnaddaf u ninħasel minn dak kollu li huwa dlam għalija kif qalilna San Pawl fit-Tieni Qari, ħalli nara lil Kristu: "'Temmen int f'Bin il-bniedem?'. Dak wieġbu u qallu: 'Min hu, Mulej, biex nemmen fih?'. Qallu Ġesù: 'Mhux biss rajtu, imma huwa dak stess li qiegħed ikellmek'. Qallu: 'Nemmen, Mulej'. U nxteħet jagħtih qima". Dan għandu fuq kollox ifisser tassew is-sbuħija tal-Blandun tal-Għid mixgħul fil-knisja f'Sibt il-Għid, li l-qalb tagħna hija tassew dik ix-xemgħa mdawla bid-'Dawl ta' Kristu'.

## Il-5 Ħadd tar-Randan – 22 ta' Marzu 2026
## MILL-WIED TAL-GĦADAM GĦALL-QABAR TAL-QAWMIEN

***Qari 1 (Eżekjel 37:12-14); Salm 129 (130); Qari 2 (Rumani 8:8-11); l-Evanġelju (Ġwanni 11:1-45)***

**Fl-Ewwel Qari** naraw l-oraklu tal-Mulej lill-profeta Eżekjel. Eżekjel (*Yehezqel*) bin Bużi kien ġej minn familja saċerdotali mil-linja ta' Sadok: "Hekk qal Sidi l-Mulej: 'Ara, jiena niftaħ l-oqbra tagħkom, poplu tiegħi, u nġibkom lura f'art Iżrael. Imbagħad tkunu tafu li jiena l-Mulej, meta niftaħ l-oqbra tagħkom u ntellagħkom mill-oqbra tagħkom, poplu tiegħi. U jiena nqiegħed ruħi fikom, u terġgħu tieħdu l-ħajja'" (Eżek 37:12-14). L-isem tal-profeta jfisser 'Alla huwa qawwi'. Il-ktieb fih 48 kapitlu u nkiteb fi żmien l-Eżilju, u għalhekk il-profeta jrid iqawwi t-tama fil-poplu. Frammenti tal-ktieb kienu nstabu fil-fdalijiet tas-Sinagoga ta' Masada. Fl-eżilju huwa kellu ħafna viżjonijiet ħdejn ix-xmara Chebar bħall-allegoriji tad-dielja, taż-żewġ ajkli u l-borma tagħli (kapitlu 24). Huwa fuq kollox iħabbar il-qawmien u t-tiġdid tal-poplu fl-eżilju, fejn fil-Qari tal-lum mill-kapitlu 37:1-14 għandna l-viżjoni li kellu tal-għadam mejjet li jerġa' jqum u jieħu l-ħajja bħala tħabbira tal-qawmien mill-mewt ta' Kristu: "U jiena nqiegħed ruħi fikom, u terġgħu tieħdu l-ħajja". Għalhekk quddiem din it-tama tal-ħajja għandna nwieġbu bis-Salm: **"Għand il-Mulej hemm it-tjieba"**.

**It-Tieni Qari** mill-kapitlu 8 tal-Ittra ta' San Pawl lir-Rumani jgħidilna li l-Ispirtu ta' dak li qajjem lil Ġesù mill-imwiet jgħammar ukoll fina. Dawk kollha li huma magħqudin fi Kristu permezz tal-fidi u li jgħixu ħajja ġdida ta' grazzja billi jaqsmu l-Ispirtu ta' Kristu flimkien, huma msejħin għall-qdusija biex jgħixu skont it-triqat tal-Mulej (8:1-4). Huwa proprju meta nħallu lil ġisimna taħt il-madmad tad-dnub, li l-bniedem ikun qed jiżvija tassew mill-iskop tal-ħajja tal-persuna u tal-ġisem tiegħu: "Għax jekk tgħixu skont il-ġisem, tmutu, imma jekk tmewtu l-għemil tal-ġisem bl-Ispirtu, tgħixu" (v. 13). Din għandha għalhekk tkun l-esperjenza tan-Nisrani fil-Magħmudija tiegħu: li

jmewwet il-ġisem tad-dnub (bil-Grieg *sarx*) u jqum bil-ġisem tassew ħaj (bil-Grieg *soma*).

**Fl-Evanġelju** naraw il-qawmien ta' Lazzru wara erbat ijiem mejjet fil-qabar, kif insibu fil-kapitlu 11 ta' San Ġwann. Ir-rakkont ta' dan il-miraklu huwa tassew twil: 54 vers li juru fuq kollox l-importanza tiegħu. Ninsabu hawnhekk fiċ-ċentru tal-Evanġelju ta' San Ġwann. Dan hu s-seba' sinjal li jħabbar it-tmien sinjal u l-aqwa wieħed: dak tal-Qawmien ta' Kristu. San Ġwann ma jużax il-kelma 'miraklu' (bil-Grieg *dynamis*) għall-mirakli, imma l-kelma 'sinjal' (bil-Grieg *semeion*), li nsibuha 17-il darba fil-Vanġelu. Is-seba' sinjali (huma perfetti u kompluti, li jiġbru kollox) ta' Ġwanni huma: ta' Kana; tal-fejqan tat-tifel tal-funzjonarju; il-fejqan tal-paralitiku f'Beteżda; tat-tkattir tal-ħobż; ta' meta mexa fuq l-ilma; tal-agħma; u tal-qawmien ta' Lazzru (l-Evanġelju tal-lum). Is-sezzjoni ċentrali hi l-kapitli 11 u 12 fejn għandna l-qawmien ta' Lazzru (11:44) u d-dilka ta' Betanja (12:7). Imbagħad it-tieni parti tal-Evanġelju sseħħ fuq medda ta' sitt ijiem, bħalma naraw fl-ewwel żewġ kapitli tal-Ġenesi, għax għandna issa l-ħolqien ġdid bil-qawmien ta' Kristu.

L-isem ta' Lazzru jfisser 'megħjun minn Alla' (*El'azar*). L-isem ta' Betanja, *beth anya*, ifisser 'dar il-fqir', bil-Latin *domus adflictionis*. Betanja hija 3km 'il bogħod minn Ġerusalemm. Fil-vers 3 naqraw: "Iż-żewġ nisa bagħtu jgħidu lil Ġesù: 'Mulej, ara, ħabibek [bil-Grieg *philos*] marid [*asthenos*]'". Marta hija marbuta mal-karità, Marija mat-talb, u Lazzru mas-sofferenza. Ġesù jinsab f'Betanja lil hemm mill-Ġordan (ara Ġw 1:28) fejn kien jgħammed il-Battista, u issa wkoll ħa naraw il-qawmien batteżimali ta' Lazzru f'dan l-episodju. Il-Magħmudija hija difna tal-mewt u qawmien ġdid. Interessanti li dan il-post huwa wkoll bl-isem ta' Betanja, bħar-raħal ta' Marta u Marija. Iż-żewġ ismijiet huma intenzjonali; Ġwanni jrid juri hawnhekk il-vera Magħmudija ta' Kristu.

Versi 4-8: "Meta sama' l-aħbar Ġesù qal: 'Din mhijiex marda tal-mewt, iżda hi għall-glorja ta' Alla, biex biha tingħata glorja lill-Iben ta' Alla'. Ġesù kien iħobbhom lil Marta u lil oħtha u lil Lazzru. Meta

sama' li dan marad, baqa' jumejn oħra fejn kien, u mbagħad qal lid-dixxipli: 'Ejjew nerġgħu mmorru l-Lhudija'. Qalulu d-dixxipli: 'Rabbi, il-Lhud għadhom kemm kienu qegħdin ifittxu li jħaġġruk [bil-Grieg *lithasai*], u int rieġa' sejjer hemm?'".

Ġesù kien jaf li Lazzru kien diġà miet, kien ilu ġurnata mejjet, u ser joqgħod jumejn fejn qiegħed lil hemm mill-Ġordan, u fir-raba' jum imur lejn Betanja. Dan huwa t-tielet u l-aħħar vjaġġ ta' Ġesù lejn Ġersusalemm. Interessanti li kull darba li Ġesù jinżel Ġerusalemm, dejjem iwettaq miraklu jew aħjar 'sinjal' f'San Ġwann. Hekk naraw fil-kapitlu 2, il-mirakli ta' Kana u ta' Kafarnahum, u fil-kapitlu 5, il-fejqan tal-magħtub ta' Beteżda, hekk ukoll fil-kapitlu 9, il-fejqan tal-agħma, u hekk ukoll issa.

Versi 17-20: "Meta wasal, Ġesù sab li Lazzru kien ġa ilu erbat ijiem [il-ġisem mejjet jibda jitħassar] fil-qabar [*mnēmeiō*]. Betanja kienet qrib Ġerusalemm, xi ħmistax-il stadju 'l hemm minnha [inqas minn 3km]. Ħafna Lhud kienu ġew għand Marta u Marija biex ifarrġuhom minħabba ħuhom. Kif, mela, semgħet li kien ġej Ġesù, Marta ħarġet tilqgħu, iżda Marija baqgħet id-dar". Skont ċerti studji: *"Grief reaches its height on the 3rd day"*.

Versi 21-26: "Marta qalet lil Ġesù: 'Mulej, kieku kont hawn, ħija ma kienx imut. Imma wkoll issa, jiena naf li kulma int titlob lil Alla, Alla jagħtihulek'. Ġesù qalilha: 'Ħuk jerġa' jqum [*anastesetai*]!'. Qaltlu Marta: 'Jiena naf li jerġa' jqum, fil-qawmien mill-imwiet fl-aħħar jum'. Qalilha Ġesù: 'Jiena hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix [*zēsetai*]; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt. Temmnu inti dan?". Hawnhekk għandna rivelazzjoni ta' Kristu, għax dan il-miraklu huwa tassew epifanija tal-glorja ta' Alla. L-ewwel Insara kienu tassew jemmnu fil-qawmien tal-ġisem, fejn kienu jippuntaw lejn ġisimhom stess, *"even of this very flesh"*, bil-Latin, *"etiam hujus carnis"*.

F'San Ġwann għandna mela Kristoloġija għolja u żviluppata dwar il-figura ta' Ġesù. Fil-fatt insibu l-frażi 'Jiena hu' (bil-Grieg *ego eimi*) li

fit-Testment il-Qadim hija applikata biss għal Alla, Jaħweh, kif naraw f'Eżodu 3:14. Fl-Evanġelju naraw: "Jiena hu li qiegħed nitkellem miegħek" (4:26); "Jiena hu, la tibżgħux" (6:20); "Jien hu l-ħobż tal-ħajja" (6:35, 41); "Jiena hu d-dawl tad-dinja" (8:12; 9:25); "Jekk intom ma temmnux li Jiena hu, tmutu fi dnubietkom" (8:24); "Meta terfgħu lil Bin il-Bniedem, allura tagħrfu li Jiena Hu" (8:28); "Qabel ma kien Abram, Jiena Hu" (8:58); "Jiena hu l-bieb tan-nagħaġ" (10:7, 9); "Jiena hu r-Ragħaj it-tajjeb" (10:11, 14); "Jiena hu l-Qawmien u l-Ħajja" (11:25); "Jiena hu t-triq, il-verità u l-ħajja" (14:16); u "Jiena hu d-dielja vera" (15:1). Episodju interessanti huwa meta jiġu s-suldati biex jaqbdu lil Ġesù u hu jgħidilhom: "Jien hu", u dak il-ħin huma jaqgħu fl-art għaliex proprju Ġesù rrivela d-divinità tiegħu (18:5).

Versi 32-35: "Meta Marija waslet fejn kien Ġesù u ratu, inxteħtet f'riġlejh, tgħidlu: 'Mulej, kieku kont hawn, ħija ma kienx imut'. Ġesù, kif ra lilha tibki u l-Lhud, li ġew magħha, jibku wkoll [bil-Grieg *klaio*, 'tingħi'), ħass ruħu mqanqal [*embrimaomai*] u tħawwad [*tarassein*] ħafna. 'Fejn qegħedtuh [*tetheikate*]?', staqsiehom. Huma weġbuh: 'Mulej, ejja u ara'. U Ġesù beka [bil-Grieg *dakruo*, li tfisser 'tinfaqa' tibki', emozzjoni iktar qawwija]". Naraw fuq kollox il-misteru tal-Inkarnazzjoni, il-Kelma ta' Alla li saret laħam. Naraw id-dulur ta' Kristu, iżda fuq kollox ukoll l-umanità u l-ħniena kbira tiegħu. Huwa tassew ir-ragħaj it-tajjeb li jagħti ħajtu għall-merħla tiegħu. Huwa l-Għimmanu-El, Alla magħna, Alla li jibki magħna. Alla li jara d-dmugħ tagħna, Alla li jixxotta d-dmugħ tagħna.

Versi 39-41: "Ġesù qal: 'Neħħu l-blata [*lithon*]'. Marta, oħt il-mejjet, qaltlu: 'Mulej issa beda jrejjaħ; ġa ilu erbat ijiem mejjet'. Qalilha Ġesù: 'Ma għedtlekx li jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla?'. Imbagħad neħħew il-blata. Ġesù rafa' għajnejh 'il fuq u qal: 'Missier, irroddlok ħajr [*eucharistō*] li smajtni'". Kemm għandna bżonn inneħħu l-ġebla li qiegħda ddallamna, il-blata tad-diffikultajiet li noħolqu bejnietna, tad-dubji, tan-nuqqas ta' fidi! Neħħi dik il-ġebla li mhix tħallik tara lil ħuk fil-bżonn, lil ħuk li huwa marid, lil ħuk li qiegħed il-ħabs, il-'ġebla' (*lithos*) tal-egoiżmu tiegħek, tal-vizzju

tiegħek, tal-iskemi tiegħek, tal-fissazzjonijiet tiegħek; ħalli b'hekk tassew tkun tista' tirfed ħajtek fuq il-'blata' (*petros*) soda ta' Kristu.

Versi 42-44: "'Kont naf li inti dejjem tismagħni, imma għidt dan minħabba n-nies li hawn madwari, biex huma jemmnu li inti bgħattni'. Kif qal hekk, għajjat b'leħen għoli [*kraugazein*]: 'Lazzru, oħroġ!'. U dak li kien mejjet ħareġ, b'idejh u riġlejh infaxxati u b'maktur ma' wiċċu. Ġesù qalilhom: 'Ħollulu l-faxex u ħalluh imur'". Ġesù mhux biss jagħtina l-ħajja mill-ġdid, imma wkoll il-libertà mill-ġdid. Dan il-qawmien ta' Lazzru jħabbar it-tmien u l-aqwa sinjal tal-qawmien ta' Kristu. Huwa profezija tal-qawmien ta' Kristu. Imma jħabbar ukoll il-qawmien ta' kuljum tagħna mill-mewt tad-dnub, tal-waqgħat tal-bniedem il-qadim ġewwa fina. Fil-Galilija, f'Kafarnahum, Ġesù qajjem lit-tifla ta' 12-il sena; ġewwa Najn huwa jqajjem wieħed żagħżugħ, tifel uniku ta' armla. Issa Ġesù jinsab fil-Lhudija u f'Betanja huwa jqajjem lil Lazzru. Huwa s-seba' sinjal fl-Evanġelju, huwa miraklu li jseħħ fl-aħħar tar-rakkont kollu. Interessanti li f'San Ġwann l-ewwel sinjal seħħ f'mument ta' festa ta' tieġ ta' Kana, hawnhekk ninsabu f'mument ta' viżtu, ta' wara l-mewt ta' xi ħadd.

**Riflessjoni**

Dan huwa l-konklużjoni tas-sinjali, fejn naraw ir-rebħa kontra l-aħħar għadu tal-bniedem li hija l-mewt (1 Kor 15:26). "Imbagħad wasal warajh Xmun Pietru, daħal fil-qabar, u ra l-faxex tal-għażel imqiegħda hemm, u l-maktur li kien madwar rasu; dan ma kienx mal-faxex, imma mitwi u mqiegħed f'post għalih" (Ġw 20:6-7). Huma l-faxex tat-twelid li jħabbru l-faxex tal-qawmien. Hekk jgħidilna s-Salm 107:13-14: "Għajtu lill-Mulej fl-hemm tagħhom, u mid-dwejjaq tagħhom ħelishom. U ħariġhom mid-dlam u minn dell il-mewt, u kisser il-ktajjen tagħhom".

## Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej – 29 ta' Marzu 2026
### MINN 'OSANNA' GĦAL 'SALLBU'

***Qari 1 (Iżaija 50:4-7); Salm 21 (22); Qari 2 (Filippin 2:6-11); l-Evanġelju (Mattew 26:14–27:66)***

**Fl-Ewwel Qari** għandna t-tielet għanja tal-qaddej ta' Jaħweh fil-kapitlu 50 tal-ktieb tal-profeta Iżaija. Il-profeta Iżaija (ifisser 'Jaħweh isalva') huwa meqjus bħala l-prinċep tal-profeti. Dan huwa l-itwal ktieb fil-Bibbja, fih 66 kapitlu u żgur li nkiteb f'diversi perjodi. Il-ktieb fih fuq kollox ħafna twissijiet u stediniet għall-konverżjoni. Iżaija kien bin Għamos ta' Ġerusalemm u twieled lejn is-sena 760 QK, u għalhekk kien mis-Saltna ta' Isfel. Kien fi żmien is-slaten Użżija, Ġotam, Aħaż u Ħeżekija, u miet martri sserrat fi tnejn mis-sultan Manasse. Huwa jħabbar lill-Madonna, lill-Messija, lil Ġwanni l-Battista u t-tbatijiet ta' Ġesù fil-figura tal-Qaddej ta' Jaħweh. Hemm erba' għanjiet tal-Qaddej tal-Mulej (ta' Jaħweh, *Gottesknecht*) li huma: 42:1-4; 49:1-7; 50:4-11 (il-Qari tal-lum), u 52:13-53:12 fejn naraw fuq kollox is-sofferenza tal-qaddej, jiġifieri tal-Messija. U għalhekk illum il-karba tas-Salmista hija l-karba ta' Kristu fuq is-salib fl-ikbar siegħa tiegħu: **"Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?"**.

**Fit-Tieni Qari** San Pawl jgħidilna li Kristu ċekken lilu nnifsu u għalhekk Alla għollieh. L-Ittra lill-Filippin aktarx inkitbet meta San Pawl kien miżmum taħt kustodja libera jew arrest domiċiljari f'Ruma, b'suldat għassa miegħu bil-fakultà li jkompli l-predikazzjoni tiegħu, u dan wara li telaq bħala priġunier minn Malta fis-sena 60 WK. Hija miktuba għall-Insara ta' Filippi, fil-Maċedonja, li tinsab fil-grigal tal-Greċja, l-ewwel belt fl-Ewropa li fiha mar San Pawl fit-tieni vjaġġ missjunarju, wara li fi Troas kellu viżjoni billejl li jmur hemm. Dan kien 'turning-point' importanti fil-ħidma missjunarju ta' San Pawl, fil-ħidma tiegħu 'ta' tħawwil tax-xitla tal-Knisja' f'diversi bliet ta' dak iż-żmien; għaliex jidher li San Pawl ma kienx sejjer fil-Punent fl-Ewropa, imma lejn il-Lvant fil-Bitinja, fin-naħa ta' fuq tal-Asja Minuri fejn il-Baħar l-Iswed: "Xħin waslu fi truf il-Misja, riedu jibqgħu sejrin sa Bitinja imma l-Ispirtu ta' Ġesù ma ħallihomx" (Atti

16:7). Filippi kienet kolonja qawwija Rumana, bil-privileġġ Ruman *'ius italicum'* fejn il-komunità kienet tgawdi kull protezzjoni tal-liġi Rumana. L-isem tagħha kien għal missier Alessandru l-Kbir, Filippu II, Re tal-Maċedonja, għax kienet appuntu mwaqqfa minnu madwar is-sena 358 QK. Minn din il-belt Alessandru l-Kbir beda l-imperu tiegħu fis-sena 334 QK. Din il-komunità kienet għal Pawlu l-"ferħ u l-kuruna tiegħu" u diversi drabi huwa rċieva l-għajnuna mingħand din il-komunità. F'Filippi naraw il-konverżjoni, anzi l-ewwel konverżjoni fl-Ewropa, dik ta' mara, Lidja minn Tijatira u l-familja tagħha, u għandna wkoll il-konverżjoni tal-għassies Ruman tal-ħabs tal-Filippi u l-familja kollha tiegħu. F'din l-Ittra, imwassla lill-Filippin permezz tal-kollaboratur Epafroditu, San Pawl jiftaħ qalbu magħhom u jurihom bil-pjanijiet tiegħu għalihom li jibagħtilhom lil Timotju, filwaqt li jinkuraġġihom fil-mixja ta' ħajja ġdida Nisranija li kienu qed jagħmlu u biex ma jagħtux kas tat-tfixkil.

Fil-kapitlu 2, versi 6-11 (it-Tieni Qari tal-lum) insibu kapulavur ta' innu li juri l-kobor tal-Misteru tal-Inkarnazzjoni u tar-Redenzjoni permezz ta' Kristu: "Hu li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa s-sura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; huwa umilja ruħu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet, u tah isem li hu fuq kull isem, biex fl-isem ta' Ġesù l-ħlejjaq kollha fis-sema, fl-art u taħt l-art jinżlu għarkupptejhom, u kull ilsien jistqarr li Ġesù Kristu hu l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier". Żgur li dan l-innu lil Kristu, u għalhekk wieħed mill-iktar Kristoloġiku, kien użat fit-talb u fil-liturgija tal-ħajja tal-ewwel Insara. Fih naraw il-qofol tat-tagħlim ta' San Pawl dwar Ġesù Kristu li għalih kien kollox: "Għax għalija l-ħajja hi Kristu u l-mewt qligħ" (Fil 1:21).

**Fl-Evanġelju** għandna r-rakkont tal-Passjoni skont San Mattew 26:12–27:66. F'Mattew 26:30 naraw lil Ġesù fuq l-għolja taż-Żebbuġ qabel il-passjoni tiegħu. Illum jistona ħafna dan il-kuntrast ta' bejn Ħadd il-Palm u dak li ġara fuq il-Kalvarju fil-Ġimgħa l-Kbira. Jistona tassew il-fatt li l-kotra tkanta 'Osanna' meta Ġesù daħal bħal re

Ġerusalemm, u ħamest ijiem wara tgħajjat 'Sallbu' lill-istess Ġesù li min jaf kemm għamel mirakli magħhom. Ir-rakkont ta' San Mattew jurina fuq kollox l-istqarrija tal-fidi mhux ta' Lhudi (li għalihom u fil-kuntest Lhudi San Mattew qiegħed jikteb dan l-Evanġelju), imma ta' wieħed pagan Ruman, iċ-ċenturjun, li jgħid: "Dan kien tassew l-Iben ta' Alla".

**Riflessjoni**

Allaħares li din ukoll tkun l-għajta tagħna ta' 'Sallbu', u għalhekk importanti li noqogħdu attenti sabiex bi kliemna u b'għemilna ma nsallbux lil xulxin. L-għajta tagħna fi tmiem dan ir-Randan għandha tkun dik li fiha liturġikament isib il-qofol tiegħu fil-Velja Kbira tal-Għid: "Kristu qam tassew Rebbieħ. Hallelujah". Din għandna ngħiduha mhux biss fil-mument tal-paċi u tal-liturġija, imma b'konvinzjoni iktar qawwija fil-mumenti kollha li fihom naraw lil Kristu fil-proxxmu tagħna, fil-fqir, fil-marid, fl-immigrant, fil-barrani u anki fl-ikbar għadu tagħna. B'hekk biss din il-mixja ta' 40 jum tar-Randan tkun tassew mixja mill-irmied tat-trab tal-art għall-glorja tal-qawmien tagħna għall-ħajja ta' dejjem.

# IV
# ĦSIBIJIET GĦAL KULL ĠURNATA TAR-RANDAN

## L-ERBGĦA TAL-IRMIED
**Illum bdejna l-mixja tal-40 jum li jwassluna għall-Għid il-Kbir**

**Għaliex 40 jum?**

- B'tifkira tal-40 sena li l-poplu Lhudi dam miexi fid-deżert;
- u b'tifkira tal-40 jum li Ġesù dam sajjem fid-deżert.

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**

***Fl-Ewwel Qari:*** Il-Mulej permezz tal-Profeta Ġoel għal darbtejn qed jistedinna: "Erġgħu duru lejn il-Mulej… għax hu ħanin u jagħder".
***Fil-Vanġelu:*** Kristu jsemmilna tliet għemejjel xi nwettqu matul ir-Randan:

1. Karità
2. Talb
3. Sawm

u jwissina biex dawn ma nagħmluhomx għal għajnejn in-nies, iżda biex nogħġbu lil Alla.

**Insaqsi lili nnifsi**

1. Jien lest li nilqa' l-istedina ta' Ġesù biex nikkonverti għall-aħjar?
2. Waqt li l-irmied jitqiegħed fuq rasi, is-saċerdot ser jgħidli: "Indem u emmen fil-Bxara t-Tajba". X'deċiżjoni ser nieħu?

**Deċiżjoni**

Nisma' mill-kliem ta' San Pawl f'2 Korintin 6:2: "Araw, issa hu ż-żmien it-tajjeb, issa hu jum is-salvazzjoni".

## IL-ĦAMIS WARA L-IRMIED
**Ir-Randan hu żmien ta' għażla**

### X'inhu jgħidli l-Mulej?
***Fl-Ewwel Qari:*** Mosè jgħid lill-poplu li "qegħedtlek quddiemek il-ħajja jew il-mewt" biex jagħżel minnhom. Jekk tħobb lill-Mulej Alla u tħares il-liġijiet tiegħu, ikollok il-ħajja. Għall-kuntrarju, jekk int ma tagħtix widen u tħalli min jaqilbek u tinxteħet quddiem allat oħra foloz, żgur tinqered.
***Mill-Vanġelu:*** Kristu jgħidilna nagħżlu: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum u jimxi warajja".

### Insaqsi lili nnifsi
- Bi ħsiebni niftaħ għajnejja u nagħti direzzjoni ġdida lil ħajti?
- Lest li nwettaq il-kmandamenti ta' Alla, jew inkompli nkissirhom?

### Niddeċiedi
Illum irrid nagħmel għażla u ma' Sant'Wistin ngħidlek: "Lilek biss inħobb, Mulej, warajk biss irrid nimxi. Lilek biss irrid infittex u lilek biss irrid naqdi".

## IL-ĠIMGĦA WARA L-IRMIED
**Is-sawm marbut mal-ħniena**

### X'inhu jgħidli l-Mulej?
***Fl-Ewwel Qari:*** Il-profeta Iżaija jorbot is-sawm mal-għemejjel tal-ħniena:
- Taqsam ħobżok ma' min hu bil-ġuħ.
- Tagħti kenn lil min hu bla saqaf.
- Tlibbes lil min hu għeri.
- Ma tinsiex lil għajrek.

***Mill-Vanġelu:*** Is-sawm hu sinjal ta' konverżjoni u ta' stennija. Għalhekk sal-miġja tal-Messija, is-sawm ma kienx fih tifsira. Iżda Kristu jħabbar li wara l-mewt tiegħu "d-dixxipli tiegħu mbagħad isumu". Fil-fatt is-sawm dejjem kien element importanti għall-ħajja Nisranija. U hekk jibqa' bħala stennija għat-tieni miġja ta' Kristu fl-aħħar tad-dinja.

**Insaqsi lili nnifsi**
Lest li niċċaħħad ftit jien biex naħseb fl-oħrajn?
Lest li nnaqqas ftit mill-ikel u xorb biex nagħti lil min hu bil-ġuħ?

**Niddeċiedi**
Inwettaq il-pariri tal-mibki Papa Franġisku:

- Sum minn kliem li jweġġa' u għid kliem ta' ħlewwa.
- Sum mir-rabja u mtela bis-sabar.
- Sum mit-tgergir u ħaddan is-sempliċità.
- Sum mill-egoiżmu u uri ħniena.
- Sum mill-korla u fittex il-paċi.
- Sum mill-paroli (żejda) u iskot u isma'.

## IS-SIBT WARA L-IRMIED
## Nagħti ġieħ lill-Mulej jekk nimxi fit-triqat tiegħu

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Il-Profeta Iżaija jwissina li jien inkun nagħti tassew ġieħ lill-Mulej

- jekk inwarrab mit-triq tal-qerq u tal-moħqrija,
- jekk ma nkasbarx jum il-Mulej imma nqaddsu bit-talb, bis-smigħ tal-Kelma ta' Alla, u b'għemejjel tajba.

***Mill-Vanġelu:*** Il-konverżjoni ta' Levi: "Telaq kollox u mar warajh".

- Telaq il-ħajja ta' pubblikan, jiġifieri ta' midneb pubbliku.
- U qabad ħajja ġdida biex minn pubblikan isir appostlu u evanġelista.

**Insaqsi lili nnifsi**
Jien miexi fi triq żbaljata?
Lest li nitlaq il-ħajja l-imgħoddija u nimxi aktar fil-qrib wara Ġesù?
Hemm xi ħaġa li qed tjassarni fil-ħajja tiegħi tal-imgħoddi?

**Niddeċiedi**
Mulej, inwegħdek li rrid nibdel ħajti mill-qiegħ "u naħrab minn dak kollu li dari waqqagħni fid-dnub".

## IT-TNEJN WARA L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN
## "Min iħobb lil Alla, iħobb ukoll lil ħuh" (Ġw 4:21)

Il-Kelma ta' Alla llum tgħinna neżaminaw il-kuxjenza tagħna, għax nistgħu nidinbu bl-għemil jew bit-tħollija tal-għemil.

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Din is-silta meħuda mill-Ktieb tal-Levitiku tgħidilna biex naħarbu d-dnubiet tal-għemil kontra l-proxxmu tagħna: la tisirqux, la tqarrqux, la taħilfux bil-gideb, la tgħawġux il-verità, la titħallsux b'idejkom.
***Mill-Vanġelu:*** Ix-xena tal-Ġudizzju finali skont San Mattew
Il-ħaqq ser ikun fuq l-imħabba.

- Is-sultan jippremja u jsejjaħ imberkin lil dawk li wettqu l-opri tal-ħniena.
- U jkeċċi minn quddiemu dawk li ma wettqux it-tajjeb li kien imisshom jgħamlu; jiġifieri ma temgħux lil min kien bil-ġuħ, ma sqewx lil min kien bil-għatx; u ma żarux lill-marid u lill-ħabsi.

**Insaqsi lili nnifsi**
Nemmen li dak li nagħmel mal-proxxmu inkun qed nagħmlu ma' Alla stess?
Kemm napprezza u nifhem il-kliem fil-bidu tal-quddiesa meta ngħid: "Nistqarr 'l Alla li jista' kollox li jien dnibt ħafna bil-ħsieb, bil-kliem, bil-għemil u billi ħallejt dmirijieti"?

**Niddeċiedi**
Mulej, inwegħdek li f'kull persuna nara lil wiċċek.

**IT-TLIETA WARA L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN**
**Nisma' u nitkellem ma' Alla**

Fil-Bibbja, Alla jkellem lilna u fit-talb aħna nkellmu lil Alla. Biex inkunu tassew uliedu, irridu nisimgħu lil Alla meta jkellimna, u nitkellmu miegħu billi niftħu qalbna miegħu fit-talb.

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Jistedinni sabiex nagħti widen u nisma' l-Kelma ta' Alla. Il-Mulej permezz tal-profeta jiżgurana mill-qawwa tal-Kelma ta' Alla. Kif ix-xita li tinżel issaqqi l-art u twassal għall-frott, hekk ukoll il-Kelma ta' Alla li hija "ħajja u qawwija" u twassal biex tagħmel frott kotran.
***Mill-Vanġelu:*** Kristu mhux biss jurina l-ħtieġa taat-talb, iżda jurina kif għandna nitolbu billi tana:

- "L-aktar talba perfetta" (San Tumas).
- "It-talba li fiha seba' talbiet" (KKK 2803).
  Tlieta jirreferu għal Alla: għat-tqaddis ta' ismu, għat-tkabbir ta' saltnatu u għat-twettiq tar-rieda tiegħu.
  L-erbgħa l-oħra nitolbuh għall-ħtiġijiet tagħna: il-ħobżna ta' kuljum, il-maħfra ta' dnubietna, il-ħelsien mit-tentazzjonijiet u l-ħarsien minn kull deni.

**Insaqsi lili nnifsi**
Naf li t-talba tal-Missierna hija talba ta' fiduċja tal-iben fil-Missier tiegħu? (il-Papa Franġisku)
Naf li t-talba tal-Missierna hija ġabra fil-qosor tal-Vanġelu kollu? (Tertulljanu)

**Niddeċiedi**
Ma nħalli l-ebda jum jgħaddi mingħajr ma nieqaf, ninġabar u nitlob.

It-talb huwa:

- iċ-ċavetta li biha niftaħ il-ġurnata,
- ul-lukkett li fiha nagħlaqha. (Gandhi)

**L-ERBGĦA WARA L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN**
**Il-ħtieġa tal-indiema**

Alla hu Missier ta' ħniena bla tarf. Ma jridx jikkundanna lill-midneb iżda li jsalvah billi l-midneb jibdel ħajtu.

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Il-profeta Ġona jiġi mibgħut minn Alla sabiex in-nies ta' Ninwè jagħmlu penitenza u jbiddlu ħajjithom. Ġona xandar u qal: "Jekk ma tindmux, Ninwè ssir ħerba". U n-nies ta' Ninwè nidmu. U Alla, kif ra li n-nies reġgħu lura mill-ħajja ħażina, reġa' lura u ma bagħatx il-kastig.

***Mill-Vanġelu:*** Ġesù jsejjaħ in-nies ta' żmienu "nisel ħażin". Għaliex?

- Għax kellhom widnejn imma ma ridux jisimgħu.
- Kristu jagħmel kuntrast bejn in-nies ta' Ninwè u n-nies ta' żmienu. Filwaqt li n-nies ta' Ninwè nidmu quddiem il-predikazzjoni ta' Ġona, għall-kuntrarju, in-nies ta' żmienu baqgħu ma emmnuhx avolja hu aqwa minn Ġona u aktar għaref minn Salamun.

**Insaqsi lili nnifsi**
Il-Mulej qiegħed jagħtini ċans ieħor f'dan ir-Randan: lest li nbiddel ħajti għall-aħjar?
Fl-Eżerċizzi, bi ħsiebni nilqa' l-Kelma ta' Kristu, jew jien ukoll għandi widnejn u ma rridx nisma'?

**Niddeċiedi**
Mulej, għinni nindem u nbiddel ħajti, għax inti "qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, o Alla" (Salm 50).

**IL-ĦAMIS WARA L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN**
**Fiduċja fit-talb**

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**

***Mill-Ewwel Qari:*** Din is-silta għandha t-talba fiduċjuża ta' Ester. Ir-re tal-Persja, imxewwex mill-kunsillier tiegħu, iddeċieda li jeqred lill-poplu Lhudi. Ir-reġina Ester riedet taqbeż għall-poplu tagħha. Qabel ma marret għand is-sultan, biex iddawwarlu fehemtu, hi għamlet talba ħerqana lil Alla. F'din it-talba tispikka l-fiduċja sħiħa tagħha f'Alla: "Mulej, għinni għax jien waħdi u m'għandi lil ħadd sabiex jgħinni ħliefek".

***Mill-Vanġelu:*** Alla jisma' t-talb tagħna. Kristu jiżgurana li Alla l-Missier hu ħanin u twajjeb. Jisma' dejjem u bil-ferħ it-talb tagħna wliedu, ġaladarba jkun ta' ġid għalihom. Għalhekk jagħtina garanzija:

- "Itolbu u jingħatalkom".
- "Fittxu u ssibu".
- "Ħabbtu u jiftħulkom".

Il-qalb tajba ta' Alla hija stedina biex nipperseveraw fit-talb tagħna u qatt ma negħjew jew naqtgħu qalbna minnu.

**Insaqsi lili nnifsi**

Jien konvint minn dak li qalilna l-Papa Ljun XIV li t-talb hu:

- dawl li jiggwida l-passi tagħna,
- enerġija fl-għeja tagħna,
- tama fid-dlamijiet tagħna,
- u qawwa fil-komunitajiet tagħna?

Kemm nitlob kuljum?

**Niddeċiedi**

Ma nafdax fuq nnifsi, iżda nafda u ndur lejn Alla li jista', irid u l-gost tiegħu li jgħinni.

**IL-ĠIMGĦA WARA L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN**
**Nagħmlu ħbieb ma' Alla u ma' xulxin**

Ir-Randan huwa żmien ta' rikonċiljazzjoni, jiġifieri nirranġaw ir-relazzjonijiet tagħna ma' Alla u mal-proxxmu.

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Il-profeta Eżekjel jistedinna sabiex nagħmlu ħbieb ma' Alla u jiżgurana minn żewġ ħwejjeġ:

- Li Alla hu tant qalbu ħanina li ma togħġbux il-mewt tal-midneb, iżda li jerġa' lura u jgħix.
- Li jekk il-midneb jerġa' lura mill-ħajja tad-dnub u jagħmel is-sewwa, hu jsalva ruħu.

***Mill-Vanġelu:*** Huwa stedina sabiex nagħmlu paċi ma' xulxin.
Kristu jagħtina żewġ twissijiet:

1. Mhux biss min joqtol bil-ponta tas-sejf ħaqqu l-kastig, iżda wkoll min joqtol u jfieri bi lsienu.
2. Jekk tkun ittella' l-offerta fuq l-altar u tiftakar li ħuk għandu xi ħaġa kontra tiegħek, mur l-ewwel irranġa ma' ħuk u mbagħad ejja tella' l-offerta tiegħek.

**Insaqsi lili nnifsi**
Jien ġieli ferejt lil xi ħadd bi lsieni?
Jien ġieli għajjart, żeblaħt, weġġajt u waqqajt għaċ-ċajt lil xi ħadd bi kliemi?
Jieni ġieli għamilt xi vendikazzjoni jew xerridt xi kalunnja jew xi malafama?

**Niddeċiedi**
Insaffu kliemna biex qatt ma noffendu lil ħadd.
Il-Papa Ljun XIV: "Ejjew inżarmaw il-kliem u nkunu ngħinu sabiex inżarmaw id-dinja mill-armamenti u mill-ġlied".

## IS-SIBT WARA L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN
## Inħarsu l-Kmandamenti u l-maħfra tal-għedewwa

### X'inhu jgħidli l-Mulej?

***Mill-Ewwel Qari:*** Mosè jfakkar lill-poplu lhudi fil-patt li Alla għamel mal-poplu. Mosè jwissih li Alla ser iħarsu u jkun Alla tiegħu, bil-patt li l-poplu jħares il-Kmandamenti u jwettaqhom b'qalbu kollha u b'ruħu kollha.

***Mill-Vanġelu:*** Ġesù jitkellem fuq il-maħfra tal-għedewwa. Jurina li l-fehmiet tiegħu ma jaqblux mal-fehmiet tagħna l-bnedmin. L-opinjoni tal-bnedmin hija li nħobbu lil min iħobbna u nobogħdu lil min jobogħdna.

Quddiem dan kollu, Ġesù jagħmel dikjarazzjoni qawwija:

- "Imma jien ngħidilkom: Ħobbu lill-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom".
- U Ġesù jagħti r-raġuni: "…biex tkunu wlied Alla Missierna li jtella' x-xemx u jniżżel ix-xita sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin".

### Insaqsi lili nnifsi

Lest li nisma' l-parir tal-mibki Papa Franġisku, "inħottu l-ħitan li jifirduna u nibnu pontijiet li jgħaqqduna ma' xulxin"?

### Niddeċiedi

Nieħu bħala riżoluzzjoni li nkun paċi ma' Alla u paċi ma' ħuti l-bnedmin.

## IT-TNEJN WARA T-TIENI ĦADD TAR-RANDAN
## Inħennu bħalma jħenn Alla għalina

### X'inhu jgħidli l-Mulej?

***Mill-Ewwel Qari:*** Il-profeta Danjel jagħmel stqarrija tad-dnubiet mhux biss f'ismu iżda f'isem in-nazzjon kollu: "Aħna dnibna, ġibna ruħna ħażin, għamilna d-deni, qomna u rribellajna kontrik". Iżda minkejja tant dnubiet, tispikka t-tama fil-Ħniena kbira ta' Alla.

***Mill-Vanġelu:*** Kristu jgħidilna: "Ħennu bħalma ħanin hu Missierkom". Xi tfisser tgħix il-ħajja Nisranija? Kristu jgħidilna li essenzjalment tfisser li f'ħajjitna rridu nixbhu t-tjubija u l-ħniena ta' Alla Missierna. Għax il-veri wlied iridu jixbhu lill-Missier. Inħennu, naħfru u ngħinu lil kulħadd kif jagħmel magħna Alla.

**Insaqsi lili nnifsi**
Minkejja li jien midneb, għandi tama fil-ħniena ta' Alla?
Nista' nitlob lil Alla jħenn għalija jekk jien ma nħennx għal ħaddieħor?

**Niddeċiedi**
Bl-istess kejl li nkejjel lil ħaddieħor, niġi mkejjel jien.
Għalhekk:

- inħenn biex insib ħniena,
- naħfer biex inkun maħfur,
- nagħti biex jingħatali.

**IT-TLIETA WARA T-TIENI ĦADD TAR-RANDAN**
**Bidla mhux minn barra imma minn ġewwa**

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Neħħu l-ħażen ta' għemilkom. Dan huwa l-appell imqanqal li jagħmel il-profeta Iżaija lill-poplu kollu biex jibdel ir-rotta tal-imġiba tiegħu: "Ieqfu mill-ħażen, agħmlu t-tajjeb, sewwu l-inġustizzja. U jekk dnubietkom huma ħomor bħall-iskarlatt, isiru bojod bħas-silġ". Il-maħfra min-naħa ta' Alla hija lesta. Jonqos biss li l-bniedem jindem minn dnubietu.
***Mill-Vanġelu:*** Mhix biżżejjed bidla minn barra. Jeħtieġ bidla mill-qiegħ ta' qalbna. Fil-Vanġelu skont San Mattew, għal sitt darbiet Ġesù jikkundanna l-ipokrezija, jiġifieri l-wiċċ b'ieħor tal-Fariżej.

**Insaqsi lili nnifsi**
Tgħodd ukoll għalija ċ-ċanfira ta' Kristu li kliem biss għandi u fatti xejn? Dak li nagħmel, nagħmlu għal wiċċ in-nies jew għall-glorja ta' Alla?

**Niddeċiedi**
Quddiem is-sentenza ta' Ġesù: "Min jitkabbar jiċċekken u min jiċċekken jitkabbar", meħtieġ niddeċiedi li nibdel l-istil ta' ħajti. "Għax huma kliem biss għandhom imma fatti xejn. U kulma jagħmlu, jagħmluh għal għajnejn in-nies".

## L-ERBGĦA WARA T-TIENI ĦADD TAR-RANDAN
**Nimxu kontra l-kurrent**

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Il-profeta Ġeremija twieled 650 sena qabel Kristu. Hu l-profeta li l-aktar kellu jġarrab persekuzzjonijiet. Jgħid il-verità u jobogħduh; huwa innoċenti u jikkonfoffaw kontra tiegħu; bniedem rett u mżeblaħ u maħqur. Fis-silta tal-lum Ġeremiija jdur lejn Alla u jafda fih. Ma jitlobx vendetta mill-għedewwa, iżda jitolbu sabiex iwarrab il-korla tiegħu minn fuqhom.
***Mill-Vanġelu:*** Kristu jiġrilu l-istess bħal Ġeremija. Waqt li hu jħabbrilhom għat-tielet darba li ser iżebilħuh, isawtuh u jsallbuh, titfaċċa omm Ġwanni u Ġakbu u titolbu post ta' unur għal uliedha fis-saltna tiegħu. Kristu kien jaf li fost id-dixxipli kien għad hemm l-ispirtu tad-dinja u kulħadd kien ifittex l-ewwel post. Għalhekk Kristu jwissihom: "Fostkom m'għandux ikun hekk! Min irid ikun kbir, isir qaddej, u min irid ikun l-ewwel, joqgħod l-aħħar bħala lsir ta' kulħadd".

**Insaqsi lili nnifsi**
Jien inħaddan il-valuri fiergħa tad-dinja, infittex is-suċċessi, il-flus u l-poter?
Jew lest li nimxi kontra l-kurrent u nħaddan il-valuri ta' Kristu?

**Niddeċiedi**
Illum fil-familja u fuq ix-xogħol, flok infittex l-ewwel post, nagħżel li noqgħod l-aħħar, u flok nagħmilha tal-kbir, naċċetta li nkun qaddej.

## IL-ĦAMIS WARA T-TIENI ĦADD TAR-RANDAN
**Hieni l-bniedem li jqiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu**

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Permezz tal-profeta Ġeremija, Alla jgħidilna żewġ veritajiet importanti.

1. Misħut il-bniedem li jittama fil-bniedem, li jfittex il-qawwa tiegħu fil-ġisem u qalbu titbiegħed minn Alla.
2. "Imbierek il-bniedem li jittama fil-Mulej". Il-fiduċja f'Alla hi għajn ta' ħajja għall-bnedmin daqskemm l-ilma hu ħajja għas-siġar.

***Mill-Vanġelu:*** Il-parabbola tal-għani u Lazzru tikkonferma kemm hu iblah minn ipoġġi t-tama tiegħu fil-ġid u fl-għana ta' din id-dinja. L-għani jserraħ moħħu bih innifsu u jpoġġi s-sigurtà tiegħu fil-ġid tiegħu. Huwa vittma tal-egoiżmu tiegħu u ma jinqediex bil-ġid li kellu biex jagħmel il-ġid lill-oħrajn.

**Insaqsi lili nnifsi**
Fuqiex qed inpoġġi t-tama tiegħi?
Forsi jien ukoll qed inserraħ rasi fuq il-ġid tad-dinja u ninsa lil Alla u lil ħuti li huma fil-bżonn?

**Niddeċiedi**
Fik, Mulej, jien nistkenn, ma jkolli qatt għax ninfixel.

## IL-ĠIMGĦA WARA T-TIENI ĦADD TAR-RANDAN
**Il-vizzju tal-għira**

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Din is-silta meħuda mill-ktieb tal-Ġenesi tirrakkonta l-istorja ta' Ġużeppi. Turina fejn twassal l-għira. Ġakobb fix-xjuħija tiegħu kien iħobb lil Ġużeppi fuq ħutu l-oħrajn. Għalhekk ħietlu libsa twila sinjal ta' din l-imħabba speċjali lejh. L-aħwa għeru

għalih u bagħduh, rabtuh u bigħuh bħala skjav. Ġużeppi huwa figura ta' dak li kellu jiġri lil Kristu.

***Mill-Vanġelu:*** Kristu jgħid parabbola ta' kundanna kontra l-Fariżej. Kien hemm raġel li ħawwel għalqa tad-dwieli, qabbilha lil xi bdiewa u siefer. Meta ġie lura bagħat il-qaddejja tiegħu għand il-bdiewa li ħaġġruhom. Fl-aħħar il-missier bagħat lil ibnu stress. Il-bdiewa għeru għall-iben u qalu: "Ara l-werriet, ejjew noqtluh biex il-wirt tiegħu neħduh aħna".

It-tifsira tal-parabbola turina li:

- L-għalqa hija l-poplu Lhudi.
- Sid l-għalqa hu Alla l-Missier.
- Il-bdiewa huma l-mexxejja tal-poplu Lhudi.
- Il-qaddejja huma l-profeti.
- L-iben il-maqtul hu Kristu: "Pilatu stess kien jaf li kienet l-għira li ġagħlithom jikkundannawh" (Mt 27:18).

**Insaqsi lili nnifsi**

Is-susa qerrieda tal-għira nibtet ukoll f'qalbi?
Nifraħ bid-deni ta' ħaddieħor?
Ninkedd bil-ġid ta' ħaddieħor?

**Niddeċiedi**

Illum, flok ngħir għal ħaddieħor, ngħin lil ħaddieħor.

## IS-SIBT WARA T-TIENI ĦADD TAR-RANDAN
## Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**

***Mill-Ewwel Qari:*** Il-profeta Mikea ħadem bejn is-snin 750-697 QK. Dan ifaħħar lil Alla u jitolbu jkompli jieħu ħsieb il-poplu l-magħżul, bħal fi żmien Mosè meta ħareġ lill-poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu. Għalhekk jiftaħ qalbu u jgħid: "Min hu Alla bħalek li dejjem lest li jaħfer u jinsa dnubietna tant li jarmi f'qiegħ il-baħar ħtijietna kollha?". Alla juri l-kobor tiegħu fuq kollox billi jaħfer dnubietna, malli nindmu minnhom.

***Mill-Vanġelu:*** Luqa, li huwa msejjaħ il-kittieb tal-ħniena ta' Kristu, jagħtina l-parabbola tal-Iben il-Ħali. Iżda fil-fatt, l-attur prinċipali huwa Alla għani fil-ħniena. Għalkemm l-iben huwa ingrat u abbanduna d-dar ta' missieru, il-missier baqa' ħsiebu fih u jistennieh. Meta lemħu ġej mill-bogħod, tħassru u bil-ferħ imur jiġri jilqgħu, waqt li jgħannqu u jimlieh bil-bews.

**Insaqsi lili nnifsi**
Ġieli kont ingrat ma' Alla u forsi abbandunajtu?
Nemmen li għalkemm jien abbandunajtu, Alla ma telaqnix, ma nsinix, iżda baqa' jfittixni u jsejjaħli?

**Niddeċiedi**
Jekk ilni ma nqerr, illum ngħid bħall-iben il-ħali: "Ħa nqum u mmur għand Missieri"; u nersaq lejn is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

## IT-TNEJN WARA T-TIELET ĦADD TAR-RANDAN
## Is-Salvazzjoni miftuħa għal kulħadd

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Il-Lhud bħala l-poplu l-magħżul kienu jippretendu li s-salvazzjni hi għalihom biss, waqt li l-pagani ma kellhom l-ebda sehem fiha. Il-ġrajja ta' Nagħman tas-Sirja turi li l-idea tagħhom kienet żbaljata. Nagħman, li kien marid bil-ġdiem, mar għand il-bniedem ta' Alla, Eliżew, li ordnalu jmur jinħasel fix-xmara Ġordan. Nagħman emmen u obda, u ġie mfejjaq minkejja li kien pagan.
***Mill-Vanġelu:*** Il-Lhud ta' żmien Ġesù kellhom l-istess idea żbaljata li Alla hu tagħhom u għalihom biss. Ġesù jurihom li hu ġie fid-dinja biex isalva lil kulħadd, anki lill-pagani. Għalhekk isemmilhom żewġ persunaġġi mill-Bibbja, li minkejja li kienu pagani, irċevew grazzji kbar mingħand Alla. Dawn kienu:

- L-armla ta' Sarefta li żmien il-profeta Elija.
- Nagħman tas-Sirja li għadna kemm qrajna fuqu fl-Ewwel Qari.

In-nies ta' Nazaret tant kienu mogħmijin fl-iżball tagħhom li nkorlaw u daru kontra Ġesù.

**Insaqsi lili nnifsi**
Naf li l-ġrajja ta' Nagħman li għodos seba' darbiet fil-Ġordan hi figura tas-Sagrament tal-Magħmudija?

**Niddeċiedi**
Ġesù, id-dnubiet tiegħi huma l-ġdiem tiegħi. Għalhekk nitolbok mas-salmista: "Mulej, aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi, naddafni mid-dnub tiegħi".

## IT-TLIETA WARA T-TIELET ĦADD TAR-RANDAN
## Il-Maħfra

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Fil-ktieb ta' Danjel insibu l-ġrajja ta' erba' żgħażagħ Lhud fil-palazz tas-sultan Nabukodonosor li jisimhom Danjel, Ħananija, Misael u Għażarija. Dawn ġew mitfugħin ġo forn bin-nar iħeġġeġ għax ma ridux jaduraw lil alla falz, imma baqgħu fidili lejn Alla l-veru. Alla kien magħhom, u n-nar ma għamlilhom xejn. Għażarija, f'nofs il-ħuġġieġa, jagħmel din it-talba sabiħa lil Alla fejn jitlob maħfra għad-dnubiet ta' ġensu.
***Mill-Vanġelu:*** Il-Vanġelu jkompli fuq l-istess suġġett tal-maħfra bħall-Ewwel Qari. Pietru jistaqsi: "Xi kemm-il darba għandi naħfer? Sa seba' darbiet?". Kristu jwieġbu li ma hemmx limitu fil-maħfra. Irridu naħfru dejjem u lil kulħadd. U jgħidilhom il-parabbola tal-qaddej li ma jaħfirx biex jgħallimhom li min ma jaħfirx ma jsibx il-maħfra.

**Insaqsi lili nnifsi**
Nifhem li Alla ser iġib ruħu miegħi skont kif jien inġib ruħi ma' ħaddieħor?

**Niddeċiedi**
Nifhem xi nkun qiegħed ngħid meta nitlob il-ħames invokazzjoni tal-Missierna: "Aħfrilna dnubietna bħalma aħna naħfru lil min hu ħati għalina".

**L-ERBGĦA WARA T-TIELET ĦADD TAR-RANDAN**
**Il-ħarsien tal-Kmandamenti ta' Alla**

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Il-ktieb tad-Dewteronomju nistgħu ngħidu li huwa t-testment spiritwali ta' Mosè lill-poplu tiegħu. Mosè jappella lill-poplu sabiex:

- jibqgħu jiftakru l-għeġubijiet kbar li l-Mulej kien għamel magħhom,
- u jibqgħu jħarsu bil-qalb il-Kmandamenti li kienu r-rigal li Alla ta lill-poplu tiegħu.

Mosè jagħtihom twissija: jekk il-poplu jħares il-Kmandamenti, ikun poplu għaref u jġib fuqu l-ġid; imma jekk jikser il-Kmandamenti, jitkisser huwa stess. Għalhekk Mosè jinsisti mal-poplu biex jgħallem il-Kmandamenti lil uliedu u wlied uliedu.
***Mill-Vanġelu:*** It-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid jiffurmaw ħaġa waħda, għax jippreżentaw b'mod sħiħ il-pjan tas-salvazzjoni, għalhekk Kristu saħaq fuq żewġ ħwejjeġ:

- Hu ma ġiex biex iħassar jew inaqqas il-Kmandamenti, iżda sabiex isaħħaħhom u jipperfezzjonahom.
- Biex inkunu perfetti, mhux biżżejjed li nħarsu l-Kmandamenti minn barra biss, iżda fuq kollox irridu nħarsuhom minn ġewwa bil-qalb kollha tagħna.

**Insaqsi lili nnifsi**
Qed ngħaddi t-tagħlim ta' Kristu lil uliedi u lil ulied uliedi?
Nifhem x'qed jgħidli Ġesù bi kliemu: "Min iħarishom [il-Kmandamenti] u jgħallimhom, dan kbir jissejjaħ fis-Saltna tas-Smewwiet"?

**Niddeċiedi**
Nitgħallem bl-amment is-sentenza ta' Ġesù: "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti" (Ġw 14:23).

## IL-ĦAMIS WARA T-TIELET ĦADD TAR-RANDAN
## L-Għażla fundamentali

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Alla għamel patt ta' ħbiberija mal-poplu Lhudi: "Jien inkun Alla tiegħek u inti tkun il-poplu tiegħi". Ġeremija b'għafsa ta' qalb jikkundanna l-infedeltà u l-ebusija ta' qalb il-poplu Lhudi: "Dan hu ġens li ma semax il-leħen tal-Mulej Alla tiegħu".
***Mill-Vanġelu:*** Bejn il-profeta Ġeremija u Ġesù kien hemm xebh perfett. It-tnejn li huma kellhom il-missjoni li jgħallmu u t-tnejn sabu ma' wiċċhom oppożizzjoni mill-poplu. Saħansitra Ġesù, wara li għamel miraklu, isib oppożizzjoni min-nies stess ta' Nazaret li kien raħlu. Għalhekk Ġesù jiddikjara quddiem kulħadd li meħtieġ li kull dixxiplu tiegħu jagħmel għażla fundamentali: "Min mhux miegħi hu kontra tiegħi".

**Insaqsi lili nnifsi**
Jien minn dawk li daqqa ma' Ġesù u daqqa kontrih?
F'ċertu tagħlim ngħidlu iva, u f'xi tagħlim ieħor ngħidlu le?

**Niddeċiedi**
Illum nagħti widen għall-kliem tas-salmista: "Jekk tisimgħu leħen il-Mulej, la twebbsux qalbkom".

## IL-ĠIMGĦA WARA T-TIELET ĦADD TAR-RANDAN
## "Ħobb lill-Mulej Alla tiegħek… u lil għajrek bħalek innifsek"

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Il-profeta Hosegħa għex fi żmien ta' taqlib u ħażen morali kbir. Is-silta tal-lum fiha żewġ taqsimiet:

- Fl-ewwel taqsima nsibu stedina ħerqana lill-poplu għall-konverżjoni: "Għidulu lill-Mulej li aħna nafu d-dnubiet tagħna, speċjalment li poġġejna t-tama tagħna fil-qawwa tal-armi, u t-tieni li tajna qima lill-idoli [l-allat foloz]".
- Fit-tieni taqsima għandna t-tweġiba ta' Alla meta jistqarr li ser jaħfer lill-poplu tiegħu minkejja li xxewxu kontra tiegħu, u jwegħedhom il-barka, il-ħarsien, il-ġid u l-abbundanza.

***Mill-Vanġelu:*** Alla fuq is-Sinaj ta l-għaxar Kmandamenti lil Mosè. Imma l-għorrief tal-liġi biex ifissruhom fasslu minnhom 248 digriet "x'għandek tagħmel" u 365 projbizzjonijiet "x'ma għandekx tagħmel". Wieħed mill-kittieba tal-liġi b'intenzjoni tajba staqsa lil Ġesù: "Liema wieħed fost il-kmandamenti huwa l-ewwel?".
Fit-tweġiba tiegħu Ġesù jorbot flimkien iż-żewġ kmandamenti u jpoġġihom fuq l-istess livell ta' importanza daqslikieku huma żewġ uċuħ tal-istess munita: "L-ewwel wieħed: Ħobb lill-Mulej Alla tiegħek… u t-tieni hu: Ħobb lil għajrek bħalek innifsek".

**Insaqsi lili nnifsi**
Naf li ma nistax inħobb lil Alla jekk ma nħobbx lill-proxxmu tiegħi li huwa xbieha ta' Alla nnifsu?

**Niddeċiedi**
Illum nagħmel ħilti biex inħobb lil Alla fuq kollox u lill-proxxmu bħali nnifsi.

## IS-SIBT WARA T-TIELET ĦADD TAR-RANDAN
## Indiema ħierġa mill-qalb

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Is-silta meħuda mill-profeta Hosegħa qisha liturġija penitenzjali maqsuma f'żewġ partijiet:

- Fl-ewwel parti, il-poplu kollu tat-tribujiet ta' Efrajm u Ġuda jagħmel proponiment: "Ħa mmorru lura għand il-Mulej għax il-vera tama tagħna hu l-Mulej". Imma dan il-proponiment kien tassew sinċier?

- Fit-tieni parti, il-profeta Hosegħa f'isem Alla jesprimi d-dubju dwar il-fedeltà ta' Iżrael. Għaliex? Għax il-vera konverżjoni ma tikkonsistix fis-sagrifiċċji tal-ħruq u tal-offerti, imma hija dik li ħierġa minn qalb sinċiera.

***Mill-Vanġelu:*** Dak li tkellem dwaru Hosegħa jerġa' jidher b'mod ċar fil-Vanġelu tal-lum, jiġifieri l-indiema ħierġa mill-qalb tidher fiż-żewġ persunaġġi tal-parabbola li jirrakkonta Ġesù: it-talba tal-Fariżew u t-talba tal-Pubblikan.

- It-talba tal-Fariżew: flok talab, beda jfaħħar lilu nnifsu, u flok stqarr dnubietu, mar jikxef id-dnubiet tal-oħrajn.
- It-talba tal-Pubblikan: kien il-midneb per eċċellenza minħabba li kien rgħib għall-flus, imma kien ukoll sinċier biżżejjed li ammetta l-miżerja ta' dnubietu.

Liema talba kienet mogħġuba quddiem Alla? It-talba umli u sinċiera ħierġa mill-qalb tal-Pubblikan.

**Insaqsi lili nnifsi**
X'qed tgħidli s-sentenza ta' Ġesù: "Kull min jitkabbar jiċċekken, u min jiċċekken jitkabbar"?

**Niddeċiedi**
Nirrepeti l-kelma tal-Iskrittura: "It-talba tal-umli tinfed is-sħab" (Sir 35:17).

## IT-TNEJN WARA R-RABA' ĦADD TAR-RANDAN
## Il-Fidi f'Ġesù Kristu

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Il-poplu Lhudi reġa' lura mill-eżilju u ntefa' jibni mill-ġdid il-belt ta' Ġerusalemm u t-Tempju. Il-profeta jagħmel il-qalb lill-poplu. Issa t-tbatijiet tal-eżilju għaddew. Issa hemm sitwazzjoni ġdida. Il-profezija ta' Iżaija hi mimlija ottimiżmu, tant li twassla stedina għall-ferħ u għat-tama.
Din hija profezija messjanika li titwettaq bil-miġja tal-Messija fostna. Bejn il-poplu u Alla issa hemm relazzjoni ġdida ta' fidi u mħabba.

Finalment "ser noħloq smewwiet ġodda u art ġdida" li jirreferu għal Ġerusalemm tas-sema.

***Mill-Vanġelu:*** F'Nazaret, Ġesù sab ma' wiċċu nuqqas kbir ta' fidi. Għall-kuntrarju, fil-Galilija n-nies tawh merħba kbira. San Ġwann jirrakkontalna l-ġrajja ta' fizzjal li kellu ibnu marid. Dan il-fizzjal, minkejja li kien pagan, kellu fidi qawwija f'Ġesù.

1. Għamel mixja ta' madwar 30km minn Kafarnahum sabiex imur Kana biex jitlob il-fejqan ta' ibnu li kien qed imut.
2. Malli l-fizzjal talbu, Ġesù minnufih qallu: "Mur, ibnek jgħix".
3. Tant kellu fidi qawwija, li l-fizzjal qagħad fuq il-kelma ta' Ġesù u telaq lejn daru.
4. Waqt li kien sejjer lura, il-qaddejja tawh l-aħbar sabiħa li ibnu qaleb għall-aħjar. U meta staqsiehom xħin kien dan, għaraf li dak kien il-ħin preċiż li fih Ġesù qallu l-kelmiet "ibnek jgħix".
5. U emmen hu u l-familja tiegħu.

**Insaqsi lili nnifsi**

Kif inhi l-fidi tiegħi xħin inqabbilha mal-fidi ta' dan il-fizzjal?

**Niddeċiedi**

Mulej, kattar fija l-fidi, għinni fin-nuqqas ta' fidi tiegħi.

## IT-TLIETA WARA R-RABA' ĦADD TAR-RANDAN
## Ħajja ġdida

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**

***Mill-Ewwel Qari:*** L-Art Imqaddsa hi nieqsa mill-ilma, u għalhekk l-ilma għandu importanza kbira. Il-profeta Eżekjel iħabbar li mit-Tempju li reġa' ġie mibni mill-ġdid, il-Mulej ser ifawwar fuq il-poplu abbundanza ta' ilma, jiġifieri abbundanza ta' ġid. Eżekjel juri l-qawwa ta' dan l-ilma:

1. Jagħti ħajja ġdida lill-agrikultura.
2. Jibqa' sejjer sal-Baħar il-Mejjet li huwa tant mielaħ li hu bla ħajja. Dan l-ilma mit-Tempju jbiddel dan l-ilma f'ilma ħelu li jagħti ħajja ġdida sew lill-art u sew lill-baħar.

Ir-ritorn tal-poplu lejn Alla ser ikun ħajja ġdida lil Ġerusalemm. Ser ikun twelid ġdid.

***Mill-Vanġelu:*** Fis-silta tal-Vanġelu jispikka wkoll l-ilma. L-ilma tal-menqgħa kien ifejjaq mill-mard tal-ġisem. Għandna żewġ xeni:

1. Biswit il-menqgħa, dan il-mifluġ kien ilu 38 sena marid u ħadd ma ta kasu. Ġesù juri minnufih tjieba u ħniena miegħu, hekk li malli rah, qallu: "Qum, aqbad soddtok u imxi". U hekk ġara. Kien qisu twieled mill-ġdid.
2. Fit-Tempju Ġesù jerġa' jiltaqa' ma' dak li darba kien mifluġ. Ġesù jgħidlu: "Issa fiqt, qis li ma tidnibx iżjed".

Ġesù huwa t-tabib tal-ġisem u tar-ruħ. Ried li dan il-bniedem mifluġ jieħu mhux biss saħħtu fil-ġisem imma wkoll f'ruħu.

**Insaqsi lili nnifsi**

Naf li l-Missirijiet tal-Knisja fl-ilma tal-menqgħa jaraw referenza għas-sagrament tal-Magħmudija li jfejjaq il-mard tar-ruħ u jagħtina ħajja ġdida?

Ġesù qal: "Mur u tidnibx iżjed". Nifhem li l-mard tar-ruħ, jiġifieri d-dnub, hu aktar gravi mill-mard tal-ġisem?

**Niddeċiedi**

Ġesù hu t-tabib tal-ġisem u tar-ruħ. Inwiegħdu li rrid ngħożż il-grazzja li rċevejt fil-Magħmudija tiegħi.

## L-ERBGĦA WARA R-RABA' ĦADD TAR-RANDAN
## Il-Missier u l-Iben huma ħaġa waħda

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**

***Mill-Ewwel Qari:*** Il-profeta Iżaija qed iħabbar lil-Lhud li jinsabu fl-eżilju tal-Babilonja:

- li l-Lhud għad jerġgħu lura lejn darhom,
- u Ġerusalemm, il-belt imfarrka, għad terġa' tinbena.

Iżda l-Lhud qatgħu qalbhom li xi darba għad jeħilsu mill-jasar, u jerġgħu lura lejn art twelidhom. Ikoll kienu kelma waħda: "Alla telaqna… Alla nsiena".

Alla permezz tal-profeta Iżaija jwieġeb li hu għandu qalb ta' omm, qalb li tagħder u tħenn: "Tista' omm tinsa u ma tħennx għal binha?". Ma jistax ikun. Imma kieku kellu jiġri dan, "jien, il-Mulej, lilek ma ninsiekx".

***Mill-Vanġelu:*** Wara li Ġesù fejjaq il-magħtub ħdejn il-menqgħa ta' Betesda f'jum is-Sibt, il-Lhud ħraxu għal Ġesù "mhux biss għax fejjaq f'jum is-Sibt, iżda għax qal: 'Missieri għadu jaħdem sa issa'". Għal dan il-kliem, bdew ifittxu li joqtluh għax "lil Alla kien isejjaħlu Missieru u jqis ruħu daqs Alla".

Din is-silta hija tweġiba ta' Ġesù fejn juri l-identità tiegħu: "Jien u l-Misser, aħna ħaġa waħda".

- L-Iben hu ndaqs mal-Missier.
- L-Iben ma jista' jagħmel xejn waħdu, imma dak li jgħidlu Missieru.
- Il-Missier ta żewġ setgħat lil Ibnu: is-setgħa li jagħmel il-mirakli u jqajjem lill-mejtin, u s-setgħa li jagħmel il-ħaqq.

**Insaqsi lil nnifsi**

Konvint mill-kliem ta' Ġesù: "Min jisma' kelmti, u jemmen f'min bagħatni għandu l-ħajja ta' dejjem"?

**Niddeċiedi**

Nieħu l-kliem tas-Salmista: "Jien lilek nitlob, Mulej; meta jogħġbok, o Alla, weġibni".

## IL-ĦAMIS WARA R-RABA' ĦADD TAR-RANDAN
## Mosè u Kristu: x'inhu jgħidilna l-Mulej?

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**

***Mill-Ewwel Qari:*** Mosè ħeles lill-poplu Lhudi mill-Eġittu u mexxieh fid-deżert lejn l-Art Imwiegħda. Waqt li Mosè kien jitlob fuq il-muntanja Sinaj, il-poplu nesa lil Alla l-veru u sawwar għoġol tad-deheb u niżel jadurah. Dan kien dnub kbir: id-dnub tal-idolatrija u ksur tal-patt ta' ħbiberija m'Alla. Alla ddeċieda li jeqred il-poplu għax kien ta' ras iebsa.

Mosè jagħmilha ta' medjatur bejn Alla u l-poplu, u għat-talba tiegħu, Alla, għani fil-ħniena, reġa' lura mid-deni li kien ser jagħmel.
***Mill-Vanġelu:*** Ġesù jkompli bit-tweġiba tiegħu fil-polemika li l-Lhud qalgħu wara l-fejqan tal-marid f'jum is-Sibt. U biex jagħtihom prova li hu u l-Missier huma ħaġa waħda u hu mibgħut mill-Missier, iġibilhom 5 xhieda:

1. Il-Missier stess li qal fil-Magħmudija tiegħu: "Dan hu ibni l-maħbub".
2. Il-Battista li qal: "Dan hu l-Ħaruf ta' Alla".
3. Il-mirakli li wettaq li huma prova li l-Missier huwa miegħu.
4. L-istess Skrittura.
5. Mosè stess li l-Lhud joqogħodu fuq kliemu: "Kieku kontu temmnu f'Mosè, kontu temmnu fija wkoll, għax dak fuqi kiteb".

Mosè stess jakkużahom u jikkundannahom għax ma għandhomx rieda tajba.

**Insaqsi lil nnifsi**
Nitlob bħal Mosè għall-konverżjoni tal-midinbin?

**Niddeċiedi**
Nirrepeti t-talba tal-Knisja għall-maħfra: "Aħfer, Mulej, aħfer lill-poplu tiegħek, biex qatt ma tagħdab għalina" (ara *Parce Domine*).

## IL-ĠIMGĦA WARA R-RABA' ĦADD TAR-RANDAN
## Il-Ġust ippersegwitat

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Il-ktieb tal-Għerf ġie miktub 100 sena QK. L-awtur sagru jiddeskrivi t-taqtigħa bejn id-dawl u d-dlam, bejn il-bniedem ġust u l-bnedmin ħżiena.
Bejn il-ġust u l-ħażin hemm kuntrast qawwi.
Il-Ġust ma jġibx ruħu bħall-bqija tal-bnedmin, ma jaqbilx mal-imġiba tal-ħżiena, mimli fiduċja f'Alla, u l-preżenza tiegħu hi ċanfira għall-ħżiena.
Il-ħżiena jirrikorru għall-persekuzzjoni: "Ejjew inġarrbuh, ninsulentawh, inweġġgħuh u nikkundannawh għall-mewt".

Dal-bniedem ġust mhu ħadd ħlief Ġesù, kif ser naraw mit-tifsira tal-Vanġelu.
***Mill-Vanġelu:*** L-oppożizzjoni kontra Ġesù qiegħda dejjem tiħrax. Ħabtet il-Festa tal-Għerejjex u Ġesù tela' waħda lejn Ġerusalemm: bil-moħbi.
U nqalgħet waħda mill-kontroversji dwar minn fejn ġej Ġesù l-Messija.
Ġesù jagħti tweġiba solenni:

- li hu ġej mingħand il-Missier,
- li bagħtu l-Missier, li huma ma jafuhx għax kieku jemmnu fih.

Ir-reazzjoni tal-Lhud kienet vjolenti. Fittxew li jaqbduh, iżda ħadd ma medd idjeh fuqu: "Għax is-siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx". Dan juri li Ġesù minn rajh ser jagħti ħajtu biex jifdi lill-bnedmin meta tasal is-siegħa skont ir-rieda tal-Missier.

**Insaqsi lil nnifsi**
Nemmen li l-profezija li l-ġust hu dejjem ippersegwitat għadha sseħħ sal-ġurnata tal-lum fil-persekuzzjoni ta' tant Insara fi żmienna?

**Niddeċiedi**
Inżomm f'moħħi l-aħħar Beatitudni: "Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-smewwiet" (Mt 5:11).

## IS-SIBT WARA R-RABA' ĦADD TAR-RANDAN
## Bħal ħaruf ġwejjed meħud għall-qatla

### X'inhu jgħidli l-Mulej?
***Mill-Ewwel Qari:*** Din is-silta hija waħda mill-ilmenti ta' Ġeremija mal-Mulej. Ġeremija kien mgħarraf mill-Mulej li l-għedewwa qed inassu kontrih. Għalhekk iħossu ferut, qalbu maqtugħa u jilmenta mal-Mulej. Iħossu bħal ħaruf ġwejjed meħud għall-qatla. Għalhekk il-profeta jqiegħed il-kawża f'idejh li hu mħallef ġust u jitlob mingħandu ġustizzja u għajnuna biex isalvah minn dan il-għawġ kollu.

***Mill-Vanġelu:*** Il-kliem ta' Ġeremija jgħodd perfettament għal Ġesù. Hu l-ħaruf veru u ġwejjed meħud għall-qatla. Fis-silta tal-lum jissokktaw il-kontroversji dwar jekk Kristu hux tassew il-Messija. Għandna żewġ episodji:

1. Xi wħud jgħidu li huwa profeta, waqt li oħrajn il-Messija. Il-nies ma qablux bejniethom. Riedu jaqbduh iżda ħadd ma medd idu fuqu.
2. Il-Fariżej bagħtu għall-għassiesa biex jarrestaw lil Ġesù u ġew b'idejhom vojta għax ħadd ma tkellem bħal dan il-bniedem. Hawn tqum kontroversja oħra bejniethom. Jaqbeż ukoll wieħed minnhom, Nikodemu, li jgħid li l-liġi ma tippermettix li tikkundanna lil xi ħadd qabel ma tisma' lill-ikkundannat.

Kristu hu tassew sinjal li jmeruh.

**Insaqsi lil nnifsi**

Biex inkun naf aktar fuq Kristu, qed inqalleb l-Iskrittura? Qed napprofitta minn dan iż-żmien tar-Randan biex nisma' u nimmedita fuq il-Kelma ta' Alla?

**Niddeċiedi**

Naqbad f'idejja l-Ktieb tas-Salmi u nitlob: "Mulej, Alla tiegħi, jien fik nistkenn, salvani u eħlisni".

## IT-TNEJN WARA L-ĦAMES ĦADD TAR-RANDAN
## "Miegħi jimxu t-tjieba u l-ħniena tul il-jiem kollha ta' ħajti"

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**

***Mill-Ewwel Qari:*** Ir-rakkont ta' Susanna jurina kuntrast qawwi bejn l-innoċenza u l-korruzzjoni, bejn il-verità u l-abbuż tal-poter. Susanna ssib ruħha daharha mal-ħajt: jew tidneb kontra Alla, jew titlef ħajjitha. Hi tagħżel li tibqa' fidila: "Aħjar naqa' f'idejkom milli nidneb quddiem il-Mulej". Alla ma jabbandunax lil min jafdah. Permezz ta' Danjel, il-verità toħroġ fid-dawl u dak li kien moħbi jinkixef.

***Mill-Vanġelu:*** Il-Vanġelu tal-lum iseħħ f'mument ta' tensjoni kbira bejn Ġesù u l-mexxejja reliġjużi. Il-Fariżej u l-kittieba jġibu quddiemu

mara li nqabdet fl-adulterju. Jekk jgħidilhom li għandhom iħaġġruha, jidher li hu bla ħniena u kontra l-messaġġ tiegħu ta' maħfra. Jekk jgħidilhom li ma għandhiex titħaġġar, jidher li qed jikser il-Liġi ta' Mosè.
Ġesù jaħrab min-nasba tagħhom u jistedinhom iħarsu lejhom infushom u jkunu huma stess li jagħmlu ġudizzju fuq il-kuxjenza tagħhom stess.
Ġesù ma jiġġustifikax id-dnub u lanqas ma jikkundanna lill-persuna, imma joffri t-terapija tal-maħfra. Il-maħfra mhix approvazzjoni tad-dnub, imma stedina u offerta lill-midneb biex jibda ħajja ġdida.

**Insaqsi lili nnifsi**
Il-mara baqgħet waħedha ma' Ġesù. Dik hi l-qalba tar-Randan: kemm lest li nibqa' waħdi miegħu, waqt li nħallih iħares lejja mhux b'kundanna, imma bi mħabba li tbiddilni? "Mur u tidnibx iżjed" – dan mhux kliem ta' theddida, imma stedina għal ħajja ġdida.

**Niddeċiedi**
Il-Knisja hi msejħa tkun: mhux post ta' kundanna, imma sptar tal-ħniena.
Matul dan il-jum infittex li nkun strument ta':
- maħfra fil-familja,
- paċenzja fuq ix-xogħol,
- mogħdrija ma' min żbalja.

## IT-TLIETA WARA L-ĦAMES ĦADD TAR-RANDAN
## Mis-Salib aħna ksibna l-fejqan

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Il-poplu ta' Iżrael, fil-mixja fid-deżert, jerġa' jibda jgerger kontra Alla u kontra Mosè. It-tgergir tagħhom juri nuqqas ta' fiduċja. Is-sriep velenużi jsiru simbolu tal-konsegwenzi tad-dnub. Imma Alla ma jabbandunax lill-poplu u jagħtihom il-fejqan minn serp tal-bronż imqiegħed fuq arblu. Min iħares lejh bil-fidi, jgħix. Dan hu

tħabbira ta’ Kristu fuq is-salib – dak li ġarrab il-ferita tal-mewt sabiex nitfejqu mill-velenu tal-mewt.
***Mill-Vanġelu:*** Dan il-Vanġelu jippreżenta djalogu bejn Ġesù u l-Fariżej fit-Tempju, li matulu Ġesù jgħid kliem qawwi u misterjuż: “Jiena sejjer, u tfittxuni, imma tmutu fi dnubkom… Fejn sejjer jiena, intom ma tistgħux tiġu”. Hawn Ġesù mhux qed jhedded, imma qed jurihom li min ma jemminx fih jibqa’ maqbud fil-kundizzjoni tad-dnub. Ġesù msallab, mgħolli fuq is-salib, jidher bħala umiljazzjoni, imma fil-fatt hemmhekk jidher min hu tassew Ġesù. Permezz tas-salib tidher il-glorja u l-identità vera tiegħu. Huwa tassew il-fejqan tal-midneb.

**Insaqsi lili nnifsi**
Minn fejn qed ngħix?

- Qed ngħix “minn hawn taħt”, jiġifieri skont il-kriterji tad-dinja?

jew

- Qed ngħix “minn hemm fuq”, jiġifieri skont il-Vanġelu?

Alla jaħdem anki permezz tal-mumenti ta’ falliment u dgħufija, għax is-salib mhux it-tmiem, imma rivelazzjoni tal-akbar mħabba.

**Niddeċiedi**
“Meta qal dan, ħafna emmnu fih”. Ir-Randan jistedinni nagħmel il-pass tal-fidi: nemmen tassew f’dak li qal “Jiena Hu” – l-Iben il-mibgħut mill-Missier, li fuq is-salib jurini l-imħabba li ssalva.

## SOLENNITÀ TAT-TĦABBIRA TAL-MULEJ
## Alla jidħol fl-istorja permezz ta’ “iva” umli u fidila

**X’inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Il-profeta Iżaija jindirizza lis-sultan Aħaż, li jinsab fil-biża’ minħabba theddida politika. Alla joffrilu sinjal, imma Aħaż jirrifjutah.
Is-sinjal li Alla jagħti hu sorprendenti: “Ara, ix-xebba tnissel u tiled iben u ssejjaħlu Għimmanu-El”. Meta l-bniedem ma jafdax, Alla

jibqa' xorta jagħti s-sinjal tiegħu. Il-fedeltà ta' Alla hi akbar mill-biża' tagħna.
***Mit-Tieni Qari:*** L-Ittra lil-Lhud tgħid li s-sagrifiċċji tal-Patt il-qadim ma setgħux ineħħu d-dnub. Kristu jidħol fid-dinja u jgħid: "Ġisem ħejjejtli… Hawn jien ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek". Mill-ewwel mument tal-eżistenza tiegħu fil-ġuf ta' Marija, Ġesù joffri lilu nnifsu kollu kemm hu sal-waqt tas-salib. L-ubbidjenza tiegħu tieħu post id-diżubbidjenza tal-bniedem.
***Mill-Vanġelu:*** Dan kollu jitwettaq f'Marija li hi deskritta bħala dik li ġiet mimlija bil-grazzja: l-inizjattiva hi kollha ta' Alla. Il-mistoqsija ta' Marija – "Dan kif jista' jkun?" – mhix nuqqas ta' fidi, imma tfittxija biex tifhem kif tista' tgħix ir-rieda ta' Alla. Alla jistenna l-kunsess ħieles ta' Marija – "Ikun minni skont kelmtek" – sabiex Ibnu Ġesù jsir bniedem għas-salvazzjoni tagħna.

**Insaqsi lili nnifsi**
Alla jkompli jħabbat fil-ħajja tiegħi:
- permezz ta' kull sejħa li tasalli,
- permezz ta' kull servizz li nwettaq,
- permezz tas-sagrifiċċji żgħar ta' kuljum,
- permezz ta'sitwazzjoni mhux mistennija.

Se nkunu bħal Aħaż li jibża' jafda lil Alla, jew bħal Marija kollni fiduċja fih?

**Niddeċiedi**
Il-festa tal-lum tfakkarni li s-salvazzjoni bdiet b'"iva" fis-skiet.
Anki l-bidla fil-ħajja tiegħi tibda b'"iva" żgħira, imma ġenwina, lil Alla li jrid ikun tassew Għimmanu-El – Alla magħna.

## IL-ĦAMIS WARA L-ĦAMES ĦADD TAR-RANDAN
## Il-Mulej jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Alla jagħmel patt ma' Abraham u jibdillu ismu (minn Abram għal Abraham), sinjal ta' missjoni ġdida u identità ġdida.

Il-patt mhuwiex biss wegħda ta' nisġa kbira ta' ġrajjiet, imma relazzjoni ta' fedeltà bejn Alla u l-poplu tiegħu. Alla juri lilu nnifsu bħala dak li jibqa' fidil minkejja d-dgħufija tal-poplu Lhudi.
***Mill-Vanġelu:*** Ġesù jippreżenta lilu nnifsu bħala dak li jagħti l-ħajja vera. Fl-istess waqt jgħidilna: "Min iżomm kelmti ma jarax il-mewt għal dejjem". Li nżommu kelmtu jfisser li jkollna fidi ħajja u relazzjoni personali miegħu. Waqt li Abraham kellu fidi li wasslitu biex jemmen fil-wegħda futura, il-mexxejja tal-Lhud, minkejja li kienu jiftaħru li huma wlied Abraham, ċaħdu lil missierhom Abraham għaliex naqsu milli jagħrfu li l-wegħda tal-fidi twettqet f'Ġesù li kellhom quddiemhom.

**Insaqsi lili nnifsi**
Ġesù mhux figura tal-passat. Hu preżenza ħajja llum.
- Inħallih ikun iċ-ċentru tal-għażliet tiegħi?
- Nemmen tassew li hu l-Mulej tal-ħajja tiegħi?

**Niddeċiedi**
Kif Ġesù ġie miċħud, hekk ukoll min jimxi warajh jista' jiltaqa' ma' oppożizzjoni. Ir-Randan iħejjina biex nibqgħu sodi fis-sewwa u fil-verità anki meta jkun diffiċli għalina.

## IL-ĠIMGĦA WARA L-ĦAMES ĦADD TAR-RANDAN
## "Il-Mulej miegħi bħal ġgant qawwi"

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Ġeremija jesprimi t-tbatija interjuri tiegħu:
- Is-solitudni tal-profeta: minħabba l-Kelma ta' Alla, anki l-ħbieb jitbiegħdu minnu.
- Il-ġlieda interjuri: Ġeremija jħoss biża', imma fl-istess ħin għandu fiduċja profonda.

Il-fiduċja finali tal-profeta jistqarrha meta jgħid: "Imma l-Mulej miegħi bħal ġgant qawwi". Ġeremija huwa figura profetika ta' Kristu: il-ġust ippersegwitat li jafda ruħu f'idejn il-Missier.

***Mill-Vanġelu:*** Fil-Vanġelu, il-Lhud jaqbdu l-ġebel biex iħaġġru lil Ġesù, għax qal: "Jiena u l-Missier aħna ħaġa waħda". Huma jqisu dan bħala dagħwa.
Ġesù jurihom:

- L-għaqda essenzjali mal-Missier – mhux biss qbil fil-ħsieb, imma għaqda profonda fin-natura.
- L-għemejjel tiegħu jagħtuh xhieda – Ġesù jgħidilhom iħarsu lejn dak li kien iwettaq.
- In-nuqqas ta' twemmin tagħhom minkejja s-sinjali – dan konsegwenza tal-qalb magħluqa tagħhom.

Waqt li Ġeremija huwa ppersegwitat għax iwassal il-Kelma ta' Alla, Ġesù hu ppersegwitat għax hu l-Kelma ta' Alla.

**Insaqsi lili nnifsi**
Meta niġi ppruvat, nafda bħalma fada Ġeremija? U nemmen tassew li Ġesù hu ħaġa waħda mal-Missier?

**Niddeċiedi**
Il-Vanġelu jisfidani direttament: jew naċċetta lil Ġesù bħala wieħed mal-Missier, jew nirrifjutah! Ir-Randan huwa żmien ta' deċiżjoni tal-qalb. Mhux biżżejjed ammirazzjoni; hemm bżonn fidi ħajja.

## IS-SIBT WARA L-ĦAMES ĦADD TAR-RANDAN
## Bil-mewt tiegħu qered il-mewt tagħna

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** F'din is-silta meħuda mill-"Ktieb tal-Faraġ" ta' Eżekjel, il-profeta jitkellem mal-poplu Lhudi fl-eżilju tal-Babilonja. Iħabbrilhom it-tmiem tal-eżilju billi jħabbrilhom patt ġdid: "Inqiegħed l-għamara tiegħi fosthom". Dan it-tempju l-ġdid huwa sinjal tal-preżenza vera ta' Alla li titwettaq f'Ġesù.
***Mill-Vanġelu:*** Il-miraklu tal-qawmien ta' Lazzru jwassal għal deċiżjoni uffiċjali li joqtlu lil Ġesù. Kajfa jistqarr: "Aħjar li bniedem wieħed imut għall-poplu". Bla ma nduna, Kajfa kien qiegħed jagħmel profezija li kienet sejra titwettaq.

Il-ħajja li Ġesù jagħti hija għall-benefiċċju tal-poplu kollu – joffri li jmut hu sabiex jinħelsu mill-mewt il-bnedmin kollha: "Bil-mewt tiegħu qered il-mewt tagħna".
Kristu miet biex jiġborna u jagħmilna poplu wieħed. Il-ħajja Nisranija hija sejħa għall-għaqda u r-rikonċiljazzjoni bejnietna u flimkien miegħu.

**Insaqsi lili nnifsi**
Il-konfoffa kontra Ġesù tfakkarna li s-salvazzjoni waslitilna minn Kristu msallab.

- Jien fuq liema naħa qiegħed?
- Qiegħed nagħżel lil Kristu jew inżomm distanza minnu?

**Niddeċiedi**
Il-firdiet huma kontra r-rieda ta' Alla – Il-passjoni u l-mewt tal-Mulej hija l-prezz tal-għaqda tagħna. Illum infittex dak li jgħaqqad u mhux dak li jifred.

## IT-TNEJN TAL-ĠIMGĦA MQADDSA
## L-imħabba ta' Alla hija divina għaliex hija bla qies

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Il-Qari tal-lum ikompli jdaħħalna fil-qalba tal-misteru ta' Ġesù bħala l-Qaddej fidil u umli. F'Iżaija naraw Qaddej li ma jgħajjatx u ma jiksirx il-qasba miksura, imma jġib il-ġustizzja bil-ħlewwa. Dan huwa xbieha ċara ta' Kristu li jagħżel it-triq tal-imħabba u s-sagrifiċċju.
***Mill-Vanġelu:*** Is-silta sseħħ "sitt ijiem qabel l-Għid", jiġifieri eżatt qabel il-Passjoni. Ġwanni qed jorbot b'mod ċar id-dilka mal-mewt imminenti ta' Ġesù. Dak li jidher bħala ġest ta' mħabba hu wkoll tħejjija għad-difna. Il-ġest ta' Marija li tidlek lil Ġesù b'żejt prezzjuż ifakkarna li l-imħabba vera ma tħarisx lejn il-qies, il-kalkolu jew l-ispiża, imma tagħti kollox. Minn Marija nitgħallmu nagħtu l-aħjar tagħna lil Alla, mhux il-fdal.

**Insaqsi lili nnifsi**
Dawn il-Qari jistedinni nirrifletti jekk iniex lest inwieġeb għall-imħabba ta' Kristu mhux biss bil-kliem, imma b'għemejjel konkreti ta' fedeltà u ġenerożità, jew ngħin lil xi ħadd mingħajr ma nistenna rikonoxximent. Kultant "żejt prezzjuż" illum ikun ħin, attenzjoni, jew maħfra lil dawk ta' madwari.

**Niddeċiedi**
Bħal Ġesù, il-Qaddej umli, nagħżel li ma niksirx lil min hu diġà miksur: nipproponi kelma aktar ħelwa minflok ġudizzju, smigħ attent minflok indifferenza, paċenzja fejn normalment nagħżel ir-rabja. Bħal Ġesù nkun preżenza li tfejjaq, mhux li tweġġa'.

## IT-TLIETA TAL-ĠIMGĦA MQADDSA
## Il-kobor tal-ubbidjenza lejn il-pjanijiet tal-Mulej

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**
***Mill-Ewwel Qari:*** Dan is-silta mit-tielet għanja tal-Qaddej ta' Alla tippreżenta figura li tisma', titgħallem u tobdi. Il-Qaddej għandu "lsien ta' min hu mgħallem" biex jagħti kelma ta' faraġ lil min hu għajjien. Il-missjoni tibda mis-smigħ, mhux mill-azzjoni. Il-Qaddej ma jirreżistix it-tbatija għax għandu fiduċja sħiħa f'Alla li hu qribu u jiġġustifikah.
***Mill-Vanġelu:*** Ġesù hu mħasseb, għax wieħed minn dawk l-eqreb lejh ser jittradih. It-tradiment ma jiġix minn barra, imma minn wieħed minn ta' ġewwa. U għalhekk il-weġgħa hija akbar u aktar iebsa.
Ġuda joħroġ fid-dlam tal-lejl: simbolu ta' qalb li tagħżel it-triq li teħodha 'l bogħod mid-dawl. Pietru jibqa' ma' Ġesù, imma jafda żżejjed fih innifsu. Wieħed jittradixxi b'għemilu, l-ieħor jiċħad bil-kliem.
F'dan kollu, Ġesù jibqa' seren u fidil. Hu jaf id-dgħufija tal-bniedem, u xorta jkompli jħobbna.

**Insaqsi lili nnifsi**

Ħalli nieħu bis-serjetà l-għażla li għandi quddiemi: is-smigħ u l-fedeltà tal-Qaddej, jew il-kalkolu u t-tradiment ta' Ġuda? Il-Kelma ma tiġġudikax, imma tikxef il-verità: lil min qiegħed nisma'? Fejn inqiegħed il-fiduċja tiegħi? U kemm jiswa Kristu għalija?

**Niddeċiedi**

Matul din il-ġurnata nfittex li jkolli mumenti ta' silenzju interjuri, biex nidħol aktar fil-fond tal-misteru tal-imħabba li tagħti lilha nnifisha, anki meta tiġi miċħuda.

## L-ERBGĦA TAL-ĠIMGĦA MQADDSA
## Il-fedeltà ta' Ġesù u l-infedeltà ta' Ġuda

**X'inhu jgħidli l-Mulej?**

***Mill-Ewwel Qari:*** Il-profeta Iżaija jagħtina għanja oħra tal-Qaddej ta' Alla li jkollu jgħaddi minn ħafna tbatija. Il-missjoni tiegħu twasslu biex ikun ippersegwitat. Imma huwa fiduċjuż li l-Mulej mhux ser iħallih waħdu u li ser jgħinu fil-waqt tal-bżonn u joħorġu rebbieħ. Din il-figura bla isem hija profezija ta' Ġesù li minħabba l-fedeltà tiegħu lejn il-Missier ikollu jbati ħafna.

***Mill-Vanġelu:*** Is-silta tal-Vanġelu turina l-kuntrast qawwi bejn l-imħabba fidila ta' Ġesù u t-tradiment li qed jitħejja fil-kwiet. Waqt li Ġuda jfassal it-tradiment, Ġesù jfassal u jħejji l-ikla ta' ħbiberija u komunjoni mat-Tnax. Ġesù huwa tassew sid tas-sitwazzjoni li nħolqot fiċ-Ċenaklu u jħabbar it-tradiment u juri lit-traditur bl-iżball li kien ser iwettaq. Xejn ma jżomm lura lil Ġesù milli jkompli jħobb anki lil min kien ser jittradih.

**Insaqsi lili nnifsi**

Huwa mument li jistedinna nħarsu ġewwa fina: kemm drabi aħna wkoll inħobbu bil-kliem imma mhux bl-għemil? Minkejja kollox, Ġesù jibqa' jagħżel l-imħabba, is-skiet, u l-fedeltà lejn ir-rieda tal-Missier.

**Niddeċiedi**

Din il-ġurnata fit-tmiem tar-Randan issejjaħli biex nagħraf id-dgħufija tiegħi, imma wkoll biex nafda fil-ħniena kbira ta' Alla li qatt ma taqta' qalbha quddiem id-dnub tiegħi.

# V
# LECTIO DIVINA GĦALL-ĦDUD TAR-RANDAN (SENA A)

## L-1 Ħadd tar-Randan – Sena A
## Mt 4:1-11

**[F'dak iż-żmien]**
Din is-silta tiġi dritt *wara* l-Magħmudija, fejn Ġesù jiġi kkonfermat mill-Missier bħala l-Iben l-għażiż tiegħu (ara Mt 3:17) u *qabel* il-bidu tal-ministeru pubbliku tiegħu (ara Mt 4:12-17). Aktar milli narrazzjoni storika, din il-ġrajja hija rielaborazzjoni teoloġika mżewqa b'riferimenti tat-Testment il-Qadim, fejn fil-pjan ta' Mattew, toħroġ aktar il-figura ta' Ġesù bħala Mosè l-ġdid li jmexxi lill-Poplu l-Magħżul lejn l-art tal-ħelsien. L-esperjenza tat-taqbida max-Xitan tħaddan il-ħajja kollha ta' Ġesù sa fuq is-Salib fejn insibu eku tat-tliet tentazzjonijiet ta' din is-silta, maħsuba biex ibiegħdu lill-Messija mit-twettiq tal-pjan tal-Missier (ara Mt 27:40,42,44).

**l-Ispirtu ħa lil Ġesù fid-deżert biex ix-Xitan iġarrbu.**
L-Ispirtu li bis-setgħa tiegħu Ġesù jsir bniedem (ara Mt 1:20; Lq 1:35) u li jinżel fuqu waqt il-Magħmudija (ara Mt 3:16), jieħdu fid-deżert kif il-Mulej għamel mal-Poplu l-Magħżul (ara Dewt 8:2). L-isem "Ġesù" jesprimi l-umanità sħiħa tal-Iben ta' Alla, dak li "billi hu stess bata u kien imġarrab, jaf jgħin lil dawk li huma fit-tiġrib" (Lhud 2:18). It-tentazzjonijiet fil-fatt iduru kollha mal-identità ta' Ġesù bħala l-Iben ta' Alla u r-rieda tiegħu li jkun solidali mal-bnedmin u jifdihom billi jkun imġarrab f'kollox, minbarra d-dnub (ara Lhud 4:15). Għalhekk Ġesù jiġi mġarrab mix-Xitan (bil-Grieg πειράζω; tr. *peirazo*) kif il-Poplu Lhudi kien imġarrab fid-deżert b'mumenti fejn webbes qalbu u oħrajn fejn sogħbien reġa' ġedded il-fedeltà tiegħu lejn Alla (ara Eż 16:2-3; 17:1-17; Dewt 6:16; Salm 95:8-10). Fil-kuntest tas-silta, it-tiġrib li għandna hawn huwa wieħed li ġej mill-Ħażin sabiex ifixkel lill-Iben mit-triq tiegħu. Iżda ġaladarba hu "l-Ispirtu" li jieħdu fil-post fejn jiġi mġarrab, allura huwa wkoll mument fejn toħroġ aktar il-

qawwa rebbieħa ta' Ġesù fuq ix-Xitan, dik il-qawwa li ssaħħaħ fil-fidi lid-dixxipli tiegħu fit-taqbida tagħhom kontra l-ħażen (ara Ġak 1:2-4). Hu għalhekk it-tiġrib li jgħaddi minnu l-Iben maħbub (ara Sir 2:1-5) sabiex jiftaħ it-triq tar-rebħa lil dawk li jseħilhom ħutu u ħbiebu (ara Lhud 2:11; Ġw 15:15), ħalli huma wkoll iżommu sħiħ miegħu fit-tiġrib tiegħu u jkollhom sehem mill-mejda tas-Saltna tiegħu (ara Lq 22:28).

**U Ġesù baqa' sajjem għal erbgħin jum u erbgħin lejl, u fl-aħħar ħadu l-ġuħ.**

Fit-Testment il-Qadim Mosè kien għamel "erbgħin jum u erbgħin lejl" sajjem biex jirċievi l-Liġi u reġa' għamel l-istess ħaġa sabiex jirċeviha mill-ġdid wara li kien kisser it-twavel minħabba l-infedeltà tal-Poplu (ara Eż 34:28; Dewt 9:9,18). Dan il-perjodu jingħax quddiem il-Mulej f'atteġġjament ta' adorazzjoni u ndiema. Is-sawm jesprimi l-prijorità tal-bżonnijiet tal-bniedem, fejn il-bżonn tal-ikel isir sekondarju għal dak ta' Alla u tal-Kelma tiegħu. Il-"ġuħ" ta' Ġesù juri l-umanità sħiħa tiegħu, hekk li bħall-ħlejjaq kollha jagħmel esperjenza tal-limitazzjonijiet li spiss isiru l-art fertili fejn ix-Xitan jimraħ sabiex iqajjem fil-bniedem sens ta' ribelljoni kontra l-Ħallieq u kontra l-pjan tal-mħabba tiegħu (ara 1 Tess 3:1-5).

**U resaq it-tentatur u qallu: "Jekk inti Bin Alla, ordna li dan il-ġebel isir ħobż."**

Il-Ħażin hu "t-tentatur" (bil-Grieg ὁ πειράζων; tr. *ho peirazon*), dak li ħsiebu biex ifixkel lill-Iben milli jagħmel dak li jrid il-Missier. It-tattika hija dik li jiżra' d-dubju fil-qalb tal-bniedem dwar l-identità tiegħu fil-konfront ta' Alla, bl-għan li jirrivendika għalih tip ta' "dritt" fuq dak li jiġi perċepit minnu bħala miċħud lilu. Għalhekk jappella għall-identità ta' Ġesù bħala "Bin Alla" biex jeżerċita d-drittijiet tiegħu u juża s-setgħa divina tiegħu ħalli jissodisfa l-bżonn tal-ġuħ li għandu. It-tentatur jgħidlu biex jibda azzjoni ġdida ("ordna"; bil-Grieg εἰπὲ; tr. *eipe* = aorist imperattiv tal-verb *lego*), biex jieħu r-riedni f'idejh bħala persuna divina u juża l-prerogattivi divini tiegħu, f'direzzjoni opposta għal dik tat-*tneżżigħ* (*kenosis*) tal-Inkarnazzjoni għall-fidwa tal-bnedmin (ara Fil 2:7). Din it-tentazzjoni tevoka dik li

ssir lill-ewwel bnedmin sabiex imorru kontra r-rieda ta' Alla ħalli anki huma jsiru "allat" (Ġen 3:5).

**Iżda Ġesù wieġbu: "Hemm miktub: 'Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla'".**
Ġesù jiġi mistqarr bħala "Bin Alla" mill-ispirti mxajtna, mid-dixxipli, minn Xmun Pietru, mill-qassis il-kbir (ara Mt 8:29; 14:33; 16:16; 26:63), iżda hu biss fuq is-Salib li din issir stqarrija ta' fidi fuq fomm iċ-ċenturjun (ara Mt 27:54) peress li hemm Ġesù juri l-qawwa u l-għerf ta' Alla fl-iskandlu u l-bluha tas-Salib (ara 1 Kor 1:23-24). Sabiex iwieġeb, Ġesù juża l-arma tal-Kelma ta' Alla li hija "x-xabla tal-Ispirtu" (ara Efes 6:17) u jikkwota l-Iskrittura (ara Dewt 8:3). Il-ħobż veru hu l-Kelma ta' Alla li saret laħam, hu l-Iben ubbidjenti li jisma' lill-Missier, dak li jagħti l-ħajja lid-dinja (ara Ġw 6:33). Is-*sawm* jgħin lill-bniedem ma jassolutizzax l-*aptiti* u l-*bżonnijiet* tiegħu u jikseb il-libertà interjuri biex jixxennaq għal Dak li jtemm tassew ix-xenqa l-aktar profonda ta' qalbu.

**Imbagħad ix-Xitan ħadu miegħu fil-Belt imqaddsa, qiegħdu fuq il-quċċata tat-tempju, u qallu: "Jekk inti Bin Alla, inxteħet għal isfel; għax hemm miktub li 'lill-anġli tiegħu jordnalhom jieħdu ħsiebek', u li 'fuq idejhom jerfgħuk, ħalli ma taħbatx riġlek ma' xi ġebla'".**
It-tieni isem ta' dak li jġarrab hu "x-Xitan" (bil-Grieg διάβολος; tr. *diabolos*), dak li ħsiebu biex jifred lill-bniedem minn Alla. Ġesù huwa kompletament *mogħti* mill-Missier u mill-Ispirtu sabiex ix-Xitan jieħdu miegħu (bil-Grieg παραλαμβάνω; tr. *paralambano*). Biex iġarrab lil Ġesù x-Xitan juża l-Iskrittura (ara Salm 91:11-12) li ssib it-twettiq tagħha fil-Messija. L-interpretazzjoni li joffri x-Xitan hija waħda orjentata lejn l-istrumentalizzazzjoni tal-Kelma ta' Alla biex taqdi l-iskopijiet tal-bniedem li jħoss li Alla hu midjun lejh. Allura l-kliem ta' Alla jsir mezz biex il-bniedem iwettaq l-ambizzjonijiet tiegħu. Mill-ġdid l-imperattiv aorist tax-Xitan lil Ġesù ("inxteħet") jindika azzjoni ġdida miftuma mill-ħsieb ta' Alla.

**Qallu Ġesù: "Hemm miktub ukoll: 'Iġġarrabx lill-Mulej, Alla tiegħek'".**

Ġesù joffri interpretazzjoni differenti tal-Kelma ta' Alla li mhijiex għodda biex tiġi mmanipulata mill-bniedem imma titlob atteġġjament ta' smigħ u ta' fedeltà sabiex tkun hi li ddawwal u tmexxi l-passi tiegħu. It-twettiq tal-Iskrittura jseħħ filli l-Iben jagħmel ir-rieda tal-Missier u jerfa' fuqu s-salib tal-fidwa (ara Mt 26:53-54). Il-Kelma ta' Alla mhix mogħtija biex tintuża għall-kapriċċ jew biex tgħatti l-motivazzjonijiet veri tal-bniedem, imma sabiex tiġi mismugħa u obduta hija u "tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb" (Lhud 4:12). L-eseġeta li jagħtina l-interpretazzjoni awtentika huwa l-Iben li jagħmel dak li jrid il-Missier u jgħarrafhulna (ara Ġw 1:18). It-*talb* jgħin il-bniedem ma jassolutizzax il-proġetti tiegħu u jikseb il-libertà ta' min jintelaq f'idejn Alla u jiftaħ ħajtu għall-*ħolm* tiegħu, ta' "ġejjieni mimli tama" (Ġer 29:11).

**Għal darb'oħra x-xitan ħadu miegħu fuq muntanja għolja ħafna, urieh is-saltniet kollha tad-dinja u l-glorja tagħhom, u qallu: "Dawn kollha nagħtihom lilek jekk tinxteħet tadurani".**

It-tielet tentazzjoni hija dik marbuta mal-għatx għall-poter u li wieħed jaħkem fuq kulħadd. Ix-xitan iwiegħed dak li mhux tiegħu għaliex kull setgħa fis-sema u fl-art hija tal-Missier li jagħtiha lil Ibnu l-waħdieni (ara Dan 7:13-14; Mt 28:18). Il-"muntanja" tas-Sultan il-veru hija ħafna differenti minn dik li fuqha x-xitan itella' lill-bniedem biex iwiegħdu setgħa li m'għandux.

**Imbagħad qallu Ġesù: "Itlaq, Xitan! Għax hemm miktub: 'Lill-Mulej, Alla tiegħek, għandek tadura, u lilu biss taqdi'".**

Ġesù jagħti tweġiba definittiva lix-Xitan u mill-ġdid jikkwota l-Iskrittura (ara Dewt 6:13) fejn jindika li l-kult veru li jogħġob lil Alla huwa dak tal-qadi tar-rieda tiegħu li hija mbiegħda minn kull trijonfaliżmu u glorja ta' din id-dinja (ara Mt 16:23). Il-qadi ta' Alla jwassal għall-ħelsien mill-jasar tal-idolatrija, fejn wieħed ma jkunx ippossedut minn dak li jippossedi imma jgħix il-ħelsien ta' min hu mħaddan minn Alla. Il-*karità* tgħin lill-bniedem sabiex ma

jassolutizzax il-*possessjonijiet* tiegħu u jikseb il-libertà biex iħobb fil-qadi.

**Imbagħad ix-Xitan ħallieh. U minnufih ġew xi anġli u kienu jaqduh.**

Ġesù jitħalla mix-Xitan sal-mument tal-*kairos* ("sa ma wasal il-waqt", Lq 4:13), tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien fejn issir ir-rebħa definittiva. Ġesù rebbieħ fuq it-tentazzjonijiet idaħħal lill-bniedem-imkeċċi lura fil-Ġnien fejn issaltan l-armonija fost il-ħlejjaq kollha (hawn insibu l-"anġli", f'Mk 1:13 insibu li Ġesù "kien jgħix mal-bhejjem selvaġġi"). Il-bniedem isib il-kobor (is-sinjurija) tiegħu billi jibqa' fidil lejn il-Ħallieq, billi fi Kristu jissielet il-qerq tax-Xitan li jrid itelliflu d-don tal-grazzja, u hekk tassew iseħħlu jsaltan flimkien miegħu (ara Rum 5:12-19).

**Għar-riflessjoni**

F'dan iż-Żmien tar-Randan [...] inġeddu l-impenn tagħna fil-mixja tal-konverżjoni, biex nirbħu t-tendenza li ningħalqu fina nfusna u biex, minflok, nagħmlu spazju lil Alla, naraw ir-realtà ta' kuljum bl-għajnejn tiegħu. L-għażla bejn li ningħalqu fl-egoiżmu tagħna u li ninfetħu għall-imħabba ta' Alla u tal-oħrajn, nistgħu ngħidu li tikkorrispondi mal-għażla fit-tentazzjonijiet ta' Ġesù: għażla, allura, bejn il-poter tal-bniedem u l-imħabba tas-Salib, bejn fidwa mil-lenti tal-ġid materjali biss u fidwa bħala opra ta' Alla, li tiegħu hu l-primat tal-eżistenza. Li nikkonvertu ma jfissirx li ningħalqu għat-tiftix tas-suċċess tagħna, tal-prestiġju tagħna, tal-pożizzjoni tagħna, imma li kull ġurnata nħabirku, fil-ħwejjeġ iż-żgħar, biex il-verità, il-fidi f'Alla u l-imħabba jsiru l-aktar ħaġa importanti.

*Benedittu XVI*, Udjenza ġenerali (13 Frar 2013).

## It-2 Ħadd tar-Randan – Sena A
## Mt 17:1-9

**Daħla**

- Il-post ta' din is-silta: bejn l-Istqarrija ta' Pietru u l-ewwel tħabbira tal-Passjoni (16-21-22) u t-tieni tħabbira tal-mewt tal-Messija (17:22-23). Issaħħaħ il-messjaniżmu ta' Ġesù, li s'issa ma kien evidenti xejn, u li l-glorja tiegħu għadha mistura. Imma tfeġġ leħħa tal-glorja tiegħu fuq l-art.
- Insibu Teofanija u Rivelazzjoni.
- Lill-Appostli tingħatalhom esperjenza mistika, ta' estasi, faraġ, konsolazzjoni qawwija u gratwita (*kalov estiv*, kemm hu sewwa…).
- Din tħejjihom għall-ġrajja kerha u tqila tal-passjoni u tal-mewt ta' Ġesù; tagħtihom is-saħħa li ser tonqoshom fil-passjoni.

Diffiċli li hawn insibu ruħna quddiem "retro-viżjoni post-Qawmien" (jiġifieri glorja projettata lura fuq il-Ġesù storiku); il-kuntest hawa kollu kemm hu tat-Testment il-Qadim (l-Eżodu, Danjel, u l-bqija), ir-referenzi wkoll. Ma nsibu l-ebda lingwaġġ-Qawmien, jew ambjent-Qawmien. Ara v. 9: *Tgħidu lil ħadd b'din id-dehra sa ma Bin il-Bniedem ikun qam minn bejn l-imwiet*. Ċara ferm li qed jitħaddet fuq żewġ mumenti differenti minn xulxin.

Insibu dehra, viżjoni (v. 9, *hopama*) – x'aktarx apokalittika – tal-glorja ta' Ġesù f'mument storiku u f'post storiku… F'din is-silta jeħtieġ tinżamm it-tensjoni bejn il-fatti storiċi u s-simboliżmu (li jgħin biex nifmhu xi ħaġa… wara kollox għandna rivelazzjoni tal-glorja divina tal-Mulej tad-demm u l-laħam ("Dan hu…") li lanqas insibuha fil-ġrajjet tal-Qawmien mill-imwiet). Hawnhekk biss titfaċċa u tiddi l-glorja tiegħu ta' Iben.

Kif tiddeskriviha esperjenza mistika, jekk mhux b'lingwaġġ figurattiv?

Fl-istess ħin din l-esperjenza – li ma titfissirx ħafif u malajr – hija marbuta mal-istorja (muntanja, tliet Appostli tal-qalba, tined, dija, dawl, Mosè u Elija, sħaba, leħen, biża'…).

**1. Tinbidel is-sura ta' Ġesù**
v. 1 *Sitt ijiem wara*: tfakkar jew ir-rivelazzjoni tas-Sinaj (Eż 24:16), jew il-festa tat-Tined (6 ijiem wara Yom Kippur). Wiċċu jiddi, ara Eż 34-29-35. *Ħa miegħu*: Ġesù huwa dak li jieħu l-inizjattiva.

*Muntanja*: Hawn it-Tabor jew forsi l-Ħermon (għolja iżjed, 3000m). X'aktar għandha biss sens simboliku: fejn jiġru t-teofaniji jew ir-rivelazzjoni (ara Mt 5:1, 28:16).

v.2 *Inbidel*: *Metemorphothe*: din il-bidla m'għandha x'taqsam xejn mal-metamorfosi Griega jew mal-bidla interjuri (eż. 2 Kor 3:18). Fiha l-kontenut speċifiku tagħha, dehra tal-glorja tiegħu tal-Iben li tfeġġ lilhom bħala leħħa dawl ħiereġ minn sħaba.

**2. L-Istorja tas-Salvazjoni ssib il-quċċata u l-milja tagħha f'Ġesù**
v.3 *Mosè u Elija*: Il-Liġi u l-Profeti (ara Mt 5:17, 7:12, 11:23, 22:40); kienu maħtufin fis-smewwiet (Dewt 34:6, *2* Slat 2:11). Filwaqt li hemm armonija bejniethom (*jitħaddtu*), Ġesù huwa issa l-Milja tagħhom, il-milja tar-Rivelazzjoni ta' Alla lill-Poplu tiegħu.

Għal Mattew, Ġesù hu diġà Mosè l-Ġdid, imma hawn Ġesù jidher jitħaddet ma' Mosè u Elija.

Mosè u Elija huma wkoll il-pilastri tal-Istorja tal-Fidwa, tat-Testment il-Qadim: medjaturi tar-Rabta. Jekk Mosè hu l-Fundatur tal-Jaħwiżmu u tal-Poplu ta' Alla… mingħajr Elija dan kien jisparixxi waqt il-kriżi ta' fidi fis-seklu disgħa. Fih isibu l-milja tagħhom… profeti mhux tal-kitba imma tal-azzjoni… bidu u tmiem tal-Ġrajja li ser isseħħ f'Ġesù.

**3. Esperjenza mistika**
*Tliet tined*: Il-Festa tat-Tined Lhudija, festa tad-dawl li tfakkar il-mawra tal-poplu fis-Sinaj. *Tined: kemm hu sew…* jixtieq jaqbad u

jżomm dan il-mument, din l-esperjenza, imma l-glorja ta' Alla tfeġġ u tmur, u mhux possibbli li l-bniedem jaħkimha. Pietru jinsa lilu nnifsu (*ek-stasis*)!

v.4 *Kif soltu jagħmel* (eż. Mk 4:38; Mt 8:4), Mattew jibdel l-*Imgħallem* ta' Mark f'*Mulej/Kupie*.

4. Il-glorja tal-Messija tas-salib
v. 5 *sħaba kollha dawl*: li "fiha" tinħeba u titfaċċa fl-istess ħin il-preżenza ta' Alla (Eż 16:10, 19:9, 24:15-16; 33:9; ara wkoll 40:35).

*Leħen*: L-istess messaġġ tal-Magħmudija, 3:17: *Dan Hu Ibni, il-Għażiż, li fih jien sibt l-għaxqa tiegħi…*, rivelazzjoni tal-frenesi ta' mħabba bejn il-Missier u l-Iben.

Mattew jagħġen elementi meħudin mis-Sinaj ma' oħrajn meħudin minn Danjel (l-iżjed il-kontenut): Salm 2:7, Ibni/Messija, Ġen 22:2, Maħbub/Għażiż, Iż 42:1, 44:2, il-Qaddej li jbati. U jżid: *isimgħu lilu* (hawn isegwi Mk 9:7). L-ubbidjenza lejn Alla (fit-Testment il-Qadim) issa tissarraf fl-ubbidjenza lejn Ġesù, il-Kelma tiegħu, l-għaqda miegħu (tad-dixxiplu).

v 6. *meta semgħu:* il-biża' tad-dixxipli jiġi wara l-leħen; dan li joqrob lejn viżjoni apokalittika, eż. Dan 8:17-19; 10:7-9. Il-biża' ġej għax semgħu l-leħen jew għaliex jeħtieġ jisimgħu (jobdu) lil Ġesù.

**5. Dan hu (*houtos estiv*): il-qalba tal-ġrajja**
F'dawn il-ġrajjiet il-Kelma hija iżjed importanti mill-viżjoni, aktar minn dak li jidher (dehra, jew x'naraw).

Għaliex jisħaq fuq "Dan hu"?

- Twieled fqir u miet fqir… ħabib tal-fqar, l-imsejknin kollha tal-Poplu tiegħu.
- Ma jidher fih l-ebda sinjal ta' divinità.

- Mhux ikkwalifikat… biex jgħallem. Bla awtorità soċjali-reliġjuża, mingħajr edukazzjoni formali biex jgħallem. Mingħajr awtorizzazzjoni.
- L-ebda sinjal ta' Messija: qawwa, poter, ħakma…bla *pedigree*!
- Dan, ikkumbattut matul il-ministeru tiegħu kollu, miċħud mill-kbarat.
- Dak li jfejjaq biss bil-qawwa tal-ħniena, mogħdrija, u maħfra tiegħu.
- L-hena tal-fqir, tal-marid, tal-batut, tal-imwarrab, tal-midneb, tal-imnikket.
- Dak li jxandar is-Saltna ta' Alla, jgħallem min hu Alla, ifejjaq il-mard kollu tagħna.
- Dak li ser narawh imbiċċer, imżeblaħ, imsallab… imut mewta kerha.

**6. Ġesù kħenn għalihom, ikellimhom, ifarraġhom**
v. 7 *Ġesù resaq lejhom, messhom u qalilhom*: Huwa Ġesù li jerġa' jieħu l-inizjattiva.

*Qumu u la tibżgħux* (*Eyepthete kai me'phobeisthe)*. Hawnhekk insibu l-verb tal-Qawmien mill-imwiet (*Qumu*) u l-kelma ta' Alla "la tibżgħux", tant komuni kemm fit-Testment il-Qadim u kemm fit-Testment il-Ġdid.

v.8 *Ġesù waħdu*. Tingħalaq f'salt il-viżjoni-esperjenza u tibda l-mixja lejn Ġerusalemm.

Sabiex jistgħu jiskopru r-realtà kollha ta' Ġesù, il-milja u l-qofol tiegħu għal ħajjitna, jeħtieġ li Ġesù jmisshom: jgħaddilhom il-qawwa tiegħu, ifejjaqhom u jfarraġhom. Kull meta Ġesù jmiss lil xi ħadd, naraw il-ħniena tiegħu f'ġest ta' fejqan u tal-qawwa tal-fidwa tiegħu. Hekk biss Pietru u d-dixxipli jistgħu issa jkunu "kapaċi" jaċċettaw it-tbatija u l-mewt tal-Messija, l-għaqda bejn il-glorja tal-Messija u t-tbatija u l-mewt ta' Ġesù (tbatija flimkien mal-glorja li Pietru għadu

kemm ċaħad, ara 16:22, u l-ewwel tħabbira tal-Passjoni). Nerġgħu nsibu (t-tieni) tħabbira tal-passjoni f'17:22-23.

Ġesù huwa l-Iben glorjuż u l-Messija waqt ħajtu fid-dinja, kif ukoll fil-passjoni u l-mewt tiegħu.

Biss, inżommu quddiem għajnejna li biex id-dixxiplu jifhem sew din il-glorja tal-Messija Msallab, irid jistenna l-ġrajjiet tal Misteru fil-Mewt u l-Qawmien. Hekk biss setgħu jaslu għall-istqarrija sħiħa tal-Mulej Ġesù.

**Biex nitlob**

- Kemm nixtieq tassew insir/inkun midħla ta' Ġesù fqir, nieqes mill-glorja tad-dinja?
- Nitlob il-grazzja li ngħix it-tbatija fil-fidi; ngħaqqad il-ferħ u t-tbatija.
- Kemm naċċetta t-tbatija ta' Ġesù, it-tbatija tiegħi, ta' madwari?
- Nieqaf sew fuq: meta u fiex inħoss bżonn kbir li Ġesù jersaq lejja, imissni, jgħidli kelma ta' faraġ, li tqawwili qalbi? Nitolbu bil-ħerqa li jagħmel dan miegħi… ma' sħabi… ma'…

## It-3 Ħadd tar-Randan – Sena A
## Ġw 4:5-42

Frott ta' riflessjoni u meditazzjoni għal snin twal fuq il-ġrajjiet, San Ġwann jislet tifsiriet ġodda min din il-ġrajja, fiha nfisha sempliċi, u jinseġ magħhom temi li huma għal qalbu.

Bħalma dejjem jagħmel, jeħodna mil-livell litterali (eż. *ilma ġieri*) għal realtà iżjed fil-fond (*ilma ħaj*: tagħlim ta' Ġesù/Rivelazzjoni/ Spirtu).

Ġwanni biss isemmi din il-mawra u l-ministeru ta' Ġesù fis-Samarija. (Atti 8:1-25 isemmi l-konverżjoni ta' ħafna Samaritani li jitgħammdu [Filippu] u jirċievu l-Ispirtu [mingħand Pietru u Ġwanni]).

Kapitlu 4 jurina li jaf sew ħafna dettalji kemm fiżiċi u kemm tad-drawwiet u tat-twemmin tas-Samaritani (bir fil-wilġa tal-għolja Geriżim; safa legali f'v. 9, il-bir tal-patrijarka f'v.12, it-tifsira tal-għolja Geriżim u l-profeta [Taheb]; il-mara Samaritana…; Nikodemu f'k. 3, is-Samaritana f'k. 4, il-mifluġ f'k. 5, l-agħma f'k. 9: dawn il-persunaġġi u d-djalogu oriġinali ma' kull wieħed jeħduna lejn saff storiku).

Waqt li dan kollu huwa okkażjoni li jieħu Ġwanni biex jinterpreta l-fatti u jiżviluppa t-tagħlim tiegħu, jiġifieri r-rivelazzjoni ta' Ġesù. Jiżviluppa iżjed temi oħraj li kien semma qabel (Tempju f'2:13-22; l-ilma u l-Ispirtu f'k. 3).

Din il-ġrajja Ġwanni hawnhekk jużaha u jiżviluppa t-tema spettakolari: (i) tal-ilma ħaj/tal-ħajja, (ii) l-Ispirtu tal-verità, (iii) l-appostolat (il-pastorali), u (iv) l-miġja tas-Samaritani għall-fidi f'Ġesù.

Bħas-soltu jibdew biex jifmuh ħażin (ilma ġieri); hemm ħafna ironija (Jaqaw int aqwa min missirijietna… U kif!; agħtini dan l-ilma ħalli ma

nbatix!… U mela!); jinbidel is-suġġett; ix-xena u l-isfond; il-“kor Grieg” tas-Samaritani.

**1. Djalogu: L-Ilma tal-Ħajja, vv. 4-26**

vv. 7-10: *L-ilma ħaj* (jew aħjar, *l-ilma tal-ħajja*). Ġesù jisfidaha li tagħraf min qed ikellimha u li titolbu l-ilma tal-ħajja.

vv.11-15: titolbu l-ilma.

vv.16-18: jieħu l-inizjattiva biex tagħrfu bħala l-profeta. Mument importanti għaliex hawn kollox isir personali ħafna.

vv.19-26: Il-qima vera tiġi mill-Ispirtu tal-Verità. Il-mara tagħraf – sa fejn tista' – min hu Ġesù.

L-ilma huwa essenzjali għal ħajjitna. Hekk ukoll l-ilma tal-ħajja hu essenzjali għall-ħajja ta' dejjem.

L-ilma tal-ħajja huwa r-rivelazzjoni/tagħlim li Ġesù jġib lill-bnedmin, kif ukoll l-Ispirtu li huwa jagħtina. Fit-Testment il-Qadim l-ilma huwa simbolu tal-Għerf ta' Alla li jagħti l-ħajja, rivelazzjoni u għerf (Ġer 2:13, Żak 14:8, Eżek 47:9, Prov 13:14, u oħrajn.). Iżjed 'il quddiem, l-Għerf jiġi identifikat mal-Liġi (*Torah*). Din ukoll tissemma bħala “d-don ta' Alla” lill-poplu tiegħu.

Fi Ġwanni, Ġesù juri ruħu bħala l-Għerf ta' Alla u ser *jissostitwixxi* l-Liġi bħala għerf u għajn ta' ħajja… L-ilma tal-Lhud, tat-Testment il-Qadim, issa jitwarrab u *floku* nsibu l-ilma ta' Kristu li jagħti l-ħajja. Hawnhekk l-ilma, bnadi oħra id-dawl, il-ħobż tal-ħajja.

L-ilma ħaj huwa l-Ispirtu li jagħti Ġesù (rabta bejn Spirtu u ilma nsibuha ta' sikwit fit-Testment il-Qadim). Huwa l-Ispirtu li jagħti l-ħajja (6:63). Id-don tal-Ispirtu kien element tal-jiem Messjaniċi (il-mara titkellem fuq il-Messija, v. 25).

Huwa possibbli ħafna li Ġwanni – diskretament – irid ifakkarna fil-Magħmudija li fiha wkoll nieħdu l-Ispirtu tiegħu.

**2. L-Ispirtu tal-Verità, vv. 23-24**
vv. 23-24: *L-Ispirtu tal-Verità*. Hawnhekk Ġesù mhux qed jitkellem fuq qima interjuri lil Alla.

Bħalma Ġesù nnifsu jissostitwixxi t-Tempju (2:21), issa huwa l-Ispirtu li jagħtina Ġesù li jqanqal l-adorazzjoni awtentika tal-Missier. Biss dawk li għandhom l-Ispirtu li jagħmilhom ulied Alla, jistgħu jaduraw ’l Alla l-Missier b’mod awtentiku.

v. 23: il-kult ġenwin/adorazzjoni ta’ Alla. Biex ikun jiswa, jeħtieġ is-siegħa tal-glorja ta’ Kristu (li tibda tfeġġ diġà fil-passjoni u fuq is-salib). L-Ispirtu huwa wkoll dak li jinterpreta t-tagħlim/rivelazzjoni ta’ Ġesù: 14:26, 16:13.

**3. Djalogu: L-appostolat awtentiku, vv. 27-38**
Kien diġà semmiehom l-Appostli f’v.8, biex iħejjina għalihom…

Jistagħġbu iżjed għax kien qed jitkellem ma’ mara milli għax kienet Samaritana. Din il-libertà ta’ Ġesù jistagħġbu biha. Imma issa mmaturaw u baqgħu siekta fuq din il-biċċa! In-nies tar-raħal, permezz tagħha, jersqu lejn Ġesù.

Għal darb’oħra, in-nuqqas ta’ fehma (*jaqaw ġie xi ħadd u ġieblu x’jiekol?*) isservi ta’ okkażjoni biex Ġesù jiċċara xi affarijiet. L-ikel tiegħu hija l-missjoni tiegħu u malajr insibu ruħna fil-ħsad, jiġifieri l-frott tal-missjoni tiegħu.

L-ewwel proverbju, iż-żmien bejn żergħa u ħsad, Ġesù jibdlu f’eskatoloġija mitmuma (realizzata): mill-ewwel wasal żmien il-ħsad u l-ħassad jitħallas, jiġbor il-frott… diġà ġejjin għandu n-nies tas-Samarija.

vv.37-38 *Wieħed u l-ieħor, oħrajn…* Dan it-tagħlim jirrifletti sitwazzjoni tipika u umana ħafna fil-ħajja tal-Knisja primittiva u tal-Knisja tagħna wkoll: xi ftit għira, "tensjonijiet", ħafna bżonn ta' fiduċja f'min jaħrat u jiżra', umiltà kbira f'min jaħsad u jiġbor il-frott. Għaliex: *Kont jien li ħawwilt, Apollo saqqa, imma Alla hu dak li kabbar* (1 Kor 3:6-7). Kemm iż-żergħa u kemm il-ħsad huma *opus Dei*, ħidma tiegħu (v. 34).

Prinċipju importanti fil-ħajja tal-Knisja: il-fatt hu li hemm min jiżra' l-Kelma, ix-xogħol moħbi, is-sabar, l-istennija; u hemm min jaħsad il-frott: il-fidi, ħajja Nisranija fil-milja tagħha; *u t-tnejn għandhom jifirħu*, jaqsmu fil-ferħ tas-Saltna ta' Alla (v. 36). Fil-każ tas-Samaritani, kien Filippu li żara' u kienu Pietru u Ġwanni li ħasdu.

**4. Is-Samaritani jemmnu f'Ġesù, vv. 39-42 (il-ħsad u s-salvazzjoni universali)**

Ix-xhieda tal-mara kienet dik li wasslet lis-Samaritani biex jersqu lejn Ġesù. Diġà fuq din ix-xhieda emmnu f'Ġesù. Ħafna oħrajn emmnu fuq il-Kelma ta' Ġesù nnifsu: fidi aktar profonda. Insibu diġà ħsad kbir meta l-fidi tinfirex lejn il-barranin (u "eretiċi" f'dan il-każ).

Dawn il-barranin imwarrbin waslu biex jagħrfu u jistqarru lil Ġesù bħala s-*Salvatur* tad-dinja (iżjed minn profeta) qabel il-poplu ta' Alla. Komuni f'Luqa, l-Atti u San Pawl, din hi l-unika darba fil-Vanġeli kollha li jingħata dan it-titlu – idoqq iżjed Grieg – lil Ġesù.

Jidwi hawn Ġwanni 3:16: *Alla hekk ħabb id-dinja… biex kull min jemmen fih… ikollu l-ħajja ta' dejjem.*

**Biex nitlob**

1. L-Għatx tiegħi (Ġesù jisfidani: vv.7-10)
    - għal ħajja awtentika, profonda, mimlija,
    - għall-ġid ta' kulħadd,
    - li nwassal il-Vanġelu.

2. Liema lezzjoni nixtieq nitgħallem, nixtieq li jgħallimni Ġesù:
    - Niżra' b'ġenerożità u ma nħabbilx rasi żżejjed għar-riżultati.
    - Mingħajr ma nistenna riżultati spettakolari jew ċapċip.
    - Biss aħna konvinti li mill-ġid, mit-tajjeb li nagħmlu, xejn ma jintilef.
    - Kemm nifraħ bil-ġid li jagħmlu sħabi, l-oħrajn… bis-suċċessi tagħhom? Kemm nirringrazzja?
    - X'inhu dak li jweġġagħli qalbi fil-Knisja tagħna llum?
    - Għira, kompettitività, pika, tmaqdir, kritika ħarxa, kritika li twaqqa', bla ħniena… naqlagħhom mill-għeruq.
    - Kemm insib ġewwa fija nnifsi minn dan kollu?

## Ir-4 Ħadd tar-Randan – Sena A
## Ġw 9:1-41

Nistgħu nibdew mill-Prologu: 1:5,9,10-11:

"Id-dawl jiddi fid-dlam, iżda d-dlam ma għelbux;
dak id-dawl veru, li jdawwal kull bniedem huwa u ġej fid-dinja.
Kien fid-dinja u d-dinja saret bih, imma d-dinja ma għarfitux.
Ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx."

v. 9:5 *"(Sakemm għadni fid-dinja), jien hu d-dawl tad-dinja"* jaqbad ma' 8:12: *"Jiena d-dawl tad-dinja. Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam, iżda jkollu d-dawl tal-ħajja"*.

F'dan il-kapitlu nsibu lil Ġesù, id-dawl tad-dinja, li jdawwal il-bniedem, jagħmel ħaqq mid-dinja (li qed tiġġudikah), kif ukoll rabta qawwija mal-Magħmudija (dawl, dilka, twemmin).

Ġesù nnifsu jfissrilna s-sens ta' dan is-sinjal: id-dawl li joħroġna mid-dlam. Bniedem li għex dejjem fid-dlam jara d-dawl b'għajnejh u jasal għad-dawl tal-fidi. Mill-banda l-oħra, dawk li – suppervi – jaħsbu li jafu (kollox) huma għomja, ma jistgħux jaraw id-dawl u jingħalqu dejjem iżjed fid-dlam.

Ġwanni 9 jibda b'raġel agħma li jara d-dawl (v. 1) u jintemm bil-Fariżej li jingħalqu fid-dlam.

Din il-ġrajja tal-fejqan ta' raġel agħma, Ġwanni jaħdimha b'mod li ssir riflessjoni profonda fuq xi jfisser Ġesù dawl tad-dinja li jagħmel ħaqq mid-dlam.

Fis-Sinottiċi nsibu bosta ġrajjiet ta' fejqan ta' għomja: Mk 10:46-52; Mt 9:27-31, 12:22-23; Mk 8:22-26 (juża' l-bżieq); Mt 15:30, 21:14. Il-ġrajja fi Ġwanni ma tantx tixbahhom (ħlief il-fatt li fejjaq agħma). Fih ħafna elementi oriġinali bħalma huma: agħma minn twelidu; juża t-tajn; ifejjaq bl-ilma tal-menqa; il-kawża lill-imfejjaq; il-ġenituri:

elementi kollha li bihom jinqeda biex jgħallem lill-Insara u jsaħħaħom fil-fidi tagħhom f'Ġesù, il-Messija (20:31).

vv. 4-5: *"Jeħtiġilna nagħmlu x-xogħol (ħidma) ta' dak li bagħtni"*. Ġesù jsieħeb lid-dixxipli tiegħu fl-għemil u fil-missjoni tiegħu (dejjem jekk nagħrfu li huwa Ġesù li jdawwal lill-bnedmin).

vv. 6-8: Is-sinjal isemmih fil-qosor għaliex dak li jinteressah lil Ġwanni huma l-interrogazzjonijiet fejn bil-mod il-mod javvanza fl-għarfien ta' Ġesù: wieħed jgħidulu Ġesù (v. 11); profeta (v. 17); minn Alla (v. 33); (il-quċċata) Bin il-Bniedem (v. 37). Din ir-rivelazzjoni progressiva nsibuha ta' sikwit, ngħidu aħna fi Ġwanni 1:29-51, Bin il-bniedem (v. 51).

Hawnhekk insibu kuntrast kbir bejn is-sempliċità u l-umiltà tar-raġel (tliet darbiet, jien ma nafx, vv. 12, 25, 36) u l-Fariżej, kburin b'dak li jafu, jew għax jaħsbu li jafu (tliet darbiet, vv. 16, 24, 29).

Filwaqt li l-agħma qed jinfetħulu għajnejh bil-mod dwar Ġesù u l-verità tiegħu, il-Fariżej ma jirnexxilhomx jaraw, iwebbsu rashom dejjem iżjed. Donnhom jaċċettaw il-fejqan (v. 15); xi wħud minnhom offendihom il-ksur tas-Sibt, oħrajn mhux daqshekk: lesti li jieħdu x-xhieda tar-raġel (v. 17). Fit-tieni interrogazzjoni jispikkaw l-iżjed ħorox: qishom iridu jiċħdu l-miraklu, ma tinteressahomx iżjed il-verità, jippruvaw jonsbuh (v. 27). Il-proċedura legali pretenzjuża tal-proċess tispiċċa fit-tagħjir (v. 34).

U hekk, dawk li kienu qegħdin jiġġudikaw lil Ġesù (fil-fatt hu Ġesù li hu mixli) huma ġġudikati ħatja minn Ġesù nnifsu (vv. 39-40).

Ironija qawwija: dan *it-tallab* huwa mixli mill-awtoritajiet li jaraw kif jagħmlu biex iġegħluh jiċħad dik il-ħaġa waħda li hu ċert minnha! Sitwazzjoni tan-Nisrani mdawwal fil-Magħmudija u msejjaħ jixhed għal Kristu quddiem il-bnedmin. Huwa dan ir-raġel li jitqabad fil-kawża favur id-dawl, għall-bidu b'mod sempliċi u fl-aħħar b'ħafna kuraġġ (vv. 24-34, l-iżjed v. 25: *"ħaġa waħda naf..."*).

Fis-sempliċità tiegħu jurihom il-kuntradizzjoni bejn it-teoloġija tagħhom stess (il-miraklu juri missjoni minn Alla) u l-fatt li jwebbsu rashom u jibqgħu għomja! Il-Fariżej, inkwetati, ifittxu li jiċħdu l-verità: ir-realtà tal-miraklu, għax sar is-Sibt, u jżidu li jiċħdu d-dawl ta' Ġesù u Ġesù nnifsu u l-missjoni tiegħu.

vv. 8-12: Jitgerfxu u jitħawdu: dan l-għemil tal-għaġeb donnu jagħti raġun lil Ġesù, mibgħut minn Alla (v. 31). Iffissati fuq kif sar il-miraklu, iwarrbu l-kwistjoni: min għamlu u b'liema dritt? Fejqan veru, imma s-Sibt? Minn Alla? (*Dan ma nafux minn fejn inqala'...*)

*Qatt fid-dinja ma nstema'* (v. 32)… Mela bilfors hemm xi rabta bejn min għandu l-ħila jagħmel għemejjel bħal dawn u Alla li joħloq u jagħmel l-għeġubijiet. Imma huma diġà ddeċidew li Ġesù ma jistax ikun "minn Alla" (vv. 24, 29)

## 1. Ġesù d-dawl tad-dinja

Id-dawl jegħleb id-dlam… Ir-rebħa tad-dawl fuq id-dlam. Kif iseħħ dan kollu? Azzjoni profetika. Mhux biss huwa d-dawl imma wkoll idawwal lil kull bniedem.

Qabelxejn iseħħ bis-setgħa ta' Ġesù li jagħti d-dawl (iżjed milli jrodd id-dawl ta' min kien għama f'ħajtu) lil min twieled agħma u qatt ma kien ra d-dawl. Dan ir-raġel mhux biss jibda jara u jgħix integrat mal-ħajja, imma wkoll jasal – bit-tbatija u bit-taqbid ma' dawk li jridu jibqgħu fid-dlam – għad-dawl tal-fidi fi Kristu…

## 2. Taqbida u tilwim bejn id-dawl u d-dlam

a. Nafu li Ġesù waqt il-ministeru tiegħu kien jikser sikwit ix-*Shabbat*, li kienet kiddet bil-bosta lill-awtoritajiet reliġjużi. Nafu li l-awtorità tiegħu tiġi għaliex fl-aħħar mill-aħħar huwa s-Sid tax-*Shabbat*. Din it-tilwima kienet ħarxa diġà waqt il-ministeru tiegħu. Ġwanni jittratta fil-

wisa' din il-kwistjoni fil-kapitlu 5. Hawnhekk iżda tgħaddi malajr, għaliex it-tilwima hija jekk Ġesù għandux awtorità u jekk għandux il-qawwa li jagħmel dawn is-sinjali (u allura, ġej jew mhux ġej mingħand Alla, v. 33).

b. Nafu li din it-tilwima vjolenti bejn id-dixxipli ta' Ġesù u d-dixxipli ta' Mosè baqgħet sejra sal-aħħar tas-seklu 1. Dan hu li nsibu fil-fatt f'dan il-kapitlu.

Fi żmien Ġesù kien hemm "time-out" ta' ġimgħa mis-sinagoga, l-iżjed xahar. Imma l-iskomunika formali u totali kienet daħlet lejn is-sena 90.

L-"aħna" tal-Fariżej hija wkoll dik tal-Fariżej tal-aħħar tas-seklu li ċaħdu għalkollox lil Ġesù u jqisu lill-Insara (li għal ħafna żmien kienu baqgħu jieħdu sehem mit-talb fis-sinagogi) bħala eretiċi.

L-"aħna" fuq fomm ir-raġel (v. 31) hija dik tal-Insara li mingħajr biża' aċċettaw din it-tkeċċija. Dak li beda matul il-ministeru ta' Ġesù issa wasal fit-tmiem: l-għażla tal-fidi u l-konsegwenzi tagħha.

v. 39: Fil-persuna ta' Ġesù jiġi deċiż id-destin ta' kull bniedem. Kull bniedem irid jagħżel bejn li jibqa' dejjem fid-dlam/ijiet (huma, li jaħsbu li jafu ħafna, ma jridux id-dawl u jagħżlu li jibqgħu fid-dlam, fid-dnub) jew li jaċċetta jiddawwal b'dan id-dawl, Ġesù (l-agħma, in-Nisrani, il-fidi). Jaċċetta jew jiċħad ir-rivelazzjoni tiegħu nnifsu ta' Alla (dawl) marbuta mas-salvazzjoni (ħajja).

Ġwanni jagħmel il-qalb lil dawk li qegħdin bejn ħaltejn (vv. 18-23, il-ġenituri… biża') għaliex Ġesù nnifsu jfittixhom (v. 35) u jwassalhom għall-fidi sħiħa. Kemm fil-bidu tal-fidi, kemm fit-taqbida għall-fidi (vv. 1, 35), l-inizjattiva jeħodha dejjem Ġesù.

c. Qed jiġu ġġudikati minn dawk li ġġudikaw lil Ġesù, meta fil-fatt huwa Ġesù li qed jagħmel ħaqq: *"Jien ġejt fid-dinja biex nagħmel il-ħaqq, biex min ma jarax isir jara, u min jara jagħma"* (v. 39).

## 3. Katekeżi tal-Magħmudija

a. Jisħaq fuq li r-raġel twieled agħma (vv. 1, 2, 13, 18, 19, 20, 24, quċċata v. 32: *qatt fid-dinja ma nstema'…*). Insibu kuntrast bejn din l-għama u l-għama spiritwali (v. 39) – insibu l-aċċenn li r-raġel twieled fid-dnub (vv. 2, 34), u dan jinħafer biss bil-ħasil fl-ilmijiet li jnixxu mill-għajn: Ġesù Kristu.

b. Dan insibuh f'Tertu;ljanu (*is-sagrament tal-ilma li jaħsel l-għama tagħna oriġinali u jeħlisna għall-ħajja ta' dejjem*) u f'Santu Wistin *(l-agħma jirrappreżenta lill-bnedmin… jekk l-għama huwa nuqqas ta' fedeltà, l-illuminazzjoni hija l-fidi*).

c. Ġwanni jisħaq fuq li r-raġel ifiq biss meta jinħasel fl-ilmijiet ta' Silwam, l-ilma tal-Mibgħut. Ġesù hu l-mibgħut tal-Missier, mill-Missier (3:17, 34, u oħrajn).

d. Din il-ġrajja nsibuha 7 darbiet fl-arti tal-katakombi, 5 minnhom marbuta mal-Magħmudija.

e. Żewġ ġesti ta' Ġesù: l-użu tal-bżieq u d-dilka, elementi taċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament.

f. Dan il-kapitlu 9 kien jintuża fiċ-ċerimonja tal-Magħmudija. Wara li l-katekumeni kienu jgħaddu t-tielet eżami (skrutinju), kienu jinqraw siltiet tat-Testment il-Qadim rigward l-ilma li jnaddaf u jsaffi. Imbagħad jinfetaħ solennement il-ktieb tal-Vanġelu u jinqara

Ġwanni 9, bil-quċċata fl-istqarrija tal-agħma: *"Nemmen, Mulej"*. Imbagħad il-katekumeni kienu jgħidu l-Kredu.

g. "Tidwil" (*enlightenment*) jintuża dwar il-Magħmudija (ara "li darba sfaw imdawla", Lhud 6:4, 10:32, ĠUSTINU, *Apol.* I, 61:13).

h. Hawn biss fi Ġwanni nsibu *"Inxteħet iqimu/jadurah"* (ta' sikwit fis-Sinottiċi).

Dan ir-raġel huwa eżempju sabiħ ta' bniedem li ġej mid-dlam totali (agħma mit-twelid). Fih insibu (vv. 6-7): ubbidjenza radikali għall-kelma ta' Ġesù: *mar, inħasel, ġie lura, jara*.

Jiddubitaw minnu l-ħbieb u l-ġirien (vv. 8-12), abbandunat mill-ġenituri tiegħu (vv. 18-23), interrogat, mhedded, imkasbar, imkeċċi mil-Lhud (vv.13-17, 24-34). Jimxi bil-mod mill-għarfien tal-bniedem Ġesù (v. 11), għall-profeta (v. 17), minn Alla (v. 33), il-Mibgħut, id-Dawl tad-dinja, Bin il-Bniedem (v. 35) u jinżel jadurah. U hekk jasal għall-fidi sħiħa f'Ġesù.

Din il-mixja mid-dlam tal-agħma għad-dawl tal-fidi kienet tabilħaqq *"sabiex l-għemil ta' Alla jidher fih"* (v. 3).

**Biex nitlob**

1. Id-dawl ta' Kristu f'ħajti. Irkejjen ta' ħajti li għadhom mudlama, li l-Vanġelu għadu ma dawwalx. Nitlob li jixħet id-dawl tiegħu fihom.

2. Nagħti xhieda serena u sempliċi ta' Kristu jew ninħeba bħall-ġenituri, nibża'?

3. Jien ngħodd ruħi ma' dawk li jafu ħafna jew ma' dawk li jgħixu u jagħtu xhieda ta' Kristu għax konvinti… mill-esperjenza ta' dak li għamel miegħi l-Mulej?

## Il-5 Ħadd tar-Randan – Sena A
## Ġw 11:1-44

Matul iż-żmien tar-Randan aħna nagħmlu mixja mdawla mill-Kelma ta' Alla bit-tħejjija għall-Għid. F'dawn l-aħħar tliet Ħdud għandna tliet episodji bit-testi jkunu meħuda mill-Vanġelu ta' Ġwanni mimlija temi letterarji u teoloġiċi. Fihom Ġesù jirrivela lilu nnifsu progressivament permezz tas-simboliżmu marbut mal-ilma, id-dawl u l-ħajja. Fil-konverżazzjoni mal-mara Samaritana Ġesù juri li hu l-*"ilma ħaj"* (Ġw 4:10) li jaqta' l-għatx għall-ferħ ta' dejjem, fis-sinjal tal-fejqan tar-raġel agħma jgħid li hu *"d-dawl tad-dinja"* (Ġw 9:5) li jdawwal lill-bnedmin li jinsabu fid-dlam lejn il-fidi, u fir-rakkont tal-lum tal-qawmien ta' Lazzru jirrivela lilu nnifsu bħala dak li għandu l-milja tal-ħajja u jikkomunikaha: *"Jien hu l-qawmien u l-ħajja"* (Ġw 11:24).

F'dan il-Ħadd qegħdin nirriflettu fuq il-qawmien ta' Lazzru li hu s-seba' u l-akbar sinjal mirakoluż ta' Ġesù li bih l-evanġelista jwassal għall-qofol tar-rivelazzjoni tal-misteru ta' Kristu. Din l-istorja għandha funzjoni kruċjali fit-tfassil tal-Vanġelu ta' Ġwanni mqiegħda wara d-diskors tar-Ragħaj it-Tajjeb (Ġw 10) u ftit qabel id-dilka ta' Ġesù u d-dħul tiegħu f'Ġerusalemm (Ġw 12:1-19), it-tielet u l-aħħar vjaġġ tiegħu lejn din il-belt. Iżda dan is-sinjal mhuwiex maqtugħ mis-sinjali l-oħra preċedenti, anzi nsibu riferimenti (Ġw 11:37) jew eku għalihom (Ġw 2:1-12). Għalkemm għandu xi xebh magħhom, imma l-episodju tal-qawmien ta' Lazzru għandu elementi uniċi u distintivi ħdejn is-sinjali l-oħra. Fih biss il-miraklu qiegħed fl-aħħar tar-rakkont bħala *'grand finale'* tal-istorja, filwaqt li fl-oħrajn qiegħed fil-bidu jew fin-nofs tagħhom. Ġesù stess kien irrefera għal dan is-sinjal bħala *"ħwejjeġ akbar"* Alla jurih biex dawk li jopponuh jistagħġbu (Ġw 5:20). Jidher hawnhekk il-kuntest tal-kunflitt bil-paradoss bejn il-ħajja u l-mewt: minn naħa Ġesù jirbaħ il-mewt billi jwassal lil ħabibu mill-ġdid lejn il-ħajja, u min-naħa l-oħra Ġesù jispiċċa jersaq aktar lejn il-mewt tas-salib b'deċiżjoni tas-Sinedriju (Ġw 11:45-53).

Ir-rakkont tal-qawmien ta' Lazzru fi Ġwanni 11 jiġbor fih rikkezza ta' temi teoloġiċi li l-qarrej tar-Raba' Vanġelu hu diġà familjari magħhom

fil-kapitli preċedenti. Fost l-aktar evidenti hi t-tema tal-imħabba espressa bil-verb *phileō* fil-vv. 3, 36: Ġesù jħobb lil Lazzru; bin-nom '*philos*' fil-v. 11: Ġesù ħabib ta' Lazzru; u wkoll bil-verb *agapaō* fil-v. 5: Ġesù jħobb lil Marta, lil oħtha u lil Lazzru. Dan il-motiv fi Ġwanni jsib il-qofol fl-imħabba bejn il-Missier u l-Iben (ara Ġw 3:16, 35 bil-verb *agapaō* u Ġw 5: 20 bil-verb *phileō*). Anki t-tema tal-glorja għandha importanza speċjali murija fil-bidu u fit-tmiem tal-episodju bil-verb *doksazō* fil-v. 4: tingħata glorja lill-Iben ta' Alla; bin-nom *doksa* fil-vv. 4, 40: il-glorja ta' Alla. Il-mirakli ta' Ġesù fi Ġwanni huma sinjali (*semeion*) tal-glorja ta' Alla. Temi oħrajn rilevanti huma: id-dawl (*phōs*) fil-vv. 9, 10; id-dinja (*kosmos*) fil-vv. 9, 27; il-ħajja (*zōe*) fil- vv. 25, 26; il-verbi 'tara' (*blepō*) fil-v. 9 u *horaō* fil-vv. 3, 31, 32, 33, 34, 36, 40; il-verb 'temmen' (*pisteuō*) fil-v. 15, 25, 26, 27, 40, 42; il-verb 'issalva' hawn 'ifejjaq' (*sōzō*) fil-v. 12.

Dan il-miraklu, kif ukoll il-mirakli l-oħra fi Ġwanni, għandu aktar minn livell wieħed ta' tifsira. Minbarra l-istorja kif tidher minbarra rridu nħarsu aktar fil-fond biex nippenetraw is-sens qisu moħbi tar-rakkont. Il-qarrej irid jifli b'attenzjoni l-istrumenti letterarji li juża l-awtur biex iwassal b'qawwa l-ħsieb tiegħu. Insemmu l-ewwel is-simboliżmu li Ġwanni jagħmel użu minnu sew fil-Vanġelu tiegħu biex iwassal veritajiet teoloġiċi 'l hemm mit-tifsira letterali. Insemmu s-simboliżmu fil-v. 12 meta jitkellem fuq il-jum u l-lejl, fuq id-dawl u d-dlam li spiss juru l-kuntrast bejn min jemmen u min ma jemminx. Anki fil-v. 25-26 jitkellem mill-ħajja u l-mewt irridu nagħrfu t-tifsira fis-sens fiżiku u spiritwali tagħhom. Ġwanni spiss juża l-istrument tal-ironija biex juri s-sens moħbi bil-paradoss. F'din l-istorja ta' Lazzru, Ġesù qed iwettaq il-miraklu biex jagħti l-ħajja, imma fl-istess waqt din l-istess azzjoni għandha l-kuntrast fil-ħsieb tal-oppożituri biex iwassluh għall-mewt. L-għajta ta' Ġesù biex Lazzru joħroġ mill-qabar fil-v. 43 (*kraugazō*) nerġgħu nsibu din l-istess kelma aktar 'il quddiem fil-passjoni meta l-Lhud jgħajtu biex isallbu lil Ġesù (Ġw 18:40; 19:6, 12:15). Ġwanni juża wkoll in-nuqqas ta' ftehim (*misunderstanding*). Id-dixxipli spiss ma jifhmux lil Ġesù. Hekk fil-vv. 11-13 id-dixxipli ma jifhmux lil Ġesù meta juża l-metafora tal-irqad għall-mewt ta'

Lazzru, tant li fil-vv. 14-15 kellu jerġa' jagħmel id-diskors ċar u tond (*parrēsia*).

Nibdew infissru t-test ta' Ġwanni f'sezzjonijiet.

vv. 1-3: *Kien hemm wieħed marid, Lazzru minn Betanja, ir-raħal ta' Marija u oħtha Marta. Marija kienet dik li dilket il-Mulej b'żejt ifuħ u xxuttatlu riġlejh b'xuxitha; u Lazzru, il-marid, kien ħuha. Iż-żewġ nisa bagħtu jgħidu lil Ġesù: "Mulej, ara, ħabibek marid".*

Dan il-miraklu tal-qawmien ta' Lazzru hu uniku għax il-ġisem tiegħu kien ilu mejjet erbat ijiem filwaqt li f'rakkonti oħra simili ż-żmien kien qasir. Is-Sinottiċi jħallu barra dan ir-rakkont u jingħataw diversi opinjonijiet. Għalkemm il-ġrajja tiffoka fuq Lazzru, hu qatt ma jitkellem, imma jagħmel biss azzjoni waħda lejn it-tmiem, li joħroġ barra mill-qabar. L-isem Lazzru hu l-forma mqassra ta' Eleazar (minn *El* għal Alla u *azar*, tgħin) li jfisser 'Alla jgħin'. Imma Ġesù jibqa' ċentrali, u hawn naraw ħafna elementi mill-karattru tiegħu. Betanja kienet raħal fil-Lvant tal-Għolja taż-Żebbuġ qrib Betfaġe fuq it-triq għal Ġeriko fejn Ġesù kien jgħaddi meta jżur Ġerusalemm (Mk 11:11; 14:3; Mt 21:17). Marta u Marija kienu ħut Lazzru u fis-Sinottiċi jissemmew biss f'Luqa 10:38-42 meta Ġesù jżurhom. Hawn Ġwanni jsemmi dwar Marija xena li nsibu deskritta fi Ġwanni 12 fejn hi dilket lil Ġesù bil-fwieħa li biha l-Lhud kienu jidilku l-katavru (ara Mk 14:3-9). Ġesù kien qrib ħafna ta' din il-familja u kien naturali għalihom li juruh il-ħtieġa tagħhom fil-marda ta' Lazzru, *"min tħobbu int"*. Ħutu n-nisa ma jgħidux speċifikament lil Ġesù biex jiġi u jfejqu, imma jgħarrfuh dwaru.

vv. 4-6: *Meta sama' l-aħbar Ġesù qal: "Din mhijiex marda tal-mewt, iżda hi għall-glorja ta' Alla, biex biha tingħata glorja lill-Iben ta' Alla". Ġesù kien iħobbhom lil Marta u lil oħtha u lil Lazzru. Meta sama' li dan marad, baqa' jumejn oħra fejn kien.*

L-evanġelista juri importanza simbolika tal-miraklu sa mill-bidu. Ġesù jwieġeb għas-sejħa tagħhom. Lazzru kien diġà miet meta Ġesù

jgħid li din *"mhijiex marda tal-mewt"*. Fl-episodju tal-fejqan tar-raġel għama Ġesù juri l-iskop biex l-għemil ta' Alla jidher fih (Ġw 9:3). Hawnhekk Ġesù juri wkoll li l-marda ta' Lazzru hi għall-glorja ta' Alla; u l-glorja ta' Alla hi manifestata biss meta l-Iben ikun igglorifikat. Ġesù jagħti l-ħajja, jiġifieri l-ħajja fiżika li hi sinjal tal-ħajja eterna. B'din l-azzjoni Ġesù jkun igglorifikat għaliex din se twasslu għall-mewt tiegħu li biha jkun igglorifikat (Ġw 12:23). Hawn Ġwanni jkompli juri li Ġesù tabilħaqq kien iħobb lil dawn it-tliet aħwa, juża l-verb *agapaō* minflok *phileō* fil-v. 3, imma ma jidhirx li hemm ħafna differenza. Dan biex ifakkar, meta jgħid li baqa' jumejn oħra fil-post, li ma kienx xi nuqqas ta' mħabba, forsi bħala prova tal-fidi tagħhom fl-imħabba tiegħu (ara vv. 21-22, 32). Id-dewmien ta' Ġesù mhux ċaħda (ara wkoll drabi oħra simili f'Ġw 2:1-11 u 7:1-10). Ġesù kien deliberatament miexi skont ir-rieda ta' Alla u l-azzjoni tiegħu turi r-raġuni vera biex twassal għall-glorja akbar ta' Alla (ara vv. 4, 15, 40).

vv. 7-10: *U mbagħad qal lid-dixxipli: "Ejjew nerġgħu mmorru l-Lhudija". Qalulu d-dixxipli: "Rabbi, il-Lhud għadhom kemm kienu qegħdin ifittxu li jħaġġruk, u int rieġa' sejjer hemm?". Weġibhom Ġesù: "Mhux tnax-il siegħa fiha l-ġurnata? Sakemm wieħed jimxi binhar, ma jitfixkilx, għax ikun qiegħed jara d-dawl ta' din id-dinja. Imma jekk jimxi billejl, jitfixkel, għax ma jkollux dawl".*

Il-fehma ta' Ġesù li jirritornaw lejn il-Lhudija u l-oġġezzjoni tad-dixxipli minħabba l-periklu jridu jagħmlu ftit aktar enfasi fuq id-dewmien imsemmi fil-vers preċedenti. Hawnhekk għandna diversi ħwejjeġ li jorbtu l-ġrajja mal-kapitli preċedenti, fosthom l-attentat tat-tħaġġir (ara Ġw 10:31), u jħalli l-Lhudija biex jaqsam il-Ġordan (Ġw 10:40). Hawn għandna wkoll il-motiv tad-dawl u d-dlam meta Ġesù jitkellem fuq id-*"dawl ta' din id-dinja"*. X'inhu dan id-dawl? F'sens litterali jirreferi għad-dawl tax-xemx, imma fuq livell teoloġiku dan jagħmel eku għal Ġwanni 8:12, u nifhmu r-riferiment simboliku ta' Ġesù li hu d-dawl tad-dinja li ma jibżax mid-dlam. L-istess tema nsibu f'Ġwanni 9:4-5: iż-żmien hu limitat qabel jiġi l-lejl u għalhekk jeħtieġ li wieħed jaħdem meta jkun id-dawl, inkella jitfixkel (ara f'Ġw 13:30

t-tluq ta' Ġuda billejl). Dawn it-testi juru n-nuqqas ta' ħeġġa biex timxi fid-dlam. *"It-tnax-il siegħa"*, li jirriflettu kif kienet imqassma l-ġurnata, hu kliem figurattiv li juża Ġesù biex juri l-ħidma kbira li baqagħlu jagħmel. Fihom matul il-ġurnata ma tiġri ebda ħsara għal Ġesù u għad-dixxipli, qabel imma ma jasal il-lejl tal-passjoni.

vv. 11-16: *Qalilhom hekk, u mbagħad issokta jgħidilhom: "Ħabibna Lazzru rieqed; iżda ħa mmur u nqajmu". Qalulu d-dixxipli: "Mulej, jekk inhu rieqed, jiġifieri se jfiq". Iżda Ġesù kien tkellem mill-mewt tiegħu, u huma ħaduha li kien qalilhom fuq l-irqad ta' meta wieħed ikun bin-ngħas. Imbagħad qalilhom ċar u tond: "Lazzru miet. U jiena nifraħ minħabba fikom li ma kontx hemm, ħalli temmnu. Iżda ejjew immorru sa ħdejh". Tumas, imlaqqam it-Tewmi, qal lil sħabu d-dixxipli: "Immorru aħna wkoll ħa mmutu miegħu".*

Ġesù juża l-metafora *"rieqed"* (il-verb *koimaō*), li b'mod letterarju msejjaħ ewfemiżmu biex jiddeskrivi l-mewt ta' Lazzru; insibu l-istess verb fi tmiem il-martirju ta' Stiefnu li *"raqad"* (Atti 7:60), u għal bint Ġajru Ġesù jgħid li hi rieqda (Mt 9: 24 b'verb ieħor *katheudō*). Meta Ġesù jgħid *"ħa mmur inqajmu"*, mhux mill-irqad kif ħaduha d-dixxipli, imma jqajmu mill-mewt. Ġesù *"jifraħ"* għax tmiem il-ġrajja bir-ritorn tal-ħajja jwassal għat-twemmin. Id-dixxipli ma jifhmux u Ġesù jispjega biex juri aħjar l-iskop ta' dak li qed jiġri. Fi Ġwanni 11:4 l-ispjegazzjoni hi b'enfasi fuq il-glorja ta' Alla, imma hawn fil-v. 15 l-enfasi fuq ir-relazzjoni tal-miraklu mad-dixxipli: it-twemmin. L-aspetti tal-glorja u t-twemmin jerġgħu jidhru fil-v. 40 fil-kliem lil Marta, aspetti li jagħmlu inklużjoni bejn l-ewwel sinjal f'Kana (Ġw 2:11) u dan is-saba' u l-aħħar sinjal. Il-kliem ta' Tumas hu xi mod ironiku imma kien lest jikkommetti ruħu.

vv. 17-27: *Meta wasal, Ġesù sab li Lazzru kien ġa ilu erbat ijiem fil-qabar. Betanja kienet qrib Ġerusalemm, xi ħmistax-il stadju 'l hemm minnha. Ħafna Lhud kienu ġew għand Marta u Marija biex ifarrġuhom minħabba ħuhom. Kif, mela, semgħet li kien ġej Ġesù, Marta ħarġet tilqgħu, iżda Marija baqgħet id-dar. Marta qalet lil Ġesù: "Mulej, kieku kont hawn, ħija ma kienx imut. Imma wkoll issa,*

*jiena naf li kulma int titlob lil Alla, Alla jagħtihulek". Ġesù qalilha: "Ħuk jerġa' jqum!". Qaltlu Marta: "Jiena naf li jerġa' jqum, fil-qawmien mill-imwiet fl-aħħar jum". Qalilha Ġesù: "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt. Temmnu inti dan?". "Iva, Mulej", weġbitu, "jiena nemmen li inti l-Messija, l-Iben ta' Alla, dak li ġie fid-dinja".*

Tipiku fi Ġwanni, il-każ ta' Lazzru hu ppreżentat bħala irremidjabbli għax *"ilu erbat ijiem fil-qabar"*, li fit-twemmin Rabbiniku r-ruħ kienet iddur mal-ġisem mejjet għal tlett ijiem bit-tama ta' ritorn. Mar-raba' jum il-ġisem jibda jiddekomponi u r-ruħ titlaq. Il-qrubija ta' Betanja lejn Ġerusalemm, madwar żewġ mili (*"15-il stadju"*), jispjega għala ħafna Lhud marru jikkonslaw liż-żewġt aħwa u forsi wħud minnhom kienu għedewwa ta' Ġesù. Mal-wasla ta' Ġesù naraw rispons differenti tal-aħwa (ara Lq 10:38-42 bl-istess impressjoni): Marta aktar attiva (vv. 20-28) toħroġ tilqa' lil Ġesù, Marija aktar kontemplattiva (vv. 29-31) tibqa' d-dar aktarx bilqiegħda fl-art tibki t-telfa ta' ħuha kif soltu jagħmlu n-nisa. L-ewwel kelma ta' Marta qisha ta' diżappunt, iżda bla ċanfir, għalkemm tesprimi fidi li kieku kien preżenti Ġesù kien ifejqu. Hawn nilmħu bħal xebh max-xena f'Kana: l-ewwel il-messaġġ (Ġw 2:3 u Ġw 11:3) u mbagħad espressjoni ta' tama li Ġesù jista' jwettaq xi ħaġa f'din is-sitwazzjoni qisha impossibbli (Ġw 2:5 u Ġw 11:22). L-espressjoni *"wkoll issa"* ta' Marta tkompli tesprimi l-fidi tagħha f'Ġesù, iżda m'hemmx ċara l-idea ta' qawmien immedjat (ara v. 39: il-ġisem *"beda jrejjaħ"*). Fil-v. 23 Marta turi li ma fehmitx lil Ġesù bħallikieku kienu xi kliem ta' faraġ fil-mewt, imma tistqarr it-twemmin ġenerali sa mit-tieni seklu QK fil-qawmien eskatoloġiku tal-ġisem fil-futur (ara Atti 23:8; Mt 22:23-33 u paralleli). Minn din l-istqarrija li tirrifletti t-teoloġija Ġudajka tradizzjonali, Ġesù jindirizzaha lejn l-eskatoloġija realizzata, fil-preżent, meta jgħid: *"Jien hu l-qawmien u l-ħajja"*.

L-espressjoni *"Jien hu"* (*ego eimi*) insibuha spiss fi Ġwanni li għandha tifsira teoloġika profonda li biha Ġesù jidentifika lilu nnifsu mal-isem divin rivelat f'Eżodu 3:14 u timplika d-divinità tiegħu. Ġesù

ma jgħidx biss li għandu jew jagħti, imma li *hu* l-qawmien u l-ħajja, li turi f'relazzjoni mal-bnedmin x'qiegħed joffrilhom. Fil-vv. 25-26 Ġesù qed jgħid li hu l-qawmien: min jemmen fih, anki jekk imut fiżikament, jgħix spiritwalment għal dejjem; Ġesù hu l-ħajja: fis-sens li min jemmen fih, min jgħix spiritwalment, ma jmut qatt spiritwalment għax din il-ħajja hi l-ħajja eterna. Dan hu konsistenti mal-użu ta' *'zoe'* fi Ġwanni li tirreferi għall-ħajja eterna. L-istqarrija ta' Marta, b' *'ego'* emfatika tixbah lil ta' Pietru (Ġw 6:69; Mt 16:16 u paralleli), ħierġa mill-kuntatt kostanti u progressiv tagħha ma' Ġesù li tant kienet tħobb bħala dixxiplu tiegħu u hi waħda esplicita li taqbel mal-iskop tal-Vanġelu ta' Ġwanni (Ġw 20:30-31).

vv. 28-37: *Kif qalet dan, marret issejjaħ lil oħtha Marija u minn taħt l-ilsien qaltilha: "L-Imgħallem hawn, u qiegħed isejjaħlek". Dik, malli semgħetha, qamet minnufih u marret ħdejh. Ġesù kien għadu ma daħalx fir-raħal, imma baqa' fejn kienet ġiet tiltaqa' miegħu Marta. Il-Lhud li kienu d-dar ma' Marija biex ifarrġuha, kif rawha tqum malajr u toħroġ, marru warajha, għax sTħajluha sejra lejn il-qabar biex toqgħod tibki hemm. Meta Marija waslet fejn kien Ġesù u ratu, inxteħtet f'riġlejh, tgħidlu: "Mulej, kieku kont hawn, ħija ma kienx imut". Ġesù, kif ra lilha tibki u l-Lhud, li ġew magħha, jibku wkoll, ħass ruħu mqanqal u tħawwad ħafna. "Fejn qegħedtuh?", staqsiehom. Huma weġbuh: "Mulej, ejja u ara". U Ġesù beka. Għalhekk il-Lhud qalu: "Ara kemm kien iħobbu!". Iżda xi wħud minnhom qalu: "Ma setax dan il-bniedem, li fetaħ għajnejn l-agħma, jagħmel ukoll li dan ma jmutx?".*

Għandna t-tieni xena li fiha Marija toħroġ tiltaqa' ma' Ġesù għadu barra, fejn iltaqgħet miegħu Marta qabel. Marta għarrfitha b'mod sigriet bil-preżenza tal-*"Imgħallem"* (għal Ġesù: Ġw 3:2; 13:13,14), forsi tista' tissupponi biex ikollha mumenti bla tfixkil ma' Ġesù qabel tilħaq il-folla. Il-biki għall-mejjet kien idum ġimgħa u fid-dar ma' Marija kien hemm il-Lhud biex jikkonslawha li ħarġu warajha mbikkija u hekk il-miraklu li se jseħħ ikollu aktar xhieda pubblika. Marija mbikkija (*klaiō* fil-vv. 31, 33 tindika biki bl-għajat) quddiem Ġesù tirrepeti l-istess kliem ta' oħtha (Ġw 11:21) li jinkwadra l-

emozzjoni kbira ta' Ġesù fil-vv. 33-35. Ir-reazzjoni ta' Ġesù kienet li *"ħass ruħu mqanqal"*: il-verb *embrimaomai* (*tō pneumati*; ukoll fil-v. 38) proprjament jirreferi għal żiemel li jonfoħ bi mnifsejh, timplika rabja, għalkemm f'Mark 1:43 u Mattew 9:30 ma jidhirx li hemm rabja meta Ġesù jwiddeb bis-sħiħ lill-morda mfejqa, probabbilment l-aktar ir-rabja lejn il-marda bħala manifestazzjoni tas-saltna tal-ħażen tax-xitan. Hawn is-saltna tax-xitan hi rrappreżentata bil-mewt u Ġesù joħroġ bħal karba minn ġo fih. Ġesù *"tħawwad ħafna"* (*tarassō heauton*) wkoll; f'Ġw 13:21 jgħid: *"ħass ruħu jitħawwad"* (*tarassō tō pneumati*) għall-ħsieb tat-tradiment ta' Ġuda (ukoll fi Ġw 14:1, 27 turi r-reazzjoni tad-dixxipli quddiem il-mewt imminenti ta' Ġesù). Ġesù dalwaqt ikisser il-qawwa tal-mewt, imma jaf li dan il-miraklu se jikkawża l-passjoni. Ġesù jistaqsi għall-post tal-qabar u r-risposta tkun: *"ejja u ara"*, l-istess kliem li juża Ġesù fi Ġwanni 1:39 għaż-żewġ dixxipli. U Ġesù beka, u hawn jintuża verb differenti: *dakruō* (hawn biss fit-Testment il-Ġdid) li jfisser ixerred id-dmugħ b'niket aktar fil-kwiet (ara wkoll Lq 19:41; Lhud 5:7; fit-Testment il-Qadim: Ġen 21:16-19; 1 Sam 1:10; 2 Sam 18:33; 2 Slat 20:3; Neħ 8:9) li l-Lhud issupponew minħabba t-telfa ta' ħabibu Lazzru li qed fil-qabar, imma fin-niket hemm immanifestata l-imħabba ta' Alla (ara Ġw 3:16; 13:1). Uħud mil-Lhud kienu emmnu fil-miraklu tal-fejqan tar-raġel agħma fi Ġwanni 9, u għalkemm hawn juru simpatija, il-ħsieb tagħhom hu li Ġesù minkejja l-kobor tiegħu qisu issa ma jista' jagħmel xejn ma' Lazzru.

vv. 38-44: *Ġesù ħass ruħu mqanqal għal darb'oħra u resaq lejn il-qabar. Dan kien għar magħluq bi blata fuqu. Ġesù qal: "Neħħu l-blata". Marta, oħt il-mejjet, qaltlu: "Mulej, issa beda jrejjaħ; ġa ilu erbat ijiem mejjet". Qalilha Ġesù: "Ma għedtlikx li jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla?". Imbagħad neħħew il-blata. Ġesù rafa' għajnejh 'il fuq u qal: "Missier, irroddlok ħajr li smajtni. Kont naf li inti dejjem tismagħni, imma għedt dan minħabba n-nies li hawn madwari, biex huma jemmnu li inti bgħattni". Kif qal hekk, għajjat b'leħen għoli: "Lazzru, oħroġ!". U dak li kien mejjet ħareġ, b'idejh u riġlejh infaxxati u b'maktur ma' wiċċu. Ġesù qalilhom: "Ħollulu l-faxex u ħalluh imur".*

Meta resaq qrib il-qabar Ġesù ħass għal darb'oħra l-emozzjoni fih (*en heautō*). Il-qabar kien għar barra mill-belt, aktar komuni għal difna privata vertikali maqtugħ 'l isfel jew inkella orizzonatali u magħluq b'ġebla mrambla biex ma jidħlux annimali. L-ordni ta' Ġesù biex ineħħu l-ġebla tidher stramba, forsi n-nies setgħet taħseb li fin-niket tiegħu ried jara lil ħabibu. Imma ġabet l-oppożizzjoni ta' Marta meta tgħid beda *"jrejjaħ"* (il-verb *ożō* jfisser jagħti riħa kemm tajba jew ħażina, u hawn iċ-ċirkustanzi tal-każ juru tal-aħħar; ara Eż 8:10) u *"ilu erbat ijiem mejjet"* (ara v. 17). Dawn huma dettalji tabilħaqq sinifikanti dwar Lazzru li kien tassew mejjet u biex nifhmu aħjar dak li ġara. Imma Ġesù juri li għandu l-kontroll sħiħ meta jgħid lil Marta: *"Jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla"*, kliem li qed jgħidu b'mod ġenerali. Hawn Ġesù jirreferi għar-rivelazzjoni tal-glorja ta' Alla u jfakkar fit-tema tal-glorja li kien tenna fil-v. 4 u li għall-evanġelista hu l-iskop primarju tal-miraklu. Iżda jekk ma jemmnux, ma jarawx il-glorja ta' Alla. Naraw lil Ġesù b'mod deliberat ma' kull pass jibni l-fidi ta' Marta. Fil-v. 41 għandna l-ġesti ta' Ġesù biex jitlob, b'għajnejh merfugħa lejn is-sema jtenni talba pubblika ta' ħajr li tesprimi relazzjoni kunfident bejn Ġesù u Alla l-Missier. Il-kliem ta' Ġesù jfakkru fl-asserzjoni ta' Marta fil-v. 22 li Alla jagħtih kulma jitolbu għax hu jagħmel dejjem ir-rieda tal-Missier. Ġesù jaf lil Missier u jafda fih għax hu u l-Missier huma ħaġa waħda (Ġw 10:30). Hu jitlob sinjal minħabba l-folla madwaru biex temmen li hu mibgħut mill-Missier u jirċievu huma stess il-ħajja. Meta n-nies jinsabu mħejjija bl-interpretazzjoni ta' dak li għandu jseħħ, il-miraklu jiġi mwettaq b'deskrizzjoni qasira. B'għajta qawwija ta' awtorità li nstemgħet min-nies, Ġesù jsejjaħ lil Lazzru biex joħroġ mill-qabar li tevoka l-kliem fi Ġwanni 5:28-29 dwar is-siegħa meta dawk li jkunu fl-oqbra joħorġu u dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja. Lazzru ħareġ ħaj, imma kif ħareġ Lazzru l-evanġelista ma jgħidilniex, minkejja li kien b'idejh u riġlejh infaxxati u bil-maktur ma' wiċċu. Aktar importanti hu li Ġesù ta l-ħajja lil Lazzru (fiżika) bħala sinjal tal-qawwa tiegħu li jagħti l-ħajja eterna issa (eskatoloġija realizzata) u tal-wegħda li jqajjem il-mejtin fl-aħħar jum (eskatoloġija futura). Imma hawn naraw ukoll simboliżmu sinifikanti tal-qabar li minnu ħareġ Lazzru b'eku

prolettiku fil-kuntest tal-qawmien ta' Kristu: il-qabar jibqa' vojt u Ġesù jħalli l-faxex u l-maktur (*soudarion*) mitwi hemmhekk (Ġw 20:6-7). Imma b'differenza minn Lazzru, Ġesù ma jeħtieġx iżjed il-ħwejjeġ tal-qabar.

Dan l-episodju tal-qawmien ta' Lazzru għandu riżonanza qawwija fl-esperjenza tal-ħajja tagħna bħala bnedmin meta mmissu mal-mewt tal-għeżież u l-ħbieb tagħna, bl-emozzjonijiet ta' niket minħabba l-firda li ġġib magħha. Imma min-naħa l-oħra fil-perspettiva Kristjana hemm it-tama, u għan-Nisrani l-mewt tirċievi interpretazzjoni ġdida b'mod deċiżiv, bħala passaġġ lejn il-ħajja tal-glorja. Hemm ir-rebħa tal-ħajja fuq il-mewt li l-fidi tagħna tqawwina fiha. Ġesù hu deċiżiv f'dan il-kwadru u għandu l-qawwa li jwieġeb għall-mistoqsijiet misterjużi tal-bniedem. Bħala bniedem Ġesù qasam miegħu dak kollu li hu tal-bniedem, il-mewt, in-niket, it-tbatija, minbarra d-dnub. Bil-qawwa u r-rebħa tal-qawmien tiegħu, Ġesù jagħti lill-bniedem il-ħajja u t-tama. Bit-triq tal-fidi nsaħħu r-relazzjoni tagħna ma' Kristu.

# VI
# PROPOSTA KATEKETIKA GĦALL-EŻERĊIZZI TAR-RANDAN
## *"Waqt li kien fuq il-mejda magħhom" (Lq 24:30)*

It-tema tal-ikel u tal-ikla nsibuha minn tarf għal ieħor tal-Iskrittura, mill-ktieb tal-Ġenesi sal-Apokalissi: dan għaliex il-mejda tal-ikel u l-ikel jitkellmu fuq elementi fundamentali fil-ħajja umana, il-vokazzjoni u l-isfidi tagħha, kif ukoll fuq Alla nnifsu. L-ikla madwar il-mejda tesprimi relazzjoni ta' fraternità u ferħ fost dawk li joqogħdu madwarha. Tant hu minnu dan li kull ikla takkwista l-karattru sagru tagħha hekk li anki l-istess sagrifiċċji fit-Tempju ta' Ġerusalemm offruti lil Alla kienu wkoll ikliet li fihom min joffri, jiekol parti mill-vittma jew mill-offerta. L-akbar festa tal-Lhud kienet tiġi ċċelebrata permezz ta' ikla li kienet isservihom ta' *zikkaron*, jiġifieri memorjal tal-ġrajja tal-ħelsien mill-jasar tal-Eġittu. Minn ġenerazzjoni għal oħra kienu jiċċelebraw din l-ikla bħala l-festa tal-mogħdija tal-Mulej (Eż 12:1-14). It-Torah jippreċiża li ma setgħux jieħdu sehem fiha dawk li ma kinux Lhud, jiġifieri mhux ċirkonċiżi (Eż 12:43,48). Kienet ikla li tesprimi l-komunjoni tagħhom ma' Alla tal-patt. F'isem din il-komunjoni bdew iwettqu l-esklużjoni tal-*goyim* (il-pagani) tant li ġġustifikaw din l-imġiba tagħhom b'raġuni teoloġika: *"U tkunu għalija qaddisin, għax qaddis jien il-Mulej, u għażiltkom minn fost il-popli biex tkunu tiegħi"* (Lev 20:26).

F'dan il-kuntest kulturali u reliġjuż, li jservina ta' sfond għar-rabbi tal-Galilija, Ġesù ta' Nazaret, nilmħuh iġib ruħu b'modi differenti kif kien joqgħod mal-mejda u ma' min kien jaqsam il-mejda. Il-mod tiegħu li jilqa' l-istedina għall-ikel kien tiċrita minn mal-etika reliġjuża Lhudija, hekk li bl-imġiba tiegħu jiġġudika s-separazzjoni bejn in-nadif u l-imniġġes bħala kundizzjoni li jeħtieġ tingħeleb u tispiċċa sabiex titwettaq il-komunjoni vera fost il-bnedmin u ma' Alla. Ġesù jegħleb dawn il-preċetti ta' distinzjoni mal-barrani, mal-midneb u mal-imniġġes.

Tant kienu importanti għal-Lhud dawn il-preċetti li fl-Atti nsibu reżistenza minn Pietru u l-ħdax fil-konfront tal-ftuħ ta' Pawlu fir-rigward ta' dan l-argument. Kienet saret problema li l-mejda tinqasam bejn Insara ta' oriġni Lhudija u dawk ta' oriġni pagana, tant li kienet meħtieġa viżjoni mis-sema sabiex Pietru seta' joqgħod għall-ikel fid-dar ta' Kornelju, ċenturjun Ruman li kien ikkonverta għall-fidi (Atti 10). Dan kollu jwassal għad-dikjarazzjoni li nsibu f'Mk 7:18-23: "U hu qalilhom: 'Intom ukoll daqshekk bla moħħ? Ma tifhmux li xejn ma jista' jtabba' lill-bniedem minn dak li jidħol ġo fih minn barra, ladarba dan mhux fil-qalb imur, iżda fl-istonku, biex imbagħad jintrema fil-ħofra?'. B'hekk wera li l-ikel kollu hu safi. U qalilhom: 'Dak li joħroġ minn ġol-bniedem, dak hu li jtabba' lill-bniedem. Għax hu minn ġewwa, mill-qalb tal-bniedem, li joħorġu l-ħsibijiet il-ħżiena, żína, serq, qtil, adulterju, regħba, ħażen, qerq, libertinaġġ, għira, malafama, suppervja u bluha. Dal-ħażen kollu minn ġewwa joħroġ u jtabba' lill-bniedem".

Id-drawwa ta' Ġesù li jħobb joqgħod fuq il-mejda hija ppruvata mix-xhieda li jagħtu l-erba' Vanġeli, li tkompli fil-Knisja Appostolika primittiva deskritta fl-Atti tal-Appostli, tant li l-mejda ta' Ġesù ssir ukoll il-mejda tal-Knisja. Mill-bidu tal-Kristjaneżimu sal-lum, l-element bażiku tagħna l-Insara huwa ikla madwar mejda li tagħmel ħajja t-tifkira tal-Mulej Ġesù. Ir-rakkonti tal-Qawmien jixhdu li l-qsim tal-mejda hu wieħed mill-ġesti li Ġesù jkompli jwettaq, tant li jsir element li jidentifikah. Meta wara l-qawmien, Ġesù Rxoxt jiekol mad-dixxipli, jurina li dak li Ġesù għamel matul ħajtu fuq l-art ser ikompli jagħmlu wkoll wara. Kif Ġesù sawwar il-komunità tiegħu, hekk ikompli jagħmel illum mal-Knisja, billi tkompli tħejji l-mejda għalina. Atti 2:42 jurina l-perseveranza tal-Insara tal-bidu li jintgħarfu fiċ-ċelebrazzjoni tal-ikla flimkien.

L-iskop ta' dawn l-eżerċizzi huwa li nġeddu l-preżenza tagħna u l-għarfien tagħna tal-Ewkaristija. Il-Vanġeli kollha nkitbu misjuqa mir-ritmu tal-Ewkaristija għaliex twieldu madwarha u fi ħdanha ġew żviluppati. Ser nagħżlu t-testi minn Luqa li aktar minn evanġelisti

oħrajn jinsisti fuq li Ġesù jiekol flimkien mal-oħrajn u jaqsam il-ħobż u l-għażla fundamentali li hemm wara dan kollu.

## 1. Il-Mejda tal-Midinbin: Is-sejħa ta' Levi (Lq 5:27-32) – Alla jiltaqa' mal-midneb (Mt 9:9-13; Mk 2:13-17)

*"Wara dan, ħareġ u lemaħ wieħed pubblikan, jismu Levi, bilqiegħda quddiem il-mejda tat-taxxi, u qallu: 'Ejja warajja'. Dak telaq kollox, qam u mar warajh. Imbagħad Levi għamillu laqgħa kbira f'daru stess, u kien hemm magħhom fuq il-mejda kotra kbira ta' pubblikani u nies oħra. Il-Fariżej u l-kittieba sħabhom bdew igemgmu mad-dixxipli tiegħu, u qalulhom: 'Dan l-għala tieklu u tixorbu mal-pubblikani u l-midinbin?'. U Ġesù weġibhom: 'Mhux dawk li huma f'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, iżda l-morda. Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema'".*

Il-Vanġeli jirrakkontaw il-konvivjalità ta' Ġesù mal-midinbin fuq il-mejda. Li joqgħod fuq il-mejda mal-midinbin huwa l-post fejn Ġesù juri l-proġett tiegħu ta' umanità lejhom. Fil-ħajja ta' Ġesù, kif ukoll fiż-żmien tal-Knisja, qatt ma hemm mejda tal-Mulej li ma tkunx ukoll mejda ta' midinbin.

Għalhekk fil-ministeru pubbliku ta' Ġesù, il-mejda hija mument epifaniku. Ħajtu kollha hija solidarjetà kontinwa mal-folol anonimi. Ġesù jidħol fil-filliera tal-midinbin biex jitgħammed u hekk jaqsam magħhom ix-xewqa li jkunu maħfura u ħielsa mill-akkuża ta' ħtijiethom. Fit-tmiem ta' ħajtu, Ġesù jiġi msallab bejn żewġ ħallelin, u hekk titwettaq il-profezija ta' Iżaija 53: "Kien magħdud mal-ħżiena". Ġesù jħalli l-midinbin jersqu lejh u jmissuh. Din is-sitwazzjoni tindika l-awtorità ta' Ġesù, ġejja mill-fatt li huwa ħieles minn kull rabta lejn tradizzjonijiet kulturali u preċetti reliġjużi tal-bnedmin. Sinjal ta' dan hu li kull meta Ġesù jpoġġi għall-ikel madwar il-mejda, dejjem tinħoloq kriżi fil-konfront tal-persuni li jirrappreżentaw l-istituzzjoni reliġjuża. Bħal donnhom li huma nies li

aktar kapaċi jsumu, milli jħaddnu l-valuri mfissra fl-ikla madwar il-mejda.

F'Luqa 5, Ġesù għadu kif fejjaq raġel mifluġ, u minnufih jgħaddi biex isejjaħ lil Levi (il-forma bil-Lhudi tal-isem Mattew). Hija l-ewwel laqgħa ta' Ġesù ma' wieħed pubblikan, li kien jiġbor it-taxxi f'isem l-Imperu Ruman li kienu l-ħakkiema tal-art tal-Palestina. Kienu miżmuma bħala nies imniġġsa, għax ma jħarsux il-kmandamenti kollha u ma kienx hemm tama ta' fidwa u ta' konverżjoni għalihom. Hija l-persuna l-aktar imbiegħda minn Alla, eskluża mill-imħabba tiegħu tant li anki jekk kemm-il darba l-pubblikan jasal li jikkonverti minn rajh, ma setax jaqla' l-maħfra mingħand Alla. Levi l-pubblikan kien magħdud ma' din il-kategorija. Kien meħtieġ li wieħed joqgħod 'il boghod minnhom!

Ġesù meta jara lil dan il-pubblikan mhux talli ma jagħtihx spallejh, imma jagħmel fil-konfront tiegħu dak li kien għamel mal-ewwel dixxipli. Ġesù jindirizzah u jgħidlu: *"Ejja warajja!"*. Ġesù għandu fiduċja sħiħa fil-bniedem u juriha meta jsejjaħlu sabiex jaqsam il-ħajja tiegħu ma' dik tiegħu. Ġesù mhux ippreġudikat fil-konfront tal-bniedem u l-għażla tiegħu hija ħielsa u bla kundizzjonijiet. Isejjaħ lil Levi indipendentement mit-tabù soċjali li kien iġorr fuqu.

Skont it-tradizzjoni reliġjuża, meħtieġ li nressqu u nwasslu lill-bnedmin lejn Alla, bil-konsegwenza li ser ikun hemm uħud li ser jibqgħu esklużi għax mhux kulħadd jiflaħ iterraq it-triq kif indikata fil-liġi. Dan jirriżulta li wħud ma jseħħilhomx jaslu għand Alla. Imma Ġesù ma ġiex sabiex iwassal lill-bnedmin għand Alla, imma sabiex hu jwassal lil Alla għand il-bnedmin. Kif seħħlu jwettaq dan? Permezz tal-imħabba, il-ħniena, u l-kompassjoni, u dan jista' jintlaqa' minn kulħadd. Mhux kulħadd iseħħlu jimxi lejn Alla, imma kulħadd jista' jilqa' lil Alla li joffri lilu nnifsu lill-bnedmin kollha. Għalhekk Ġesù, meta jara lill-pubblikan, ma jgħidlux biex jindem jew jikkonverti, biex jibda jwettaq il-prattika reliġjuża, imma jistiednu sabiex jilqgħu u jimxi warajh. Ma jpoġġix il-midneb quddiem l-iżbalji tiegħu li jumiljawh u jkomplu jakkużawh u jaqtgħulu qalbu, imma quddiem il-

ħniena tal-Missier sabiex jitfarraġ u jimtela bit-tama li hemm żbokk għalih.

*"Dak telaq kollox, qam u mar warajh"*. Dan hu r-riżultat ta' sejħa ħielsa minn kull preġudizzju. Levi jilqa' din l-istedina u jqum – huwa l-verb tal-qawmien. Fil-kuntest letterarju li fih Luqa juża dan il-verb jindika li dak li kien l-emblema tad-dnub, il-pubblikan, midneb pubbliku kkunsidrat traditur u ħalliel ta' ġensu, jgħaddi minn stat ta' mewt għal stat ta' ħajja ġdida.

U bħala sinjal ta' din il-bidla li ġġib is-sejħa kollha fiduċja ta' Ġesù lejn Levi, *"għamillu laqgħa kbira f'daru stess"*. U magħhom kien hemm pubblikani oħrajn. Ġesù ma jistednux jagħmel penitenza għall-passat tiegħu, imma li jiċċelebraw bil-ferħ kollu l-mument preżenti. Huwa mument ta' grazzja u tiġdid li Levi qatt ma kien ħolom bih. L-aħbar infirxet u xterdet mal-inħawi għax tikkorrispondi max-xewqa ġenwina li hemm fil-qalb tal-bniedem.

Luqa kull meta jitkellem fuq ikla, dejjem jantiċipa b'xi mod l-ikla tal-Ewkaristija. Ġesù jinsab jiekol mal-midinbin. U għalhekk Ġesù jagħtina t-tifsira tal-Ewkaristija bħala ikla li tagħti l-qawwa tal-imħabba u li teħles mill-mistħija u l-għajb tad-dnub. Ġesù ma jġegħelx lil Levi jistħi jew jumilja ruħu. L-Ewkaristija hija l-waqt li fih jiġu trattati bil-ġieħ dawk li huma diżgrazzjati, li jiġu mqarrba dawk li huma mbiegħda, dawk ikkundannati jiġu maħfura u milqugħa mill-ġdid.

*"Il-Fariżej u l-kittieba sħabhom bdew igemgmu mad-dixxipli tiegħu, u qalulhom: 'Dan l-għala tieklu u tixorbu mal-pubblikani u l-midinbin?'"*. Minnufih din l-imġiba ta' Ġesù tqanqal ir-reazzjoni ta' dawk reliġjużi, fosthom il-Fariżej u l-kittieba. Il-verb li jintuża – igemgmu – huwa l-istess verb li jesprimi l-oppożizzjoni u kuntestazzjoni li l-poplu Lhudi jagħmel fil-konfront ta' Mosè fit-Testment il-Qadim waqt li kienu jinsabu fid-deżert. Jaslu biex jikkuntestaw l-istess pjan ta' fidwa u jistqarru li kienu aħjar meta kienu lsiera fil-jasar tal-Eġittu. U dan mingħajr ma jindirizzaw lil Alla

direttament imma jgemgmu kontra tiegħu ma' Mosè. Huwa dnub komuni mifrux f'ambjenti reliġjużi li eventwalment iwassal għal ħafna tpaċpiċ u tnassis minn taħt, mingħajr ma jkollhom il-ħila li jaffrontaw il-persuna direttament.

*"Dan l-għala tieklu u tixorbu mal-pubblikani u l-midinbin?"*. Ninnutaw dawn iż-żewġ verbi li jidhru mill-ġdid flimkien fir-rakkont tal-Ewkaristija. Luqa mhux qiegħed jirrakkonta kronaka jew episodju, imma qiegħed jantiċipa t-tifsira tal-Ewkaristija. Ma jaċċettawx li Ġesù u d-dixxipli tiegħu jieklu mal-pubblikani u l-midinbin. Dan għaliex għalihom l-ikla hija għal dawk li jimmeritawha. Il-kategorija reliġjuża tibbaża fuq l-esklużjoni għaliex għalihom l-Ewkaristija hija l-premju tal-ftit. B'din il-mentalità tagħhom, huma dejjem lesti li jikkundannaw u jiġġudikaw tant li l-evanġelista jsemmi biss lill-pubblikani, imma huma jgħoddu lil kull min kien hemm bħala pubblikan jew midneb. Din hija l-karatteristika tal-persuni li jgħoddu lilhom infushom li huma aħjar minn kulħadd, u li jafu kollox fuq ir-relazzjoni tal-bnedmin ma' Alla tant li jkunu huma li jikklassifikaw min hu l-midneb u konsegwentement min huwa eskluż mill-mejda.

*"U Ġesù weġibhom: 'Mhux dawk li huma f'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, iżda l-morda. Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema"*. It-tweġiba ta' Ġesù turina li tieħu sehem fil-mejda miegħu mhux premju mogħti skont il-merti tal-persuna, imma don li jingħata skont il-bżonn u l-ħtieġa. Jekk nifhmu dan, allura tinbidel ir-relazzjoni tagħna ma' Alla u r-relazzjoni tagħna mal-Ewkaristija. Li nieħu sehem fl-Ewkaristija mhux li nirċievi l-premju għall-imġiba tajba, imma hija don li Alla jagħti lil dawk li jgħoddu lilhom infushom fil-bżonn. Mhux kulħadd għandu l-merti, imma kulħadd għandu l-bżonnijiet u n-nuqqasijiet. Kienet ir-reliġjon li wettqet din il-perverżjoni tant li wasslet biex in-nies bdiet temmen li min huwa marid ma jistax jirċievi t-tabib. Imma dan ma jagħmilx sens. Meta l-aktar li kellna bżonn it-tabib, l-aktar li żammewna 'l bogħod mit-tabib li konna tant neħtiġuh! Ġesù ma jiċħadx li d-dnub huwa marda, imma fl-istess waqt jurina li l-marid ma jitfejjaqx billi

nwarrbuh u niddisprezzawh imma billi nilqgħuh b'qalb kbira kollha ħniena.

Irridu niftakru li l-mentalità kulturali ta' żmien Ġesù kienet li kulħadd jiekol minn platt wieħed, bil-konsegwenza li ma kontx tistieden lil kulħadd għall-ikel. Wieħed kien jilqa' biss lil min jiggarantixxi l-indafa ritwali, għaliex jekk ikun imniġġes u jpoġġi idu fil-platt, il-platt kollu jsir imniġġes u min jiekol minnu ser jitniġġes ukoll. Kull persuna li tpoġġi mal-mejda meħtieġ li tiggarantixxi li mhix imniġġsa. Għalhekk l-ikla kienet tagħżel u teskludi l-persuni. Ir-reazzjoni tal-Fariżej u l-kittieba hija li Ġesù jiekol mal-midinbin, jiġifieri ma' persuni mhux indaf, bil-konsegwenza li Ġesù nnifsu jitniġġes għaliex jaqsam il-mejda magħhom.

Ma fehmux in-novità straordinarja li kien ġab miegħu Ġesù – mhux mitlub li l-bniedem jippurifika lilu nnifsu sabiex ikun jixraqlu li joqgħod mal-mejda għall-ikla. Imma huwa l-kuntrarju: meħtieġ li l-ewwel nilqgħu lil Ġesù għaliex huwa biss jista' jnaddafna u jagħmilna denji u xierqa. Persuni bħal Levi, ir-reliġjon u l-kultura tikkundannahom mingħajr tama ta' fidwa. Kien mitlub irodd dak kollu li seraq għal erba' darbiet iżjed: u minn fejn kien ser isibhom lil dawk kollha li kien seraq! Hija persuna ddikjarata mir-reliġjon bħala mniġġsa u eskluża minn Alla bla ebda possibbiltà li toqrob lejn Alla. Hija d-disperazzjoni totali – inti midneb li tinsab f'sitwazzjoni tad-dnub u l-uniku wieħed li jsalvak huwa Alla, imma ma tistax toqrob lejh għaliex inti mniġġes.

Ġesù jtemm dan kollu – mhux veru li l-bniedem meħtieġ li jitnaddaf biex ikun jixraqlu li jilqa' l-Mulej, imma huwa meta tilqa' l-Mulej li jagħmlek denn u xieraq u nadif. Ġesù għalhekk jelimina żewġ ideat reliġjużi u fariżajċi: il-kategorija tal-mertu u tal-purifikazzjoni. L-imħabba ta' Alla mhix maqlugħa bħala premju għall-merti tal-persuna, għaliex mhux kulħadd jista' jkollu l-merti, imma l-imħabba ta' Alla hija mogħtija bħala don skont il-bżonnijiet tal-persuna – merti mhux kulħadd għandu, imma kulħadd għandu l-bżonnijiet!

Ġesù għandu għarfien u kuxjenza ċara tal-missjoni tiegħu. Il-mejda tesprimi r-relazzjonijiet umani l-aktar profondi: sinjal u rieda ta' laqgħa, ta' għarfien reċiproku, ta' komunjoni bejn Alla u l-poplu tiegħu. F'Mattew 9:13, fir-rakkont tas-sejħa ta' Levi, insibu li Mattew hu l-uniku evanġelista li f'dan il-kuntest jikkwota Hosegħa 6:6: *"Ħniena rrid u mhux sagrifiċċju"*, u dan biex jidentifika l-missjoni ta' Ġesù bil-kliem ta' Hosegħa. Ġesù joqgħod fuq il-mejda tal-midinbin għax din hi r-rieda ta' Alla. Ġesù ma jikkwotax biss lil Hosegħa, imma jgħidilhom: *"Morru u tgħallmu xi tfisser..."*. Ġesù jistieden lill-Fariżej iqabblu l-aġir tiegħu mal-kliem ta' Hosegħa, u qisu jgħidilhom indirettament: għaliex tiskandalizzaw ruħkom jekk tafu l-Kelma?

*"Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema".* Ġesù joqgħod fuq il-mejda tal-emarġinati u b'hekk jiċħad pubblikament li qatt sejjer jirrifjuta u jeskludi lil xi ħadd. Il-mejda ssir espressjoni tal-Inkarnazzjoni: Alla magħna, Alla bilqiegħda fuq il-mejda magħna. L-ikel li Ġesù joffri lill-midinbin isir offerta ta' ħbiberija u komunjoni ta' ħajja. Din il-mejda tal-ikel hija sinjal li s-Saltna ta' Alla tinsab fostna. Ġesù joqgħod fuq il-mejda tal-midinbin għax jaf li l-imħabba ħanina ta' Alla hi aktar kuntaġġuża mid-dnub.

**Xi riflessjonijiet għall-predikazzjoni**

1. Dawn l-Eżerċizzi jfakkruna li Ġesù jfittex lil min hu mwarrab. Ġesù jiġi għandna hu, mhux bil-kundanna imma bil-ħarsa li tagħti dinjità. Il-Bxara t-Tajba hija għal min iħossu 'l bogħod. Ħadd mhu eskluż.
2. Is-sejħa ta' Ġesù tibdel il-ħajja. Il-fidi mhijiex teorija imma mixja li tbiddel il-prijoritajiet.
3. Il-mejda tesprimi laqgħa u ħniena. Il-Knisja hi msejħa tkun dar miftuħa, mhux klabb għal min iħossu "ġust". L-ospitalità hi forma ta' evanġelizzazzjoni.
4. Alla joffri fejqan, mhux kundanna. Il-messaġġ Nisrani hu ta' fejqan u ħniena, mhux ta' biża' jew moraliżmu kiesaħ.
5. Il-qdusija tibda mill-ħniena. Il-Fariżej jaraw biss il-liġi. Il-Bxara t-Tajba tistedinna npoġġu l-ħniena qabel il-ġudizzju, speċjalment fil-familja u fil-komunità.

6. Kulħadd hu mistieden għall-konverżjoni u l-Evanġelju meħtieġ li joħroġ fit-toroq. Ġesù ma jistenniex lil Levi jiġi għandu. Il-Knisja hi msejħa toħroġ lejn dawk fil-periferiji: spiritwali, soċjali u emozzjonali.

## 2. 'Il bogħod mill-medja fis-sawm (Lq 5:33-39) – Rivelazzjoni tal-identità ta' Ġesù (Mt 9:14-17; Mk 2:18-22)

*"Iżda huma qalulu: 'Id-dixxipli ta' Ġwanni sikwit isumu u joqogħdu jitolbu, u dawk tal-Fariżej ukoll, imma tiegħek jieklu u jixorbu!'. U Ġesù qalilhom: 'Jaqaw tistgħu ġġagħlu lill-ħbieb tal-għarus isumu sakemm l-għarus ikun għadu magħhom? Imma għad jasal iż-żmien meta l-għarus jeħduhulhom minn magħhom, u mbagħad isumu dakinhar'. Qalilhom ukoll parabbola: 'Ħadd ma jaqta' biċċa drapp minn libsa ġdida biex biha jraqqa' waħda qadima, għax inkella mhux biss ikun qatta' l-ġdida, imma anqas il-biċċa meħuda mill-ġdida ma tkun taqbel mal-qadima. Anqas ma jqiegħdu l-inbid il-ġdid f'damiġġani qodma tal-ġild, għax inkella l-inbid il-ġdid jifqa' d-damiġġani, u jixtered hu u jintilfu d-damiġġani. Iżda nbid ġdid iqegħduh f'damiġġani ġodda. U ħadd ma jkun irid mill-inbid ġdid wara li jkun xorob mill-qadim, għax jgħidlek, 'Il-qadim tajjeb!'".*

Din is-silta tkompli fejn ħalliet is-silta tal-ġurnata ta' qabel. Il-polemika ma' Ġesù tkompli tant li l-Fariżej u l-kittieba jbiddlu l-argument tagħhom imma mhux l-ispirtu li bih ipoġġu lilhom infushom fil-preżenza ta' Ġesù. Ser ikomplu jħaqquha miegħu fuq ħtieġa oħra indispensabbli sabiex wieħed joqgħod mal-mejda. Kienu fehmu mill-imġiba ta' Ġesù li mhux aktar meħtieġ li l-bniedem jippurifika lilu nnifsu qabel ma joqrob lejn Alla, imma jilqa' lill-Mulej u ser ikun hu li jnaddaf lill-bniedem. Din ma setgħux jittollerawha u għalhekk nifhmu din ir-reazzjoni tagħhom. Ikomplu fuq l-attakk, imma jibdlu l-argument tagħhom minkejja li għadhom bil-ħsieb ta' qabel iberren f'qalbhom.

Jibdew jistħarrġu lil Ġesù fuq il-ħtieġa tas-sawm. Jagħmlulu akkuża kbira lil Ġesù tant li jpoġġuh f'konfront mad-dixxipli ta' Ġwanni l-Battista u d-dixxipli tal-Fariżej. Skont huma, Ġesù u d-dixxipli tiegħu kienu qegħdin jagħmlu dnub gravi għaliex kont issibhom dejjem jieklu u jixorbu. Għall-persuni reliġjużi, li tiekol u tixrob, minkejja li huma elementi naturali mitluba u meħtieġa mill-ħajja, isiru għalihom okkażjoni ta' akkuża u ġudizzju. Dak kollu li huwa b'xi mod marbut mal-ferħ, mal-kuntentizza u mal-pjaċir jiġi kkunsidrat b'suspett u għaldaqstant irrifjutat. Il-bniedem meħtieġ li jħossu dejjem midjun, iħossu dejjem ħati, mgħaffeġ taħt il-ħtija. Għalhekk Luqa jippreżenta dawn iż-żewġ xeni marbutin flimkien. Waqt li Ġesù jinsab għall-ikla ma' Levi u mal-pubblikani, hemm oħrajn li qegħdin isumu. Id-dixxipli ta' Ġwanni u tal-Fariżej kienu jsumu darbtejn fil-ġimgħa, it-Tnejn u l-Ħamis. Is-sawm f'Iżrael kien obbligatorju f'ġurnata waħda fis-sena, il-jum tal-maħfra tad-dnubiet. Imma dawk l-aktar devoti ma kienx biżżejjed għalihom li jsumu biss fil-ġranet meta s-sawm kien preskritt. Kien importanti għalihom li jsumu aktar minn ħaddieħor tant li bdew isumu t-Tnejn b'tifkira ta' meta Mosè tela' fuq is-Sinaj għall-Kmandamenti u l-Ħamis b'tifkira ta' meta Mosè niżel minn fuq is-Sinaj wara li Alla tah il-Kmandamenti.

Waqt li l-ikla tgħaqqad lil Ġesù mal-midinbin, il-prattika tas-sawm tgħaqqad lid-dixxipli ta' Ġwanni u lill-Fariżej, l-għedewwa ta' Ġesù, kontra tiegħu. Ġesù jieħu din l-okkażjoni biex iwassal tagħlim importanti u prezzjuż li meħtieġ jiġi mifhum sewwa.

*"Jaqaw tistgħu ġġagħlu lill-ħbieb tal-għarus isumu sakemm l-għarus ikun għadu magħhom?"*. Normalment din l-espressjoni tiġi tradotta "l-mistiednin għat-tieġ", imma mhijiex hekk. Litterament it-traduzzjoni hija "ħbieb il-baldakkin tal-għarus". Fi żmien it-tieġ Lhudi kien hemm żewġt iħbieb, l-aktar ħbieb intimi tal-għarus, li kienu inkarigati jħejju dak kollu li kien meħtieġ għall-ikla u jaraw li din iċ-ċelebrazzjoni tkun ferrieħa u mimlija għors. Dan ix-xogħol tagħhom kien tant importanti li kienu jiġu eżenti minn kwalunkwe dmir reliġjuż li seta' jaħbat f'dik il-ġurnata. Imma mhux biss: dawn iż-żewġt iħbieb kienu tant intimi mal-għarus li, prattikament, kienu jassistu għall-ewwel relazzjoni

intima li l-għarus ikollu mal-għarusa. Waqt l-ikla, f'mument minnhom, l-għarus kien jieħu lill-għarusa u jmur lejn is-sodda bil-baldakkin li dawn iż-żewġt iħbieb kienu ppreparaw, u hemmhekk l-għarus jingħaqad mal-għarusa. Wara purtiera, iż-żewġt iħbieb tal-għarus kienu jistennew l-għajta tal-għarus, għax id-drawwa kienet li l-għarus jgħajjat meta jsib lill-għarusa verġni. Iż-żewġt iħbieb imorru fis-sala fejn tkun għaddejja l-ikla u javżaw lill-mistednin kollha bl-għajta tal-għarus, u din l-aħbar kienet tintlaqa' b'ferħ kbir minn kulħadd.

Mela m'aħniex nitkellmu fuq il-mistednin għat-tieġ b'mod ġenerali, imma fuq il-ħbieb intimi tal-għarus, li huma inkarigati bl-organizzazjoni tal-festa u l-ferħ marbut magħha. Għalhekk nifhmu lil Ġesù meta jgħid: *"Tistgħu ġġiegħlu jsumu lil dawn il-ħbieb tal-għarus waqt li l-għarus għadu magħhom?"*. Huwa impossibbli! Kienet tintalab xi ħaġa li tmur kontra l-istess missjoni tagħhom. Huma inkarigati mill-ferħ tal-festa tat-tieġ, u għalhekk ma setgħu qatt isumu dakinhar.

Għalhekk bi kliemu Ġesù jqis lil dawk li kienu mal-mejda miegħu, partikularment Levi u l-midinbin u l-pubblikani, bħala l-ħbieb tiegħu li miegħu għandhom relazzjoni tant intima li jqisuh bħala l-għarus-ħabib tagħhom. Is-sawm kien jesprimi l-luttu, in-niket, talba ta' maħfra, li ċertament mhux l-aħjar atteġġjament tad-dixxipli quddiem Ġesù li huwa l-istess milja ta' mħabba. Ma' Ġesù, l-akbar imħabba u l-milja tal-maħfra tal-Missier diġà ngħataw – u ngħataw mhux bħala premju għall-merti, imma bħala don skont il-bżonnijiet tal-bniedem.

Fil-komunità Nisranija, iċ-ċertezza tal-maħfra u l-esperjenza kontinwa ta' din l-imħabba u l-ħniena ta' Ġesù jeskludu kull raġuni ta' niket, anki fl-istess prattika reliġjuża tas-sawm. Il-prattika reliġjuża tas-sawm matul l-istorja ġiet mogħtija ħafna importanza. Imma din hija l-kaġun ta' żieda fit-test ta' Mark 9:28-29: *"Meta mbagħad Ġesù raġa' daħal id-dar, id-dixxipli tiegħu staqsewh rasu u rashom: 'Għaliex ma rnexxilniex inkeċċuh?'. 'Spirtu bħal dak', qalilhom, 'ma jista' jitkeċċa b'xejn ħlief bit-talb'"*. Sekli wara l-istesura tal-Vanġelu,

probabbilment bil-ħidma ta' xi kopista f'ambjent monastiku, żied b'idu stess: *"u bis-sawm"*. Għalhekk, sal-Konċilju Vatikan II, wara madwar 1,500 sena, il-Knisja reġgħet lura lejn it-test oriġinali bil-Grieg fejn "bis-sawm" ma tinstabx. Jekk huwa Ġesù li jgħid dan, allura l-prattika tas-sawm hija importanti; imma Ġesù qatt ma ħolom li jistieden għal din il-prattika tas-sawm.

*"Imma għad jasal iż-żmien meta l-għarus jeħduhulhom minn magħhom, u mbagħad isumu dakinhar"*. Eventwalment Ġesù jkompli juri meta tidħol il-ħtieġa tas-sawm: jara s-sawm mhux għal raġunijiet reliġjużi quddiem Alla, imma s-sawm bħala espressjoni ta' wġigħ. Nafu li meta jinqala' luttu u nkunu fit-tbatija, f'kollox naħsbu, ħlief fl-ikel. F'dawn iċ-ċirkostanzi s-sawm u l-astinenza jservu ta' fejqan u huwa mezz sabiex nedukaw lilna nfusna.

Ġesù jagħlaq is-silta bi twissija finali li għandha tittieħed bis-serjetà għaliex minnha tiddependi r-relazzjoni tagħna ma' Ġesù: biex nevitaw li jiġrilna bħad-dixxipli ta' Għemmaws, mitlubin ma nħarsux lejn il-passat biex nevitaw il-konsegwenza li ma nintebħux li Ġesù huwa ħdejna, għax Ġesù ma jitlaqna qatt. Min iħares lura ma jistax jagħraf il-preżenza ta' Alla li jinsab qribna fil-mument preżenti, u li jagħmel kollox ġdid. Dan hu li Ġesù jesprimi bil-kelmiet: *"Ħadd ma jaqta' biċċa drapp minn libsa ġdida biex biha jraqqa' waħda qadima, għax inkella mhux biss ikun qatta' l-ġdida, imma anqas il-biċċa meħuda mill-ġdida ma tkun taqbel mal-qadima"*. B'dan il-mod Ġesù jindika l-inkompatibbiltà totali bejn sistema mibnija fuq l-isforz personali u l-proposta tal-Vanġelu tiegħu. Fir-realtà ġdida proposta minn Ġesù, ma jistgħux jinżammu metodi qodma minkejja li huma metodi konsolidati fl-istorja passata.

Meta nilqgħu l-messaġġ ta' Ġesù, il-Vanġelu joħloq f'ħajjitna mod ta' ħajja ġdid u bla preċedent, mod ta' ħajja qawwi wisq biex jinżamm fl-istrutturi qodma tal-passat. Anzi, kull xebh mal-qadim għandna nqisuh b'attenzjoni u b'suspett. B'dan il-mod Ġesù jistedinna sabiex fil-ħajja tal-fidi nħallu mingħajr nostalġija l-forom reliġjużi tal-passat. Jekk ma naslux li nagħmlu dan, qatt ma nkunu nistgħu ngawdu l-ġdid li

jipproponi Ġesù. Kull tentattiv ta' armonizzazzjoni, kif smajna fl-eżempju ta' Ġesù tar-roqgħa, huwa destinat li jfalli u jagħmel is-sitwazzjoni agħar. Huma kliem serju ħafna u iebes, li għandu jittieħdu bis-serjetà.

*"Anqas ma jqiegħdu l-inbid il-ġdid f'damiġġani qodma tal-ġild, għax inkella l-inbid il-ġdid jifqa' d-damiġġani, u jixtered hu u jintilfu d-damiġġani. Iżda nbid ġdid iqegħduh f'damiġġani ġodda. U ħadd ma jkun irid mill-inbid ġdid wara li jkun xorob mill-qadim, għax jgħidlek: 'Il-qadim tajjeb!'".* U Ġesù, għax jifhem li qiegħed jgħid ħwejjeġ li jisfidaw lis-semmiegħa, jagħti eżempju ieħor, saħansitra aktar qawwi. Dan l-eżempju li jagħti Ġesù huwa aktar serju minn dak ta' qabel (tar-roqgħa). Qabel kien wissiena li kull tentattiv li nirranġaw il-qadim bil-ġdid huwa destinat li jfalli; issa jwissi li min jipprova jagħmel dan huwa destinat li jitlef kemm is-sbuħija tal-ġdid tal-proposta ta' Ġesù u kemm is-sigurtà li kienet tiġi mill-appartenenza għall-istituzzjoni reliġjuża li kienet iċċaħħdu mil-libertà, imma tal-inqas kienet tagħtih sens ta' sigurtà.

Il-lingwaġġ ta' Ġesù jerġa' jeħodna għall-komponenet prinċipali tat-tieġ – l-inbid. L-inbid kien simbolu tal-imħabba tal-miżżewġin u kellu jinxtorob flimkien. Ir-relazzjoni ġdida ta' mħabba bejn Alla u l-poplu tiegħu, kif kellha bżonn patt ġdid, hekk ukoll għandha bżonn forom ġodda biex tesprimi ruħha, forom meħlusa mill-iskemi reliġjużi tal-passat. Ġesù jpoġġi quddiemna għażla: jew nirrepetu l-formuli u l-istili tal-ħajja tal-passat, bħalma kienu jagħmlu l-Fariżej, jew inkunu kapaċi noħolqu forom ġodda biex nuru l-esperjenza ta' Alla fil-komunità. It-twissija ta' Ġesù hija din: fejn wieħed jirrepeti, hemm staġnar u mewt; fejn wieħed joħloq, hemm fjur tal-ħajja. Huma kliem serju ħafna u iebes ta' Ġesù li għandu jittieħed bis-serjetà.

Il-komunità Nisranija li laqgħet il-messaġġ ta' Ġesù hija dik fejn jiffjorixxu forom ġodda, oriġinali u kreattivi ta' kif tgħix din l-esperjenza. Min-naħa l-oħra, il-komunità li għadha suġġetta għal-liġi hija dik fejn wieħed jirrepeti modi ta' ħajja, formuli u prattiċi reliġjużi tal-passat. Fejn il-ħajja tirrepeti l-passat, hemm staġnar u mewt; fejn

jinħoloq il-ġdid, hemm fjur tal-ħajja. Dan mhux bla tbatija, għax kull fejn jiġi ġġenerat il-ġdid, hemm immedjatament reazzjoni tal-qadim għax iħossuhom mhedda mill-ġdid. Dawk marbuta mat-tradizzjoni jaraw fil-forom il-ġodda periklu għas-sigurtà tagħhom, u għalhekk dejjem ikun hemm reżistenzi.

Għalhekk dawn il-versi ta' Ġesù ħafna drabi naqrawhom b'mod superfiċjali, mingħajr ma nagħtuhom importanza: *inbid ġdid f'damiġġani ġodda*. Ma tistax tilqa' l-ġdid ta' Ġesù ġewwa l-kontenituri tat-tradizzjoni reliġjuża; inkella nirriskjaw li nitilfu kemm wieħed u kemm l-ieħor. L-inbid il-ġdid jeħtieġ damiġġani ġodda – minn din it-twissija tiddependi l-esperjenza u l-komunjoni tagħna mal-Mulej.

**Xi riflessjonijiet għall-predikazzjoni**

1. Is-sawm hu intenzjonat li jġedded ir-relazzjoni tagħna ma' Kristu. Is-sawm Nisrani mhuwiex drawwa vojta, imma espressjoni ta' relazzjoni ħajja ma' Kristu. Meta l-għarus hu preżenti, hemm ferħ; meta "jitneħħa", is-sawm isir xewqa għal Alla.
2. Is-sawm bħala stennija u għatx għal Alla. Is-sawm ifakkarna li għadna fit-triq, u li l-milja tal-ħajja għadna ma dħalniex fiha. Is-sawm jesprimi nostalġija spiritwali, ta' qalb li tixxennaq għal-laqgħa sħiħa ma' Alla.
3. Sawm ġdid, mhux formaliżmu qadim. Mhux sempliċi osservanza esterna, imma atteġġjament ġdid tal-qalb. Alla jrid qlub li jinbidlu, mhux prattiċi bla ruħ.
4. Il-qalb tagħna tilqa' l-inbid ġdid. Is-sawm iġedded il-ġewwieni tagħna u jiftaħna biex nilqgħu l-Ispirtu tal-imħabba ta' Alla.
5. Is-sawm li jwassal għall-konverżjoni jgħinna nindunaw bid-dipendenzi tagħna u jiftħilna qalbna għas-solidarjetà mal-foqra.
6. It-tentazzjoni li nibqgħu mal-"antik". Ġesù jistedinna biex ikollna kuraġġ spiritwali u nħallu l-Vanġelu jġeddedna tassew. Fil-ħajja Nisranija s-sawm hu: relazzjoni, mhux

rutina; stennija, mhux obbligu; konverżjoni, mhux dehra esterna; għodda li biha l-inbid ġdid tal-Vanġelu jista' jġedded il-ħajja kollha.

### 3. Mejda għal aktar minn ħamest elef ruħ (Lq 9:10-17) – Tħabbira tas-Saltna (Mt 14:13-21; Mk 6:14-29; Ġw 6:1-13)

*"L-Appostli reġgħu lura għand Ġesù u qalulu x'kienu għamlu; imbagħad ħadhom miegħu u nġabar magħhom qrib belt jisimha Betsajda. Imma l-folol saru jafu u marru warajh. Hu laqagħhom u qagħad ikellimhom fuq is-Saltna ta' Alla, u fejjaq lil dawk li kienu jeħtieġu l-fejqan. Il-jum kien wasal biex jintemm. Resqu lejh it-Tnax u qalulu: 'Ibgħathom in-nies ħa jmorru fl-irħula u r-rziezet tal-qrib biex isibu fejn jistrieħu u jieklu xi ħaġa, għax hawnhekk qegħdin f'post imwarrab'. Iżda hu qalilhom: 'Agħtuhom intom x'jieklu'. Qalulu: 'Ma għandniex aktar minn ħames ħobżiet u żewġ ħutiet, jekk għall-inqas ma mmorrux aħna stess nixtru l-ikel għal dawn in-nies kollha!'. Għax kien hemm madwar il-ħamest elef raġel. U qal lid-dixxipli tiegħu: 'Qegħduhom bilqiegħda ħamsin ħamsin'. Hekk għamlu, u qiegħdu lil kulħadd bilqiegħda. Imbagħad ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, rafa' għajnejh lejn is-sema, berikhom u qasamhom, u tahom lid-dixxipli biex inewluhom lin-nies. U kulħadd kiel u xaba' u l-bċejjeċ tal-ħobż li kien fadal ġabruhom fi tnax-il qoffa".*

Fl-ewwel tentazzjoni ta' Ġesù fid-deżert, Satana jissuġġerixxi lil Ġesù sabiex jibdel il-ġebel f'ħobż biex jissodisfa l-ġuħ tiegħu. Ġesù, minflok, jagħmel mill-ħobż don biex jissodisfa l-ġuħ tal-oħrajn. Luqa, meta jirrakkonta dan il-qsim tal-ħobż, jippreżentah bħala tħabbira tal-Ewkaristija. L-Evanġelju huwa kollu mmirat lejn il-punt ċentrali, dak tal-Aħħar Ikla ta' Ġesù, u kull referenza għall-ikel jew għall-ikla ma tagħmel xejn ħlief tantiċipa, tħabbar u tfisser dan il-mument. Ġesù jinsab Betsajda fejn huwa kien irtira – Betsajda tfisser "dar tas-sajd" – u kien hemmhekk li sejjaħ lid-dixxipli biex jimxu warajh sabiex jagħmilhom sajjieda tal-bnedmin.

*"Hu laqagħhom u qagħad ikellimhom fuq is-Saltna ta' Alla, u fejjaq lil dawk li kienu jeħtieġu l-fejqan"*. L-istrateġija ta' Ġesù hi ċara ħafna: jitkellem dwar is-Saltna ta' Alla u jibda jfejjaq lil dawk li għandhom bżonn il-fejqan.

Is-Saltna ta' Alla għandha bħala karatteristiċi ewlenin tliet komponenti tal-ħajja tal-bniedem: is-saħħa, l-ikel u l-hena. Dawn huma importanti. Kienet perverżjoni tal-ispiritwalità Nisranija li tittraskura dawn l-aspetti: li tara l-mard kważi bħala privileġġ jew bħala prova mibgħuta minn Alla, jew bħala tbatija flimkien mal-Mulej; li tara l-ikel b'suspett; u li tara l-hena bħala xi ħaġa li ma tistax tintlaħaq fuq din l-art u li hi destinata biss għall-ħajja ta' wara. Għalhekk is-Saltna ta' Alla hi mmirata għas-saħħa tal-bnedmin, u marbuta mal-ikel u għall-hena tagħhom. Għalhekk Ġesù jitkellem dwar is-Saltna ta' Alla u jfejjaq lil dawk kollha li kellhom bżonn il-fejqan.

*"Resqu lejh it-Tnax u qalulu: 'Ibgħathom in-nies ħa jmorru fl-irħula u l-irziezet tal-qrib biex isibu fejn jistrieħu u jieklu xi ħaġa, għax hawnhekk qegħdin f'post imwarrab'"*. Filwaqt li Ġesù jħoss kompassjoni għal dawn in-nies u jrid ifejjaqhom, min-naħa tal-Appostli jridu jeħilsu minnhom u jibagħtuhom. L-istess dixxipli huma li jfixklu l-azzjoni tal-ħniena u tal-fejqan ta' Ġesù minħabba nuqqas ta' għarfien tal-ħidma u tal-identità tal-Imgħallem. Iwaqqfu lil Ġesù, li qiegħed ifejjaq lin-nies, għal raġuni prattika ħafna: li jibagħtu n-nies biex kulħadd jaħseb għal rasu għall-ikel.

Id-dixxipli juru li ma fehmux dak li Ġesù qal fil-Beatitudnijiet dwar il-qsim tal-ġid hekk li għadhom iħaddnu l-mentalità ekonomika tas-soċjetà: biex tiekol trid tixtri! Min għandu l-flus, jixtri, jiekol u jgħix, u min m'għandux flus, ma jixtrix, ma jikolx u m'għandux jedd jgħix. Ġesù ser jibgħat il-folol 'il bogħod, biss wara li jkunu kielu u xebgħu sew.

*"Agħtuhom intom x'jieklu"*. Dan il-kmand hu ambigwu u għandu żewġ tifsiriet: l-aktar tifsira evidenti hi li jkunu huma li jipprovdu l-

ikel għall-folla. It-tieni tifsira hija aktar profonda: agħtu lilkom infuskom bħala ikel għalihom. Mhux biżżejjed li tagħti ħobż lin-nies, imma trid issir ħobż għan-nies! Mhux biżżejjed li nagħti l-ħobż; irrid insir ħobż, għajxien tal-ħajja għall-oħrajn, inkella l-ħobż jibqa' bla qalb u kiesaħ.

Fl-Ewkaristija, Ġesù jsir ħobż, għajxien tal-ħajja, biex dawk li jilqgħuh u jassimilawh ikunu kapaċi min-naħa tagħhom isiru ħobż u għajxien għall-oħrajn. Fl-Ewkaristija hemm dinamika ta' mħabba milqugħa u mħabba mogħtija. Aktar ma l-bniedem ikun kapaċi jsir ħobż għall-oħrajn, aktar tkun kbira fih il-qawwa ta' Alla li tagħmlu ħobż għall-bnedmin. Id-dixxipli ma fehmux dan kollu.

*"M'għandniex ħlief ħames ħobżiet u żewġ ħutiet, sakemm ma mmorrux nixtru aħna".* Ninnutaw kuntrast qawwi bejn żewġ verbi: Ġesù jitkellem dwar "nagħtu", waqt li huma jwieġbu bil-verb "nixtru". Ma fehmux il-ġdid li ġab Ġesù. Iqisu dak li għandhom bħala li hu ftit wisq – ħames ħobżiet u żewġ ħut. Dan għaliex skont ir-raġunar tal-bnedmin kien impossibbli li titma' b'dan il-ftit lil ħamest elef raġel.

*"U qal lid-dixxipli tiegħu: 'Qegħduhom bilqiegħda ħamsin ħamsin'".* Fil-festa tal-Għid, in-nies kienu jieklu mimdudin għal tulhom. Dan kien sinjal ta' dinjità u ħelsien. Ġesù jrid li dawk li huma meqjusa qaddejja jħossuhom sidien. Il-kelma "qegħduhom bilqegħda" hija litteralment sabiex jimteddu mal-art, liema kelma terġa' tidher fir-rakkont tal-Aħħar Ċena. Li jieklu mimduda hija karatteristika tal-għonja. Hija l-ikla tal-eżodu l-ġdid. In-nies jieklu bħala persuni ħielsa, kif jidher mill-fatt li jieklu mimduda, pożizzjoni li tindika l-mistrieħ b'differenza mill-ilsir li jiekol fuq saqajh, sinjal li huwa mgħaġġel kif ġara fl-Eżodu tat-Testment il-Qadim (Eż 12:11; Dewt 16:3). Dan huwa l-element distintiv tas-Saltna ta' Alla fejn iċ-ċittadini huma kollha bnedmin ħielsa.

Dan hu s-sens tal-Ewkaristija: min hu umiljat u bla dinjità, jerġa' jsib id-dinjità tiegħu. Fuq kollox id-dixxipli mhumiex kapijiet imma

qaddejja. Jekk in-nies huma mimduda, id-dixxiplu jersaq lejhom biex jaqdihom; il-bniedem tal-fidi mhuwiex superjuri, imma qaddej.

Il-gruppi ta' ħamsin jirreferuna għal Pentekoste: il-ħamsin jum, is-simbolu tal-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu. Il-qsim tal-ħobż isir fl-imħabba mqanqla mill-Ispirtu.

Għaliex l-evanġelista jgħid li kien hemm 5,000 raġel? Fil-kultura tas-sinagoga kienu meħtieġa għaxar irġiel adulti biex ċelebrazzjoni tkun valida. Dan ifisser li l-kult il-ġdid ta' Ġesù ma jsirx aktar fis-sinagoga, imma kull fejn id-dixxipli jgħixu l-qsim tal-ġid u tal-ħajja fiha nfisha.

*"Imbagħad ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, rafa' għajnejh lejn is-sema, berikhom u qasamhom, u tahom lid-dixxipli biex inewluhom lin-nies".* Il-ġesti huma dawk tal-Aħħar Ikla. Il-barka tfisser li dak li għandna mhuwiex tagħna, imma ġej mill-imħabba ta' Alla. Id-dixxipli mhumiex sidien tal-ħobż, imma qaddejja tiegħu. M'għandhomx id-dritt jagħżlu min jixraqlu jew min ma jixraqlux. Min jagħmel dan jikkommetti delitt u idolatrija.

Jonqos il-ħasil ritwali tal-idejn. Għal Ġesù m'hemmx bżonn purifikazzjoni biex tiekol dan il-ħobż: huwa dan il-ħobż li jippurifika, mhux b'mod maġiku, imma billi jbiddel il-ħajja f'servizz għall-oħrajn. Dan ikun is-sinjal li l-Ewkaristija ħadmet fija.

*"U kulħadd kiel u xaba' u l-bċejjeċ tal-ħobż li kien fadal ġabruhom fi tnax-il qoffa".* Meta dak li hu ftit jinqasam, tinħoloq l-abbundanza. It-tnax-il qoffa jfissru lil Iżrael kollu: b'din is-sistema jista' jixba' l-poplu kollu. Dan il-ġrajja mhix spettaklu ta' maġija, imma sejħa biex naqsmu dak li għandna u dak li aħna. It-tkattir fil-qsim huwa possibbli għal kulħadd. Għalhekk l-Evanġelju mhux xi ħaġa 'l bogħod minn ħajjitna, imma jinvolvina direttament.

Alla qatt mhu xħiħ, għaliex id-don tiegħu qatt ma jiġi suġġett għall-kejlijiet, u dejjem iwassal għax-xabgħa. Matul l-Eżodu, il-manna kienet titkejjel (Eż 16:16). Ġesù jwieġeb għall-ħtiġijiet umani sakemm

ikunu totalment sodisfatti. Il-folla ma tistax tgerger bħall-poplu ta' Iżrael fid-deżert (Num 11:5). Il-komunità l-ġdida umana m'għandhiex nostalġija għall-passat.

It-12-il qoffa jindikaw it-12-il tribù ta' Iżrael li jirrappreżentaw il-poplu Lhudi. Bil-kondiviżjoni ġeneruża mhux biss kulħadd kiel, imma kollha xebgħu u kien għad fadal li seta' jixba' l-poplu kollu ta' Iżrael. Meta l-ħolqien jinħeles mill-egoiżmu u mill-kilba tal-pussess, ikun hemm fuq ir-riħ biex jiġi pprovdut għal kulħadd.

Dan ir-rakkont ifakkarna f' 2 Slaten 4:42-44 meta l-profeta Eliżew li ta l-ikel lil 100 ruħ permezz ta' 20 ħobża. Fatt ieħor huwa l-episodju tal-manna waqt il-mixja tal-poplu Lhudi fid-deżert (Eż 16; Num 11), fejn il-ħobż u l-ħut li bihom ġiet imrejqa l-folla huma sostitwiti mill-manna u s-summien fid-deżert tas-Sinaj.

Fl-ewwel Beatitudni Ġesù jiddikjara: *"Henjin il-foqra fl-Ispirtu għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet"*. Imma d-dixxipli ma kinux fehmu l-kondivizjoni ġeneruża ta' dak li wieħed għandu mal-oħrajn kif mistqarr fl-ewwel Beatitudni. Huma jaħsbu bil-mentalità predominanti tas-soċjetà li biex tiekol meħtieġ li tixtri, u għalhekk min għandu l-mezzi biss jista' jixtri u jiekol, bil-konsegwenza li min hu bla flus, ma jikolx u ma jkampax. Meta Ġesù jitlobhom sabiex ikunu huma stess li jagħtuhom jieklu, mhux jirreferi biss sabiex jipprovdulhom huma x'jieklu, imma fuq kollox Ġesù jindika li huma stess jagħmlu lilhom infushom disponibbli biex ikunu ta' ikel u għajxien għal din il-folla. Din hija t-tifsira profonda tal-Ewkaristija: hekk kif Ġesù jagħmel lilu nnifsu ħobż u għajxien għall-oħrajn, issa jitlob lid-dixxipli tiegħu biex huma wkoll bħalu jsiru għajxien għall-folla, isiru ħobż u ikel li ma jinstabx għall-bejgħ.

Il-miraklu mhux żvog ta' setgħa min-naħa ta' Ġesù biex jurina x'kapaċi jagħmel, imma mod sabiex jikkonvinċi d-dixxipli tiegħu biex jaqsmu b'mod ġeneruż dak li għandhom. L-umanità mhix salvata mill-qawwa ta' individwu wieħed, imma titlob il-kollaborazzjoni ta' kulħadd. Mhux li nitolbu lil Ġesù sabiex ikattar il-ħobż, imma pjuttost

sabiex naqsmu dak li għandna diġà u hekk naraw quddiem għajnejna l-abbundanza tas-Saltna ta' Alla.

**Xi riflessjonijiet għall-predikazzjoni**

1. Ġesù jilqa' u jaqsam. Is-Saltna ta' Alla mhix idea astratta, imma realtà li tidher f'ġesti konkreti ta' mħabba, ta' attenzjoni u ta' kondiviżjoni. Ġesù ma jkeċċix lin-nies imma jilqagħhom u jħoss ir-responsabbiltà tagħhom.
2. "Agħtuhom intom x'jieklu". Quddiem il-limitazzjonijiet tagħna, Ġesù jistedinna nagħmlu pass ta' fidi u karità. Is-Saltna ta' Alla tibda meta ma naħsbux biss fil-ftit li għandna, imma meta nagħżlu li naqsmuh. Dak li jidher insuffiċjenti f'idejna, f'idejn Alla jsir abbundanza.
3. Il-miraklu jitwieled mill-kontribut tal-ftit li kien hemm. Il-qsim tal-ġid hu ċ-ċavetta: meta dak li hu tiegħi ma jibqax biss tiegħi, imma jsir don għall-oħrajn, tidher il-barka ta' Alla.
4. Kulħadd jiekol u jibqa' żejjed. Fejn hemm il-qsim, hemm biżżejjed għal kulħadd. Dan jisfida l-biżgħat tagħna u l-mentalità ta' "m'hemmx biżżejjed", li ħafna drabi tagħlaq qalbna għall-oħrajn.
5. Is-Saltna ta' Alla fostna llum. Kif qed naqsmu l-ġid, il-ħin, it-talenti, ir-riżorsi materjali u l-attenzjoni tagħna? Kull darba li naqsmu bi mħabba, nagħmlu preżenti s-Saltna ta' Alla fostna. Ġesù jurina li s-Saltna ta' Alla mhijiex biss wegħda għall-futur, imma realtà li tidħol fl-istorja tagħna u tmiss il-ħajja ta' kuljum. Is-Saltna ta' Alla tikber meta aħna npoġġu dak li għandna f'idejh. Dan ifejjaq lill-familja tagħna minn ħafna tensjonijiet fuq l-għajxien tagħna u ta' wliedna.

## 4. Il-mejda tal-Aħħar Ċena (Lq 22:14-23) – Id-Don tal-Ewkaristija (Mt 26:26-30; Mk 14:22-26; 1 Kor 11:23-25)

*"Meta sar il-ħin, qagħad fuq il-mejda flimkien mal-appostli. U Ġesù qalilhom: 'Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati! Għaliex, ngħidilkom, din l-ikla m'iniex se nagħmilha*

*iżjed sa ma tkun seħħet għalkollox fis-Saltna ta' Alla'. U qabad kalċi, radd il-ħajr u qal: 'Ħudu dan il-kalċi u aqsmuh bejnietkom. Għaliex, ngħidilkom, minn issa 'l quddiem ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa ma tiġi s-Saltna ta' Alla'. Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: 'Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi'. Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: 'Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom. Imma, araw, id dak li se jittradini qiegħda miegħi fuq il-mejda. Għax tassew li Bin il-bniedem imur, kif hemm maqtugħ, imma ħażin għalih dak il-bniedem li jittradih!'. Huma għalhekk bdew jistaqsu lil xulxin min minnhom kien se jagħmel dan".*

Hija mejda li tiġbor fiha t-tifsira kollha tal-mod kif Ġesù kien joqgħod fuq il-mejda u fl-istess ħin tħabbar il-mejda tal-Għid. Għalhekk hi fl-istess ħin l-aħħar u l-ewwel – l-aħħar mejda li tħabbir it-tifrix imminenti tal-komunità tat-tnax, imma wkoll l-ewwel ikla li għad trid tiġborhom flimkien ma' Ġesù msallab u rxoxtat fil-ħajja l-ġdida. Ġesù jħabbar lid-dixxipli li t-traditur jinsab fil-komunità. Ġuda, bin-nuqqas ta' verità ta' kliemu, jagħmel il-mejda tal-Aħħar Ċena post tal-gideb. It-tradiment tal-ħabib iseħħ waqt l-ikla. L-Aħħar Ċena hi "l-aħħar" għax xi ħadd mit-tnax ittradixxa l-komunjoni tat-tnax. It-tradiment iseħħ fl-intimità tal-qsim tal-ħobż. Fuq dik il-mejda hemm ukoll Pietru li jgħid: "Nagħti ħajti għalik". Pietru jiċħad lil Ġesù quddiem qaddejja żagħżugħa. Fuq dik il-mejda hemm ukoll id-dixxipli l-oħra li mbagħad jabbandunawh. Fil-mument li dik il-komunità kienet qed titfarrak, Ġesù jassumi fih it-tradiment, l-abbandun u ċ-ċaħda. Sħabu tal-ħajja jiċħdu li jafuh, minħabba l-biża' u l-kodardija. Din hi l-aktar ħaġa drammatika tal-ewwel Ewkaristija tal-Knisja, li hija dejjem maħfra.

Fil-Vanġelu ta' Mattew, Ġesù jgħid lil Ġuda: "Int għedtu". Lil Pietru jgħidlu: "Int tiċħadni tliet darbiet". Minkejja dan, jagħtihom is-sinjali ta' Ġismu u Demmu. Jagħti ħajtu f'idejn dawk li indirettament jgħadduh f'idejn dawk li joqtluh. Anki hawn Ġesù jkompli joqgħod fuq il-mejda tal-midinbin. Dik l-aħħar mejda turi l-verità tal-kliem: *"Ma ġejtx insalva l-ġusti imma l-midinbin"*. Ġesù jaħfer l-imperdonabbli.

Fil-ġest tal-għoti, kull tradiment u kontradizzjoni futura huma diġà megħluba. Il-mejda tal-Aħħar Ċena hi mejda tal-ħniena, ikla li tiċċelebra l-glorja ta' min iħobb sal-aħħar. M'għandniex nistagħġbu li fil-jum tal-Qawmien Ġesù jerġa' joqgħod fuq il-mejda mad-dixxipli. Hija r-restawrazzjoni tal-komunjoni miksura. Il-mejda tal-Irxoxt hi waħda ta' rikonċiljazzjoni u maħfra, mhux ta' ġudizzju.

Il-Knisja waslulha erba' verżjonijiet differenti tal-ġesti u l-kliem ta' Ġesù fl-Aħħar Ikla. Il-vanġeli ta' Mark, Mattew u Luqa kollha jwasslu għal din l-Aħħar Ikla, imma kollha jwassluha bil-mod tagħhom, kull wieħed skont il-mentalità teoloġika tiegħu. Hemm xebh bejn Mattew u Mark li jirreferina għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fil-komunità ta' Ġerusalemm, waqt li hemm xebh bejn Luqa u Pawlu li jirreferina għaċ-ċelebrazzoni tal-Ewkaristija f'art pagana. Dan huwa importanti, għaliex sa mill-bidu din l-esperjenza ta' milja ta' ħajja ma kinitx uniformi, għaliex il-ħajja min-natura tagħha tiffjorixxi b'modi diversi skont il-kulturi u l-esperjenzi diversi. L-Ewkaristija kienet esperjenza li tagħti l-ħajja lil kull komunità li kellha l-mod tagħha kif tiċċelebra l-Ewkaristija. Eventwalment kien f'perjodu aktar 'il quddiem li l-formola tal-Ewkaristija saret uniformi għal kullimkien u għal kulħadd.

L-eqdem rakkont huwa dak ta' 1 Kor 11:27. Fil-bidu l-Ewkaristija kienet għadha ikla aktar milli forma ritwali, u għalhekk kienu jaqsmu l-ikel flimkien u f'waqt minnhom kienu jirrakkontaw l-azzjonijiet u t-tagħlim ta' Ġesù u kienu jaqsmu l-ħobż u jixorbu l-kalċi bħala sinjal ta' komunjoni. F'Korintu, fejn kien hemm komunità magħmula minn ħafna għonja, jinħolqu diviżjonijiet hekk li ma baqgħetx l-ikla tal-Mulej imma okkażjoni ta' affermazzjoni tad-distinzjoni bejn l-għonja u l-foqra. Dan mhux xieraq li tiċċelebra l-Ewkaristija mifhuma bħala komunjoni fost dawk li jiċċelebrawha. Dan ma kienx aċċettabbli u tollerabbli għaliex fl-Ewkaristija dawk bid-diżunur jirċievu l-unur li jkunu moqdija, dawk umiljati jsibu mill-ġdid id-dinjità, hekk li min m'għandux jingħatalu dak li m'għandux. Hekk Pawlu jdaħħal l-eqdem rakkont tat-twaqqif tal-Ewkaristija li Pawlu jippreżentah bħala t-tweġiba ta' Ġesù għat-tradiment tad-dixxiplu tiegħu Ġuda. Ġesù mhux

talli ma jirtirax, imma jagħmel offerta akbar ta' mħabba u jurih li waqt li hu jittradih, huwa mhux ser jittradih qatt. Għalhekk il-ġest ta' Ġesù huwa tweġiba lejn it-tradiment ta' Ġuda.

Ġwanni ma jirrakkuntax it-twaqqif tal-Ewkaristija imma l-ħasil tar-riġlejn għaliex għalih l-Ewkaristija hija li taħsel saqajn xulxin u li sservi u taqdi. Għandna ħjiel li meta Ġwanni jikteb il-vanġelu tiegħu, l-Ewkaristija kienet diġà saret rit li tilef il-qalba tiegħu bil-konsegwenza li kienu jaqsmu l-ħobż u l-kalċi imma ma kienx jissarraf f'servizz lejn xulxin fil-komunità Nisranija. Għalhekk Ġwanni jissostitwixxi l-istituzzjoni tal-Ewkaristija bil-ħasil tar-riġlejn. Il-kelmiet *"Agħmlu dan b'tifkira tiegħi"* għandhom eku fil-kliem ta' Ġesù meta jdur fuq id-dixxipli u jistaqsihom jekk jafux x'ghamlilhom, għax kien għadu kif tahom eżempju biex kif għamel hu jagħmlu huma bejniethom.

Ser nieħdu r-rakkont ta' Lq 21 :14-23, fejn il-kliem u l-ġesti ta' Ġesù ser ikunu t-tweġiba ta' Ġesù għat-tradiment ta' Ġuda u ċ-ċaħda ta' Pietru.

Is-silta tirreferina għall-patt ta' Mosè li fih kien hemm żewġ elementi: ir-rotolu tal-liġi u d-demm tal-annimali, waħda tirrappreżenta l-patt, u d-demm ifisser l-aċċettazzjoni tal-impenji tal-patt. Mosè jieħu l-ktieb tal-patt u jaqrah quddiem il-poplu. Issa Ġesù jieħu l-ħobż f'idejh – minn issa 'l quddiem dak li jiddetermina l-patt mhux il-ħarsien tal-ktieb imma l-għajxien tal-ħajja. Ġesù ma ġiex biex iwaqqaf ir-reliġjon tal-ktieb, imma l-fidi fil-bniedem. Fiċ-Ċena ser titwettaq is-sostituzzjoni tal-patt il-qadim bil-patt il-ġdid, skont il-proposta ta' Ġesù.

*"...ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: 'Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi'"*. Ġesù jieħu l-ħobż – l-evanġelista huwa attent għad-dettalji għaliex fil-ġimgħa li tiġi qabel l-Għid tal-Lhud, biex jevitaw kull kontaminazzjoni, kienu jieklu ħobż ażżmu, jiġifieri bla ħmira. Mattew ma jgħidilniex li ħa l-ħobż, imma fil-Grieg hija bla artiklu u hekk jindika ħobż kien li kien, jiġifieri

ħobż bil-ħmira. Ġesù mhux ifakkar l-Għid il-qadim, imma jinawgura l-patt il-ġdid. Biex nifhmu l-ġest ta' Ġesù, meħtieġ li nirreferu għall-kultura tal-epoka fejn il-ħobż kien tond u ċatt. M'għandna l-ebda referenza għall-annimal, fejn matul l-ikla tal-Għid kien jittiekel il-ħaruf. Li kieku kien hemm il-ħaruf kien ifisser li ser ikun hemm ġerarkija ta' importanza fost dawk li jieħdu sehem fl-ikla. Normalment meta jkollna mistieden għall-ikel, noffrulu l-aktar parti tajba tal-ħaruf bħalma hija l-koxxa jew is-sider. Imma fl-ikla tal-Mulej m'hemmx il-ħaruf imma l-ħobż tipiku li huwa l-istess f'kull parti tiegħu. F'din l-ikla Ġesù jelimina kull ġerarkija u joħloq ugwaljanza fost dawk li jieħdu sehem.

Fil-miraklu tal-qsim tal-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, Luqa juża l-verb *berakah* waqt li issa juża l-verb *eucharistein* (trodd ħajr). It-tnejn bl-istess tifsira, imma waħda hija espressjoni tipikament Lhudija, waqt li l-oħra hija espressjoni tipikament Griega li eventwalment issir il-kelma biex tindika ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Fl-Evanġelji, l-Ewkaristija hi ppreċeduta minn żewġ atti ta'qsim tal-ħobż: wieħed fl-art ta' Iżrael u ieħor fl-art pagana. Meta Ġesù jkun fl-art ta' Iżrael, ibierek, għax il-barka kienet parti mit-tradizzjoni ta' Iżrael, waqt li meta jkun fl-art pagana, Ġesù juża espressjonijiet li l-pagani jistgħu jifhmu, u għalhekk juża l-verb "radd ħajr", għaliex ma kinux jifhmu l-verb 'tbierek'. Fl-Ewkaristija Mattew jgħaqqad iż-żewġ verbi: ibierek għall-ħobż u jrodd ħajr għall-kalċi, jiġifieri l-Ewkaristija hi l-mument li fih il-komunità titwessa' u tħaddan mhux biss il-poplu ta' Iżrael, imma wkoll għall-pagani. L-Ewkaristija ma teskludix, imma tilqa', ma tbegħidx, imma tqarreb lil kulħadd. Għalhekk din id-distinzjoni bejn iż-żewġ verbi hi importanti għax fil-komunità li tiċċelebra l-Ewkaristija, hemm l-għaqda ta' kulħadd. Luqa juża biss il-verb 'trodd ħajr'.

Fil-Vanġelu għal darbtejn Ġesù jbierek: fil-qsim tal-ħobż u l-ħut. Il-barka kienet tfisser li qiegħed tagħraf u tirrikonoxxi li dak li għandek finalment ġej minn Alla nnifsu. Issa fl-Ewkaristija, Ġesù huwa Alla li jsir ħobż, għajxien tal-ħajja għal dawk kollha li jilqgħuh u dawk li

jassimilawh ikollhom il-ħila li jsiru ħobż u għajxien għal oħrajn. Dan jagħtihom li jkollhom l-istess ħajja ta' Alla, il-ħajja divina.

Luqa jgħaddi biex jagħtina l-kelmiet ta' Ġesù li jakkumpanjaw il-ġest. Mattew b'differenza minn Luqa jagħtina żewġ imperattivi: *ħudu, kulu* – mingħajr l-ebda konġunzjoni bejn dawn iż-żewġ imperattivi. Dan għaliex mhux biżżejjed tieħu, imma meħtieġ tiekol. Ġuda fil-Vanġelu skont San Ġwann jieħu l-ħobż, imma ħareġ 'il barra mill-kamra, bla ma assimila dak il-ħobż li ħa. Meħtieġ li l-qawwa u l-enerġija tal-ħobż tinbidel f'enerġija u qawwa għalina.

Għal xiex qiegħed jirreferi Ġesù meta jgħid: "Dan hu ġismi"? Il-Grieg ma jistax jirreferi għall-ħobż għaliex il-forma li juża Luqa hija grammatikalment newtra, waqt li l-ħobż hu grammatikalment maskil. Hawn għandna kelma li la hija maskili u lanqas femminili. Mela x'inhu jifhem Ġesù meta jgħid: 'Dan hu ġismi'? Jgħid ħaġa straordinarja – Ġesù mhux jirreferi għall-ħobż, imma għall-azzjoni kollha li tippreċedi u ssegwi: dan hu tassew il-Ġisem tal-Mulej.

Il-komunità tad-dixxipli tilqa' lil Ġesù bħala l-ħobż tal-ħajja u min-naħa tagħha ssir ħobż tal-ħajja tal-oħrajn – dan hu l-Ġisem tal-Mulej. Dan hu l-uniku santwarju li minnu tinxtered u tixxandar l-imħabba u l-ħniena tiegħu. San Pawl, bħala kontinwazzjoni ta' dan, jikteb b'mod ċar: *"Intom il-ġisem ta' Kristu"*. Kieku nifhmu dan, ħafna mir-reverenza u l-premura li nuru lejn l-Ewkaristija nibdew nuruhom ukoll lejna nfusna u lejn l-oħrajn, għaliex aħna flimkien niffurmaw il-ġisem ta' Ġesù. Forsi nuru attenzjoni kbira lejn il-ġisem sagramentali ta' Ġesù, u mbagħad forsi ninjoraw il-persuna li hemm ħdejna. Dawk li jipparteċipaw fl-Ewkaristija u jaċċettaw lil Ġesù bħala għajxien tal-ħajja tagħhom, jassimilawh u jsiru kapaċi li jingħataw lill-oħrajn bħala ħobż. Meta l-oħrajn jibdew jgħidu fuqna l-espressjoni 'tqatta' u tiekol minnu', dakinhar ikollna l-prova li aħna tassew ħobż għall-oħrajn għax ilqajna lil Ġesù.

*"Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: 'Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom'"*. Fil-patt il-qadim,

Mosè jieħu r-romblu tal-liġi u jistaqsi lill-poplu: Taċċettaw li tgħixu dan il-patt ma' Alla? Bħala turija tal-aċċettazzjoni Mosè ħa d-demm tal-għoġiela u raxxu fuq il-poplu. Ġesù fil-patt il-ġdid joffri l-istess demm tiegħu sabiex jiġi ssiġillat il-patt il-ġdid. Id-demm fil-kultura Lhudija jfisser il-ħajja – Ġesù jingħata f'demmu u jingħaqad mal-bnedmin kollha.

Min-naħa l-oħra Mosè jagħmel patt li kien immudellat fuq ir-relazzjoni bejn sid u qaddejja, u għalhekk jissarraf fl-ubbidjenza tal-liġi bil-konsegwenza li wassal għall-ħsara għax mhux kulħadd kellu l-ħila li josserva l-liġi. Il-liġi ma tistax tagħraf lil kulħadd, għax il-liġi tista' tkun tajba għal ħafna, imma mhux għal kulħadd, bil-konsegwenza li tikkawża esklużjoni hekk li xi wħud iħossuhom fil-patt ma' Alla, waqt li oħrajn iħossuhom esklużi.

Ġesù jipproponi patt ġdid mhux bejn qaddejja u sidhom, imma bejn ulied u missierhom: patt li mhux ibbażat fuq l-ubbidjenza tal-liġi, imma fuq l-aċċettazzjoni tal-imħabba tiegħu. L-ubbidjenza lejn il-liġi ta' Alla mhix possibbli għal kulħadd, imma l-aċċettazzjoni tal-imħabba hi possibbli għal kulħadd. Għalhekk, il-bniedem tal-fidi huwa dak li jixbah lill-Missier billi jilqa' u jipprattika mħabba tixbah lil dik tiegħu. Ġesù qatt ma jitlobna sabiex nobdu lil Alla, imma jgħidilna nkunu bħall-Missier.

Is-Salm 78:6 jgħid: *"Sawwab qilltek fuq il-ġnus li ma jagħrfukx, fuq is-saltniet li ma jsejħux ismek"*. Dan kien wieħed mis-salmi li kienu jingħadu waqt l-ikla tal-Għid u juża l-verb "xerred" bħala talba ta' saħta u għadab. Ma' Ġesù, minflok l-għadab, jinxtered id-demm tiegħu. F'Mattew 27:15 (u din insibuha biss f'Mattew) għandna l-poplu li jesprimi r-responsabbiltà tiegħu għall-kundanna tal-mewt ta' Ġesù: *"Demmu fuqna u fuq uliedna"*. Id-demm ta' Ġesù jċarċar fuq il-poplu mhux bħala vendetta jew kastig, imma bħala maħfra bla kundizzjonijiet hekk li testendi wkoll għal dawk ħatja tal-mewt tiegħu. Din hu l-ġdid ta' Ġesù. Alla hu mħabba u m'għandux mod ieħor kif juri ruħu ħlief permezz tad-don u t-tixrid tal-imħabba tiegħu.

Fl-Evanġelji kollha nsibu qbil li Ġesù huwa dak li jgħammed fl-Ispirtu s-Santu, imma mbagħad ma nsibu qatt indikazzjoni ta' Ġesù li jgħammed fl-Ispirtu s-Santu. Li tgħammed fl-Ispirtu jfisser li tgħaddas b'mod estern fl-ilma, imma l-Ispirtu jiġi msawwab fl-intern tal-persuna. Il-magħmudija fl-Ispirtu s-Santu sseħħ waqt iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika. Meta wieħed jiekol dan il-ħobż u jixrob dan id-demm, nassorbu fina l-ħajja divina, li tingħaqad magħna u ġġedded il-kapaċità tagħna li nħobbu.

Hekk l-Ewkaristija tagħmel lil kull bniedem l-uniku santwarju veru li minnu tinxtered il-ħniena divina. Dan iġib miegħu tibdil fid-direzzjoni tal-ħajja: ma tibqax tgħix għal Alla, imma tgħix minn Alla. Id-differenza hi kbira: ħaġa hi li ngħixu għal Alla bl-isforzi tagħna, imma hija ħaġa oħra hi li ngħixu minn Alla. Alla, Missier Ġesù u Missierna, ma jassorbix l-enerġiji tagħna, imma jagħtina saħħtu u ħajtu sabiex isaħħaħna.

Mattew aktar minn Luqa jżid *"għall-maħfra tad-dnubiet"*. L-aċċettazzjoni ta' Ġesù bħala mudell ta' ħajja u l-impenn li norjentaw ħajjitna għall-ġid tal-oħrajn għandu bħala effett li d-dnubiet jitħassru. M'hemmx aktar bżonn li tmur fit-tempju u twettaq offerti u penitenzi, għax l-impenn favur l-oħrajn, imsaħħaħ mill-imħabba ta' Alla, iħassar id-dnubiet. Fil-reliġjon Lhudija l-verb "jaħfer" huwa l-konsegwenza ta' serje ta' atteġġjamenti tal-bniedem: il-bniedem jidneb, jindem, jitlob maħfra u Alla jagħti l-maħfra. Imma l-maħfra li jitkellem dwarha Ġesù ma tiddependix mill-bniedem, imma kollha kemm hi mill-imħabba ta' Alla. Fejn Alla jara l-bniedem li, minkejja l-limiti, id-difetti u n-nuqqasijiet, b'rieda tajba jgħix għall-ġid tal-oħrajn, jaħfirlu għalkollox il-ħtijiet tiegħu.

Il-konklużjoni tal-Aħħar Ċena tal-Mulej hija li joħorġu jkantaw. It-tifħir lil Alla fit-tmiem tar-rakkont iwarrab kull element ta' diqa marbut mal-imminenza tal-passjoni ta' Ġesù. Imma Eżodu 12:22 kien jipprojbixxi li wieħed joħroġ mid-dar fil-lejl tal-Għid qabel is-sagħtejn: *"Ħadd minnkom ma joħroġ mill-bieb ta' daru sa filgħodu"*. Madankollu, fil-patt il-ġdid imwaqqaf minn Ġesù, dawn il-preċetti

tilfu kull valur għaliex l-Ewkaristija tagħmel lill-bniedem ħieles; mhux aktar il-bniedem imxekkel mil-liġi, imma għandu fih l-istess Spirtu tal-Missier li jmexxilu ħajtu kollha. Il-parteċipazzjoni fl-Ewkaristija hija l-għajn ta' din il-maturità, u tagħmel lin-nies ħielsa u indipendenti.

**Xi riflessjonijiet għall-predikazzjoni**

1. Noħolqu ħin għall-mument flimkien. "Meta waslet is-siegħa, qagħad fuq il-mejda" (v. 14). Bħalma Ġesù qagħad fuq il-mejda mad-dixxipli, il-familja titgħallem tqatta' ħin flimkien, speċjalment madwar il-mejda.
2. Ix-xewqa li nkunu flimkien. L-Ewkaristija tfakkarna li l-imħabba tibda mix-xewqa li nkunu preżenti għal xulxin, mhux biss fiżikament imma wkoll bil-qalb.
3. Ir-radd il-ħajr fil-ħajja ta' kuljum.
4. Taqsmu dak li intom. L-Ewkaristija tgħallimna naqsmu l-ħin, l-enerġija u r-riżorsi, mhux inżommuhom għalina.
5. Nagħtu lilna nfusna bi mħabba: fis-servizz, fis-sagrifiċċju u fil-fedeltà.
6. Inħarsu lejn il-maħfra. Il-patt tal-Ewkaristija jfisser maħfra u bidu ġdid. L-Ewkaristija tgħallimna naħfru u nerġgħu nibdew.
7. Nifhmu li d-dgħufija teżisti. Anki fil-familja hemm fraġilità u nuqqasijiet. L-Ewkaristija tgħallimna ma naqtgħux qalbna minħabba d-dgħufija ta' xulxin.
8. Nibqgħu fidili minkejja kollox. L-Aħħar Ċena saret qabel is-salib. Il-fedeltà titwieled mill-Ewkaristija, anki meta l-mumenti jkunu diffiċli. Il-familja tgħix l-Ewkaristija meta tiftakar lil Ġesù fil-għażliet ta' kuljum: fl-imħabba, fil-ġustizzja u fis-servizz.

## 5. Il-mejda ta' Għemmaws (Lq 24:13-35) – Laqgħa mal-Irxoxt

*"Dakinhar stess ġara li tnejn minnhom kienu sejrin lejn raħal jismu Għemmaws, xi sittin stadju bogħod minn Ġerusalemm, jitħaddtu*

*bejniethom fuq kulma kien ġara. Huma u jitħaddtu u jitkixxfu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom. Imma għajnejhom kellhom xi jżommhom u ma setgħux jagħrfuh. U hu qalilhom: 'X'intom tgħidu bejnietkom intom u miexja?'. U huma waqfu, b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom. Imbagħad wieħed minnhom, jismu Kleofa, wieġeb u qallu: 'Inti waħdek il-barrani f'Ġerusalemm li ma tafx x'ġara hemmhekk f'dawn il-jiem?'. 'X'ġara?', staqsiehom Ġesù. Qalulu: 'Dak li ġara lil Ġesù ta' Nazaret, li kien profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem quddiem Alla u quddiem il-poplu kollu, kif il-qassisin il-kbar u l-kapijiet tagħna tawh f'idejn il-gvernatur biex ikun ikkundannat għall-mewt u sallbuh. Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael; iżda issa, fuq kollox ġa għaddew tlitt ijiem minn dawn il-ġrajja! Issa wkoll xi wħud min-nisa tagħna ħasduna, għax marru kmieni ħdejn il-qabar u l-katavru tiegħu ma sabuhx; ġew jgħidu wkoll li dehrulhom xi anġli li qalulhom li hu ħaj. Imbagħad marru ħdejn il-qabar xi wħud minn tagħna u sabu kollox kif kienu qalu n-nisa, imma lilu ma rawhx!'. Qalilhom Ġesù: 'Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kulma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?'. U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu.*
*Meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu sejrin hu għamel tabirruħu li hu kien se jibqa' sejjer aktar 'il bogħod. Iżda huma ġegħluh jibqa' magħhom u qalulu: 'Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm'. Imbagħad daħal biex joqgħod magħhom. U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom. Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom. U wieħed lill-ieħor bdew jgħidu: 'Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?'. Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm. Hemm sabu lill-Ħdax u lil sħabhom miġbura flimkien, u dawn qalulhom: 'Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun!'. U huma wkoll tarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq, u kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż".*

Dan ir-rakkont irridu nikkunsidrawh fil-kuntest reliġjuż tal-epoka fejn ir-reliġjon ma kinitx tikkunsidra b'mod favorevoli l-ikel u kienet tħares lejh b'suspett. Ir-reliġjon hija pjuttost tal-fehma li tillimita l-ikel

hekk li ħolqot is-sawm imma fl-istess ħin ma tikkundannax li nieklu flimkien. U għalhekk nifhmu l-iżvolta li jwettaq Ġesù, tant li għandna xi studjużi li jaslu li jgħidu li Ġesù ġie maqtul għall-mod kif huwa kien jippermetti li joqgħod mal-mejda għax kien qiegħed iħassar it-tradizzjonijiet reliġjużi u morali tal-poplu Lhudi.

Il-kuntest tas-silta huwa l-mewt ta' Ġesù u skont xi vuċijiet issa wkoll qam mill-imwiet. Dak li joħroġ mir-rakkonti tal-vanġeli huwa li d-dixxipli huma delużi aktar mill-qawmien tiegħu milli mill-mewt tiegħu. Kif ikun dan u kif inhu possibbli?

Ġesù ġarrab mewt infamanti – skont il-liġi Lhudija Ġesù kellu jkun imħaġġar u skont id-Drittu Ruman kellhom jaqtgħulu rasu. Imma għalfejn il-qassisin il-kbar talbu għal Ġesù li jkun ikkundannat għall-mewt tas-salib, li kienet tortura infami? Għax għalihom ma kienx biżżejjed li Ġesù jiġi kkundannat għall-mewt, għaliex il-mewt waħidha kienet ser tagħmel lil Ġesù martri per eċċellenza, u jekk Ġesù jsir martri kien ifisser periklu akbar għall-istituzzjoni reliġjuża. Kien meħtieġ li Ġesù jiġi eliminat bil-manjiera l-aktar infamanti li tħassar u ma tħalli l-ebda dubju li Ġesù mhux il-mibgħut ta' Alla, li mhux l-Iben ta' Alla. Għalhekk jagħżlu għalih il-mewt li skont l-Iskrittura kienet imħollija għall-misħutin ta' Alla. Misħut hu min hu mdendel mal-għuda – u l-Iskrittura ma tiżbaljax! U għalhekk għażlu għal Ġesù din il-mewt infamanti li kienet ser tkun is-siġill u l-prova li Ġesù mhux il-mibgħut ta' Alla. Fuq kollox it-tradizzjoni reliġjuża Lhudija kienet iżżomm li l-Messija ma kellux imut – u għalhekk jekk Ġesù miet, sinjal li konna żbaljati, ninsew kollox u nibdew mill-ġdid!

Kienu żminijiet meta kull tant u tant kien jitfaċċa xi ħadd li kien jgħid lill-poplu li huwa l-mibgħut ta' Alla u jiġbor madwaru ftit dixxipli u jibda xi rewwixta kontra Ruma, u eventwalment kollox kien jintemm f'baħar ta' dmija. Fl-Atti tal-Appostli għandna l-każ ta' Tewda li nġabret miegħu folla ta' madwar 400 raġel, imma huwa stess ġie maqtul u anki dawk li pperswadew ruħhom u saru dixxipli tiegħu, u kollox safa fix-xejn. Wara Tewda kien hemm ieħor mill-Galilija, jismu Ġuda, ġej minn dan it-territorju fejn kien hemm ħafna lesti għall-ġlied

u kienu ta' qattagħni. Imma anki dan spiċċa ħażin flimkien ma' dawk ta' miegħu. U għalhekk Ġesù bħal Tewda u bħal Ġuda l-Galilew spiċċa ħażin. Jiżdied ma' dawk il-bosta li ddeludew il-poplu għaliex qalilhom li huwa l-Messija, imma fil-fatt kellu tmiem traġiku fis-salib. Issa jekk Ġesù miet, sempliċiment irridu nistennew lil xi messija ieħor. Imma jekk Ġesù rxoxta, allura dan ifisser li sfumaw fix-xejn il-ħolm tal-glorja u tal-qawwa. Stennew Ġesù li kellu jeħles lil Iżrael biex iwaqqaf mill-ġdid is-saltna ta' Iżrael. Issa jekk Ġesù rxoxta, dan il-ħolm kollu li kellhom sfuma fix-xejn. Dan huwa l-kuntest ta' Lq 24.

Luqa jindikalna dawn iż-żewġ dixxipli li kienu mexjin jitbiegħdu minn Ġerusalemm lejn raħal madwar 60 stadju 'l bogħod minn Ġerusalemm jismu Għemmaws. Din hija indikazzjoni importanti għaliex bil-mewt ta' Ġesù d-dixxipli jitferrxu minħabba d-disperazzjoni u l-konfużjoni u kulħadd jaqbad direzzjoni żbaljata.

In-nisa jmorru ħdejn il-qabar u jsibu tnejn min-nies li jgħidulhom: *"Għalfejn tfittxu qalb il-mejtin lil dak li huwa ħaj?"*. Min-naħa tagħhom id-dixxipli jitilqu lejn Għemmaws għaliex f'din il-lokalità żewġ sekli qabel kienet twettqet ir-rebħa ta' Ġuda l-Makkabew kontra l-pagani, u dan kien jum ta' ħelsien kbir għall-poplu ta' Iżrael. Għalhekk bil-mewt ta' Ġesù l-komunità tinxtered u jmorru jfittxu lil Ġesù fejn qatt ma naslu li nsibuh. In-nisa marru ħdejn il-qabar, imma ma nistgħux insibu lil Ġesù qalb il-mejtin għaliex huwa l-Ħaj. Il-bnedmin imorru lejn il-passat, imma Ġesù jinsab fil-preżent. Konsegwentement il-komunità tixtered u jitkellmu bejniethom fuq kulma kien ġara bħala diżappunt kbir għalihom.

*"Huma u jitħaddtu u jitkixxfu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom"*. L-indikazzjoni li jagħti l-evanġelista hija ħafna prezzjuża: Ġesù huwa ragħaj li ma jabbanduna qatt lin-nagħaġ, anki meta dawn jabbandunawh u jitferrxu. Mhumiex id-dixxipli li jfittxu lil Ġesù, għaliex dawn jaqbdu t-triq li twassal lejn il-mewt jew lejn il-passat. Imma Ġesù huwa r-ragħaj li jmur ifittixhom u ma jħallihomx jintilfu, imma għajnejhom kellhom xi jżommhom. Dak li jirrakkonta l-evanġelista mhux fatt iżolat ta' 2,000 sena ilu, imma

indikazzjoni teoloġika li tirrigwardja l-ħajja tal-bnedmin tal-fidi għaż-żminijiet kollha. M'għarufhx lil Ġesù mhux għaliex biddel l-elementi karatteristiċi tal-ġisem tiegħu, imma għaliex id-dixxipli ħarsithom hija mwaħħla fil-passat, lejn Għemmaws u s-saltna ta' Iżrael, u għalhekk ma jagħrfux il-preżenza ta' Ġesù li kien magħhom. Meta jħarsu lejn il-passat ma jistgħux jipperċepixxu l-preżenza ta' Ġesù li juri lilu nnifsu lilhom u fil-komunità tagħhom. Mela Ġesù huwa magħhom, imma min iħares lejn il-passat mhux ser jilmħu. U għalhekk hija importanti din l-indikazzjoni tal-evanġelista, għaliex turina l-ħajja ta' kull komunità tal-fidi. Huma jibku l-mejjet, imma ma jistgħux jagħrfu lil dak li huwa Ħaj għaliex ħarsithom hija lejn il-passat glorjuż ta' Iżrael u għalhekk ma jintebħux bil-preżenza ta' dak li hu Ħaj u li jagħti l-vera ħajja.

*"U hu qalilhom: 'X'intom tgħidu bejnietkom intom u miexja?'. U huma waqfu, b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom".* Iħossuhom telliefa u mirbuħa hekk li huma delużi għall-fatt li kienu mxew wara Ġesù. L-isem Kleofa huwa isem li għandu tifsira importanti: Kleopatros ifisser missier glorjuż, missier illustri, u għalhekk ifisser wieħed li jistenna l-glorja.

Jagħtuh l-indikazzjonijiet fuq Ġesù bħala n-Nazzarenu li kienet ir-raġuni tal-akkuża u tal-arrest ta' Ġesù. Nazaret, li kienet fl-għoljiet tal-Galilija, kienet bejta ta' nies rivoluzzjonarji u jmexxu rewwixti kontra l-poter ta' Ruma. Ma kienu fehmu xejn fuq Ġesù – Ġesù n-Nazzarenu ma kienx bniedem qawwi, profeta setgħan fil-kliem u fl-għemil quddiem Alla u quddiem il-poplu. Minkejja ż-żmien li għamlu ma' Ġesù, ma fehmux min huwa Ġesù – għalihom kien profeta setgħan, u din hija twissija għall-komunità tal-fidi għaliex meta persuna hija vittma ta' ideoloġija reliġjuża, ma tistax tasal li tagħraf il-preżenza tal-Mulej fi jġedded kollox. Huma kienu qegħdin jistennew profeta setgħani mibgħut minn Alla biex jirriforma l-istituzzjonijiet ta' Iżrael. L-istennija kienet ta' Messija li fil-miġja tiegħu kellu jippurifika l-istituzzjonijiet ta' Iżrael. It-Tempju kien xi ħaġa inkredibbli, għaliex aktar kien jinstema' l-għadd tal-flus milli l-kant tas-salmi, kienet massa ta' interessi. Il-Messija fil-miġja tiegħu kellu jippurifika t-

Tempju, kellu jnaddaf il-liġi u jwassalhom biex iħarsuha. Il-liġi maż-żmien kienet kibret u żdiedet b'ħafna regoli, affermazzjonijiet ġodda, u ma kienx mifhum aktar liema kienet il-liġi oriġinarja ta' Alla u ż-żidiet magħmula mill-kittieba. Il-Messija kellu jippurifika l-kult u s-saċerdozju li kien sar imniġġes mill-interessi. Din kienet l-istennija li huma kellhom: profeta li jirriforma l-istituzzjonijiet sagri ta' Iżrael. Kieku Ġesù aċċetta l-aspettattiva tad-dixxipli u tal-poplu, kien jakkwista t-trijonf. Dan hu dak li l-poplu kien jistenna. Ġesù ħallas din l-għażla bil-prezz tal-ħajja tiegħu. Dan kien l-iżball ta' Ġesù li swielu ħajtu – u li l-poplu u n-nies kienu jemmnu li dan jippermetti l-komunjoni ma' Alla, imma lil Ġesù kien ifixklu. Dan il-kumpless ta' istituzzjonijiet reliġjużi bħalma kienu t-Tempju, is-saċerdozju u l-liġi, minflok ma jiffavorixxu l-komunjoni ma' Alla kienu pjuttost ifixklu. Imma Ġesù ma ċediex, għaliex hu ma ġiex biex jippurifika t-Tempju imma sabiex jeliminah, għaliex Alla ta' Ġesù mhux Alla li jitlob, imma huwa Alla li jagħti. Dak Alla li jitlob għandu bżonn tat-Tempju fejn in-nies imorru sabiex joffru l-ħwejjeġ lil Alla, waqt li dak Alla li ma jitlobx imma li joffri, m'għandux bżonn tat-Tempju imma bżonn ta' persuni li jilqgħuh. Il-kriminalità li wettaq Ġesù skont huma, kienet li niżżel lil Alla mis-sema. Sakemm Alla kien imbiegħed fl-għoli tas-smewwiet, l-istituzzjoni reliġjuża kienet medjatur jew medjatriċi bejn il-bnedmin u Alla, imma issa Alla mhux aktar imbiegħed imma qribna u jitlobna sabiex nilqgħuh fil-ħajja tagħna. Irid jitwaħħad magħna u jagħtina l-ħila tal-imħabba tiegħu, u hekk kull persuna ssir santwarju veru u uniku li minnu tiddi l-imħabba.

Għal dawn iż-żewġ dixxipli, il-mewt tibqa' traġedja, imma fid-dawl tal-Iskrittura, Ġesù jinterpretaha bħala meħtieġa (*dei*), kelma teknika li tindika r-rieda ta' Alla u li tidher erba' darbiet f'Luqa 24 (7, 26, 44, 46). L-Irxoxt jibqa' mhux magħruf jekk ma nidħlux permezz tal-Iskrittura fil-ġrajja tal-mewt tas-salib. Il-qawmien jiżvela l-wiċċ moħbi tas-salib, imma l-Irxuxtat jibqa' moħbi jekk ma nifhmux is-salib. L-Iskrittura hija msemmija fiż-żewġ partijiet tagħha: il-Liġi, meqjusa opra ta' Mosè, u l-profeti. Ġesù jħaddan l-Iskrittura kollha li huma kienu jżommu li jafuha bl-amment – jintuża l-verb li minnu toħroġ il-kelma teknika *ermenewtika* li tfisser interpretazzjoni. Il-

ġrajja tal-Għid tal-Mulej Ġesù hija ċ-ċavetta li tinterpreta l-Iskrittura kollha fil-kuntest tal-imħabba bla kundizzjonijiet ta' Alla għall-bniedem.

Il-ġesti li jwettaq Ġesù jirrappreżentaw b'mod sħiħ il-ħajja kollha tiegħu bħala don mogħti daqslikieku kienet ħobż maqsum. Dawn huma l-ġesti li jibqgħu jagħmlu preżenti lil Ġesù fil-Knisja tal-ġejjieni. Ġesù ta u jkompli jagħti lilu nnifsu, u jibqa' preżenti fil-komunità tal-fidi bħala dak li jagħti u mhux li jieħu kif fisser huwa stess: *"...jien qiegħed fostkom nagħmilha ta' qaddej"* (Lq 22,27b). Hekk Ġesù qatt ma jassenta lilu nnifsu mill-komunità tal-fidi.

**Xi riflessjonijiet għall-predikazzjoni**

1. Ġesù jimxi magħna, anki meta ma nagħrfuhx. Fl-Ewkaristija, Ġesù hu dejjem preżenti fil-mixja tal-ħajja tagħna, anki meta ma nħossuhx jew ma nagħrfuhx immedjatament.
2. Il-Kelma tħejjina għall-Ewkaristija. Il-Liturġija tal-Kelma u l-Liturġija tal-Ewkaristija huma marbuta: il-Kelma tqanqal il-qalb biex nagħrfu lil Kristu fil-qsim tal-ħobż.
3. Nagħrfuh fil-qsim tal-ħobż. Ġesù jagħmel lilu nnifsu magħruf fl-Ewkaristija, bħalma għamel fl-Aħħar Ikla.
4. L-Ewkaristija toħloq komunità. "Ibqa' magħna" – l-Ewkaristija mhix esperjenza individwali biss, imma laqgħa tal-komunità li tiġborna flimkien madwar Kristu.
5. Min tassew jiltaqa' ma' Kristu, joħroġ iħabbar il-Vanġelu. Wara li għarfuh, id-dixxipli reġgħu lura Ġerusalemm biex ixandru l-aħbar. L-Ewkaristija tibgħatna: min jirċievi lil Kristu hu msejjaħ jixhed għalih fil-ħajja ta' kuljum.

DJOĊESI TA' GĦAWDEX